IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.10.2022
COM(2022) 542 final/2

2022/0347 (COD)

This document corrects COM(2022) 542 final.
Concerns all languages versions.
Formatting adjustments which do not affect the substance of the text.
The text shall read as follows:

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa

(riformulazzjoni)

{SEC(2022) 542} - {SWD(2022) 345, 542, 545}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-arja nadifa hija essenzjali għas-saħħa tal-bniedem u għas-sostenn tal-ambjent. Matul dawn l-aħħar tliet deċennji sar titjib kbir fil-kwalità tal-arja fl-Unjoni Ewropea (UE), bis-saħħa ta' sforzi konġunti mill-UE u mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri sabiex jitnaqqsu l-impatti negattivi tat-tniġġis tal-arja[1]. Madankollu, madwar 300 000 mewta prematura fis-sena (meta mqabbla ma' mhux aktar minn miljun fis-sena fil-bidu tas-snin disgħin) u numru sinifikanti ta' mard mhux komunikabbli bħall-użma, il-problemi kardjovaskulari u l-kanċer tal-pulmun, għadhom attribwiti għat-tniġġis tal-arja (u speċjalment għall-materja partikolata, id-diossidu tan-nitroġenu u l-ożonu)[2][3];. It-tniġġis tal-arja għadu l-kawża ambjentali ewlenija ta' mwiet bikrija fl-UE. Dan jaffettwa b'mod sproporzjonat gruppi vulnerabbli bħat-tfal, l-anzjani u l-persuni b'kundizzjonijiet preeżistenti, kif ukoll gruppi soċjoekonomikament żvantaġġati[4]. Hemm ukoll evidenza dejjem akbar li t-tniġġis tal-arja jista' jkun assoċjat ma' bidliet fis-sistema nervuża, bħad-dimenzja[5].

Barra minn hekk, it-tniġġis tal-arja jhedded l-ambjent permezz tal-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni, u l-ħsara lill-ożonu, u jikkawża ħsara lill-foresti, lill-ekosistemi u lill-għelejjel. L-ewtrofikazzjoni mid-depożizzjoni tan-nitroġenu taqbeż it-tagħbijiet kritiċi f'żewġ terzi taż-żoni tal-ekosistema madwar l-UE, b'impatt sinifikanti fuq il-bijodiversità[6]. Din il-pressjoni tat-tniġġis tista' taggrava s-sitwazzjonijiet ta' eċċess ta' nitroġenu permezz tat-tniġġis tal-ilma.

F'Novembru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat il-Kontroll tal-Idoneità tagħha tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent (id-Direttivi 2004/107/KE u 2008/50/KE)[7]. Hija kkonkludiet li d-Direttivi kienu *parzjalment* effettivi fit-titjib tal-kwalità tal-arja u fl-issodisfar tal-istandards tal-kwalità tal-arja, iżda li sal-lum ma ntlaħqux l-objettivi kollha tagħhom.

F'Diċembru 2019, fil-Patt Ekoloġiku Ewropew[8], il-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha li tkompli ttejjeb il-kwalità tal-arja u li tallinja l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE aktar mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Ir-rakkomandazzjonijiet tad-WHO ġew riveduti l-aktar reċentement f'Settembru 2021[9] u huma soġġetti għal rieżami xjentifiku perjodiku, tipikament kull 10 snin. Dan l-objettiv ta' allinjament aktar mill-qrib mal-aħħar sejbiet xjentifiċi ġie kkonfermat fil-pjan ta' azzjoni ta'

---

1 Ara, pereżempju: EEA (2018), Rapport tal-2018 dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ewropa. L-istima medjana għas-settijiet tad-*data* kollha disponibbli indikat 445 000 mewta prematura madwar l-Ewropa kull sena fl-2015, meta mqabbla ma' sitwazzjoni ta' 25 sena qabel meta l-valur medjan kien ta' 960 000 mewta kull sena fl-1990.

2 Kif speċifikat mid-WHO, "mard mhux komunikabbli (NCDs), magħruf ukoll bħala mard kroniku, għandu t-tendenza li jdum għal żmien twil u huwa r-riżultat ta' taħlita ta' fatturi ġenetiċi, fiżjoloġiċi, ambjentali u ta' mġiba. L-NCDs jaffettwaw b'mod sproporzjonat lin-nies f'pajjiżi bi dħul baxx u medju, fejn iseħħu aktar minn tliet kwarti tal-imwiet globali b'NCD (31,4 miljun)."

3 Ara, pereżempju: EEA (2021), Rapport tal-2021 dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ewropa.

4 Ara, pereżempju, EEA (2018): Esponiment inugwali u impatti inugwali: vulnerabbiltà soċjali għat-tniġġis tal-arja, għall-istorbju u għal temperaturi estremi fl-Ewropa.

5 L-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Istati Uniti (2019 u 2022): Valutazzjoni Integrata tax-Xjenza għall-Materja Partikolata; Suppliment għall-Valutazzjoni Integrata tax-Xjenza tal-2019 għall-Materja Partikolata.

6 Ara, pereżempju, it-Tieni Perspettiva dwar l-Arja Nadifa, COM(2021) 3.

7 Id-Direttiva 2004/107/KE dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali u d-Direttiva 2008/50/KE dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa, kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/1480.

8 COM(2019) 640.

9 WHO (2021) Linji Gwida Globali tal-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja.

tniġġis żero[10], li jinvolvi viżjoni għall-2050 sabiex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja (u tal-ilma u tal-ħamrija) għal livelli li ma jibqgħux jitqiesu ta' ħsara għas-saħħa u għall-ekosistemi naturali, u li jirrispettaw il-konfini li l-pjaneta tagħna tista' tlaħħaq magħhom, u b'hekk joħolqu ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi. Barra minn hekk, ġew introdotti miri għall-2030, li tnejn minnhom jirrigwardaw l-arja: sabiex jitnaqqsu l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa (imwiet prematuri) b'aktar minn 55 %, u s-sehem tal-ekosistemi tal-UE fejn it-tniġġis tal-arja jhedded il-bijodiversità b'25 %. Standards tal-kwalità tal-arja aktar stretti jikkontribwixxu wkoll għall-objettivi tal-Pjan tal-Ewropa sabiex Jingħeleb il-Kanċer[11]. Fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni ħabbret ukoll li se ssaħħaħ il-monitoraġġ, l-immudellar u l-ippjanar tal-kwalità tal-arja.

L-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna, li bdiet fi Frar 2022, wasslet lill-mexxejja tal-UE jaqblu dwar il-ħtieġa li titħaffef b'mod urġenti t-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni tal-enerġija nadifa, bil-għan li titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq il-gass u fjuwils fossili oħrajn importati mir-Russja. Fit-18 ta' Mejju 2022 ġie adottat pakkett ambizzjuż ta' miżuri RePowerEU, bil-għan, fost l-oħrajn, li jgħin lill-Istati Membri jħaffu l-użu tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Jekk jiġi implimentat malajr kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni[12], dan il-pakkett jista' jkollu kobenefiċċji sinifikanti minn perspettiva tat-tniġġis tal-arja.

Id-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent huma parti minn qafas komprensiv ta' politika dwar l-arja nadifa mibni fuq tliet pilastri ewlenin. L-ewwel wieħed jikkonsisti mid-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent infushom, li jistabbilixxu standards ta' kwalità għal-livelli ta' konċentrazzjoni ta' 12-il sustanza li tniġġes l-arja ambjentali. It-tieni huwa d-Direttiva dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (id-Direttiva NEC), li tistabbilixxi impenji għal kull Stat Membru sabiex inaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi ewlenin li jniġġsu l-arja ambjentali u l-prekursuri tagħhom, filwaqt li jaġixxu fi ħdan l-UE sabiex jiksbu tnaqqis konġunt fit-tniġġis transkonfinali[13]. Ma' dan jiżdiedu l-isforzi internazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-Konvenzjoni dwar l-Arja tal-UNECE, sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet transkonfinali minn barra l-UE[14]. It-tielet pilastru jikkonsisti minn leġiżlazzjoni li tistabbilixxi standards ta' emissjonijiet għal sorsi ewlenin tat-tniġġis tal-arja, bħall-vetturi tat-trasport bit-triq, l-installazzjonijiet tat-tisħin domestiku u l-installazzjonijiet industrijali[15].

L-ammont ta' tniġġis minn tali sorsi huwa affettwat ukoll minn politiki oħrajn li jinfluwenzaw attivitajiet u setturi ewlenin f'oqsma bħat-trasport, l-industrija, l-enerġija u l-klima, u l-agrikoltura. Numru minn dawn il-politiki huma parti minn inizjattivi reċenti li ttieħdu fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, bħall-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero, il-Liġi Ewropea

---

10 COM(2021) 400.

11 COM(2021) 44. Il-Pjan sabiex Jingħeleb il-Kanċer jikkonferma l-ħtieġa li jitnaqqas it-tniġġis tal-arja tal-ambjent, li jikkawża, fost l-oħrajn, il-kanċer tal-pulmun. Il-pjan jinkludi wkoll proposta leġiżlattiva fl-2022 sabiex ikompli jitnaqqas l-esponiment tal-ħaddiema għall-asbestos, ara COM(2022(489).

12 COM(2022)230.

13 Ara d-Direttiva 2016/2284/UE.

14 Ta' min jinnota li l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja minn barra l-Istati Membri tal-UE għandhom ukoll rwol fit-tniġġis fl-isfond fl-UE. Il-Konvenzjoni dwar l-Arja tal-UNECE jista' jkollha rwol ewlieni fit-tnaqqis ta' dawn l-emissjonijiet, kif ukoll fil-bini tal-kapaċitajiet u appoġġ ieħor ipprovdut mill-UE fil-kuntest tal-proċessi ta' adeżjoni, b'mod partikolari għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

15 Inkluż id-Direttivi 2010/75/UE (dwar l-emissjonijiet industrijali), 2015/2193/UE (dwar l-impjanti ta' kombustjoni medji), 98/70/KE (dwar il-kwalità tal-fjuwil), 2016/802/UE (dwar il-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils likwidi), 2009/125/KE (dwar l-ekodisinn), kif ukoll ir-Regolamenti KE 443/2009 u 510/2011 (dwar l-istandards tal-emissjonijiet għall-vetturi), ir-Regolamenti (UE) 2016/427, (UE) 2016/646, u (UE) 2017/1154 (dwar l-emissjonijiet f'sewqan reali), u r-Regolament (UE) 2016/1628 (dwar il-makkinarju mobbli mhux tat-triq).

dwar il-Klima[16] u l-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %[17]" b'inizjattivi dwar l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, l-istrateġija dwar il-metan[18], l-istrateġija għal mobilità sostenibbli u intelliġenti[19], il-qafas il-ġdid relatat tal-mobilità urbana[20] għall-2021, l-istrateġija għall-bijodiversità[21] u l-inizjattiva mill-għalqa sal-platt[22]. Barra minn hekk, huwa mistenni li jirriżulta tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa mill-karozzi, mill-vannijiet, mit-trakkijiet u mill-karozzi tal-linja mill-adozzjoni u mill-implimentazzjoni tal-proposta li ġejja dwar l-Euro 7 (ara PLAN/2020/6308).

Ir-reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent se tamalgama d-Direttivi f'waħda, u tfittex li:

- tallinja l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE aktar mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO
- tkompli ttejjeb il-qafas leġiżlattiv (eż. fir-rigward tal-penali, u l-informazzjoni pubblika)
- tappoġġa aħjar lill-awtoritajiet lokali fil-kisba ta' arja aktar nadifa permezz tat-tisħiħ tal-monitoraġġ, l-immudellar u l-pjanijiet tal-kwalità tal-arja.

Il-valutazzjoni tal-impatt turi li l-benefiċċji tar-reviżjoni proposta għas-soċjetà jegħlbu bil-bosta l-kostijiet. Il-benefiċċji ewlenin mistennija huma relatati mas-saħħa (inklużi t-tnaqqis fil-mortalità u l-morbidità, it-tnaqqis fin-nefqa fuq il-kura tas-saħħa, it-tnaqqis fl-assenza mix-xogħol minħabba mard u ż-żieda fil-produttività fuq il-post tax-xogħol) u l-ambjent (inkluż it-tnaqqis fit-telf tar-rendiment tal-għelejjel relatat mal-ożonu).

1.1. Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Din l-inizjattiva hija parti mill-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni tal-2022 u azzjoni ewlenija fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero. Bħall-inizjattivi kollha fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, dan għandu l-għan li jiżgura li l-objettivi jintlaħqu bl-aktar mod effettiv u bl-anqas piż u li jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Il-proposta tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-ambizzjoni ta' tniġġis żero u l-miri tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero għall-kwalità tal-arja għall-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent. Ħafna politiki u prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew huma ta' rilevanza għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-proposta, u jistgħu jibbenefikaw miż-żieda fl-ambizzjoni skont id-Direttiva proposta. Dawn jinkludu:

- Il-Liġi dwar il-Klima u l-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" bl-ambizzjoni klimatika akbar tagħhom se jrawmu l-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi jew żero b'kobenefiċċji għall-kwalità tal-arja (bħal sorsi ta' enerġija rinnovabbli mhux kombustibbli, miżuri għall-effiċjenza enerġetika, mobbiltà elettrika). Il-proposti dwar ambizzjoni akbar jinkludu ambizzjoni akbar tas-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS), ambizzjoni akbar tar-Regolament tal-UE dwar il-Kondiviżjoni tal-

[16] ir-Regolament (UE) 2021/1119.
[17] COM(2021) 550.
[18] COM(2020) 663.
[19] COM(2020) 789, inkluż impenn tal-Kummissjoni li tniedi studju ddedikat fl-2023, li se jidentifika u jiċċara liema soluzzjonijiet diġitali u tekniċi se jkunu disponibbli sabiex jippermettu skemi ta' restrizzjoni għall-aċċess ta' vetturi urbani aktar effettivi u faċli għall-utent (UVAR), inklużi żoni b'emissjonijiet baxxi (LEZ), filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà (ara wkoll COM(2021) 811).
[20] COM(2021) 811.
[21] COM(2020) 380.
[22] COM(2020) 381.

Isforzi, u standards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 aktar stretti għall-karozzi u għall-vannijiet li jirrikjedu li l-karozzi u l-vannijiet irreġistrati ġodda kollha jkunu b'emissjonijiet żero mill-2035. Standards aktar stretti dwar il-kwalità tal-arja skont din il-proposta se jġibu kobenefiċċji għall-klima fil-forma ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, b'mod partikolari l-emissjonijiet tas-CO2, mill-ħruq tal-fjuwils fossili, u t-tnaqqis tal-karbonju iswed (BC), sustanza inkwinanti ta' ħajja qasira (SLCF).

- RePowerEU jipproponi azzjonijiet sabiex titnaqqas b'mod rapidu d-dipendenza tal-Ewropa fuq il-fjuwils fossili Russi, inkluż tnaqqis ġenerali tal-konsum tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet tal-enerġija, is-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili u l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli fil-ġenerazzjoni tal-enerġija, l-industrija, il-bini u t-trasport u l-investimenti intelliġenti. It-tħaffif ta' dawn l-azzjonijiet jista' jkun ta' benefiċċju wkoll għall-kwalità tal-arja.
- Żieda fl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli li ma jaqbdux se tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u għalhekk l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, u b'hekk ittejjeb il-kwalità tal-arja. L-inizjattivi li jippromwovu s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli jinkludu l-proposta tal-2021 għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED II)[23], li tressaq miri aktar ambizzjużi għall-2030, kif ukoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2022 dwar RePowerEU bl-enfasi tagħha fuq l-investimenti inizjali sostanzjali fl-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari l-enerġija solari u r-riħ, u fil-pompi tas-sħana, li kollha huma ta' benefiċċju wkoll għall-kwalità tal-arja.
- Ambizzjoni akbar dwar l-effiċjenza enerġetika u l-introduzzjoni ta' mira vinkolanti tal-UE għall-effiċjenza enerġetika permezz tal-proposta dwar Direttiva riveduta dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija[24] se jnaqqsu l-ħtiġijiet tal-enerġija b'mod ġenerali, inkluż tal-fjuwils fossili u b'hekk inaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, filwaqt li se jtejbu l-kwalità tal-arja.
- L-azzjoni fl-ambitu tal-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti u l-qafas l-ġdid relatat tal-2021 dwar il-mobilità urbana li jappoġġa l-bidla lejn trasport b'emissjonijiet aktar baxxi u dak pubbliku se jġibu kobenefiċċji pożittivi għall-kwalità tal-arja. Xi azzjonijiet b'rilevanza partikolari għall-kwalità tal-arja jinkludu standards aktar stretti dwar l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja għall-vetturi b'magna tal-kombustjoni (fil-proposta li ġejja tal-**Euro 7**)[25]; il-proposta għal regolament **dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi**[26]: huwa meħtieġ network komprensiv ta' infrastruttura għall-irriċarġjar u għar-riforniment ta' fjuwil sabiex jiġi ffaċilitat l-użu akbar ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluża l-mobbiltà elettronika, li ġġib magħha kobenefiċċji importanti tal-kwalità tal-arja.; il-proposti għal **ReFuelEU Aviation** u **FuelEU Maritime** jinkludu miżuri li jippromwovu fjuwils aktar nodfa, b'potenzjal li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, u sabiex tittejjeb il-kwalità tal-arja qrib il-portijiet u l-ajruporti billi jkun meħtieġ l-użu ta' provvista tal-enerġija fuq l-art jew ta' enerġija b'emissjonijiet żero rmiġġati għal tipi speċifiċi ta' vapuri u fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fl-inġenji tal-ajru. Min-naħa l-oħra, id-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent iwasslu għal azzjoni akbar fiż-żoni urbani sabiex wieħed jimxi lejn mobbiltà b'emissjonijiet aktar baxxi, l-introduzzjoni ta' żoni b'emissjonijiet baxxi, żieda fl-użu tat-trasport pubbliku u mobbiltà attiva sabiex jintlaħqu l-valuri ta' limitu.

---

[23] COM (2021) 557 final
[24] COM/2021/558 final
[25] COM (2022), L-istandards Ewropej tal-emissjonijiet tal-vetturi – il-Euro 7 għall-karozzi, il-vannijiet, it-trakkijiet u l-karozzi tal-linja (aċċessat fl-4.8.2022)
[26] COM(2021) 559 final

- L-ekoloġizzazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni u l-Istrateġija “mill-Għalqa sal-Platt” jistgħu jgħinu sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-agrikoltura, pereżempju permezz tal-promozzjoni ta’ miżuri għat-tnaqqis tal-ammonijaka permezz ta’ Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jew it-titjib tal-ġestjoni tan-nutrijenti.
- Standards tal-kwalità tal-arja aktar stretti skont din il-proposta se jgħinu sabiex tiġi protetta d-diversità f’konformità mal-Istrateġija għall-Bijodiversità, filwaqt li politiki li jtejbu s-saħħa tal-ekosistema, bħal-Liġi proposta dwar ir-Restawr tan-Natura, jistgħu jagħtu riżultati wkoll fir-rigward tal-aspetti ta’ arja nadifa.

1.2. Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika sabiex l-UE taġixxi fuq il-kwalità tal-arja tinsab fl-Artikoli 191 u 192 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), dwar l-ambjent. Dawn l-Artikoli jagħtu s-setgħa lill-UE sabiex taġixxi ħalli tippreserva, tipproteġi, u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent, tipproteġi s-saħħa tal-bniedem u tippromwovi miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jiġu indirizzati problemi ambjentali reġjonali jew madwar id-dinja. L-istess bażi ġuridika tirfed id-Direttivi attwali dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent. Minħabba li dan huwa qasam ta’ kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri, l-azzjoni tal-UE trid tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

1.3. Sussidjarjetà u proporzjonalità

L-objettivi ta’ din il-proposta ma jistgħux jintlaħqu b’mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom. Dan huwa dovut, l-ewwel nett, għan-natura transkonfinali tat-tniġġis tal-arja: l-immudellar atmosferiku u l-kejl tat-tniġġis tal-arja juru bla dubju li t-tniġġis li jiġi emess fi Stat Membru wieħed jikkontribwixxi għat-tniġġis imkejjel fi Stati Membri oħrajn[27]. Ladarba s-sustanzi li jniġġsu l-arja jiġu emessi jew ifformati fl-atmosfera, dawn jistgħu jiġu ttrasportati fuq eluf ta’ kilometri. L-iskala tal-kwistjoni inkwistjoni tirrikjedi azzjoni madwar l-UE sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jieħdu miżuri ħalli jnaqqsu r-riskji għall-popolazzjoni f’kull Stat Membru.

It-tieni, it-TFUE jirrikjedi politiki li jimmiraw lejn livell għoli ta’ protezzjoni, filwaqt li titqies id-diversità tas-sitwazzjonijiet madwar l-UE[28]. Id-Direttivi eżistenti stabbilew standards minimi tal-kwalità tal-arja madwar l-UE iżda jħallu l-għażla tal-miżuri f’idejn l-Istati Membri, sabiex ikunu jistgħu jaġġustaw dawn il-miżuri għal ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali u lokali speċifiċi. Dan il-prinċipju jinżamm fid-Direttiva proposta, li tamalgama ż-żewġ Direttivi eżistenti dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent f’waħda.

It-tielet, il-ġustizzja u l-ugwaljanza jridu jiġu żgurati fir-rigward tal-implikazzjonijiet ekonomiċi tal-miżuri għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja u l-kwalità tal-arja fl-ambjent esperjenzati mill-persuni madwar l-UE.

1.4. Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità peress li

[27] Ara, pereżempju, l-Atlas dwar il-Partikoli Fini (PM2,5) Urbani tal-JRC li janalizza s-sorsi ta’ tniġġis ta’ materja partikolata fina f’150 belt fl-UE

[28] L-Artikolu 191.2 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)

- tamalgama żewġ Direttivi, tikkonsolida u tissimplifika d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi eżistenti f'waħda;
- tħalli d-dettalji tal-implimentazzjoni f'idejn l-Istati Membri li jafu ċ-ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali u lokali u għalhekk jistgħu jagħżlu aħjar l-aktar miżuri kosteffettivi sabiex jissodisfaw l-istandards tal-kwalità tal-arja;
- tagħti benefiċċji sostanzjali għas-saħħa u għall-ekonomija li huma mistennija li jegħlbu b'mod ċar il-kostijiet tal-miżuri li għandhom jittieħdu;
- tirrikjedi valutazzjoni aktar preċiża tal-kwalità tal-arja permezz ta' rekwiżit speċifiku ta' monitoraġġ u ta' mmudellar, li jista' jkun mistenni jrawwem miżuri aktar immirati u kosteffettivi sabiex ikun hemm konformità mal-istandards tal-kwalità tal-arja.

1.5. L-għażla tal-istrumenti

L-istrument propost jibqa' Direttiva, kif kien qabel. Mezzi oħrajn ma jkunux xierqa, peress li l-proposta hija li jitkomplew jiġu stabbiliti objettivi fil-livell tal-UE iżda li l-għażla tal-miżuri għall-konformità titħalla f'idejn l-Istati Membri, li jistgħu jaġġustaw dawn il-miżuri għal ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali u lokali differenti, jiġifieri billi jitqiesu id-diversità u l-ispeċifiċità tas-sitwazzjonijiet madwar l-UE. Il-kontinwità fl-għażla tal-istrument tiffaċilita wkoll l-amalgamazzjoni u s-simplifikazzjoni taż-żewġ Direttivi eżistenti fi strument wieħed.

2. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

2.1. Evalwazzjoni/kontroll tal-idoneità u opinjonijiet relatati tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB)

Il-Kontroll tal-Idoneità rigward id-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent[29] sab li dawn iggwidaw l-istabbiliment ta' monitoraġġ rappreżentattiv ta' kwalità għolja tal-kwalità tal-arja, stabbilew standards ċari tal-kwalità tal-arja, u ffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni affidabbli, oġġettiva u komparabbli dwar il-kwalità tal-arja, inkluża informazzjoni għal pubbliku usa'. Dawn kienu anqas ta' suċċess fl-iżgurar li ttieħdet azzjoni suffiċjenti sabiex jiġu ssodisfati l-istandards tal-kwalità tal-arja u sabiex id-durata tal-eċċessi jinżamm qasir kemm jista' jkun. Madankollu, l-evidenza disponibbli indikat li d-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent kienu kkontribwew għal xejra 'l isfel fit-tniġġis tal-arja u naqqsu n-numru u d-daqs tal-eċċessi. Il-konklużjoni, fid-dawl ta' dan it-twettiq parzjali, kienet li d-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent kienu ġeneralment adattati għall-iskop tagħhom – filwaqt li fl-istess ħin indikat lok għal titjib fil-qafas eżistenti sabiex tinkiseb kwalità tajba tal-arja madwar l-UE. Mill-Kontroll tal-Idoneità ħareġ li gwida addizzjonali, jew rekwiżiti aktar ċari fid-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent infushom, jistgħu jgħinu sabiex il-monitoraġġ, l-immudellar u d-dispożizzjonijiet għall-pjanijiet u l-miżuri jsiru aktar effettivi u effiċjenti.

Instab li l-istandards tal-kwalità tal-arja kienu strumentali sabiex il-konċentrazzjonijiet jonqsu u jitnaqqsu l-livelli ta' eċċess. Madankollu, l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE ma humiex allinjati bis-sħiħ ma' rakkomandazzjonijiet tas-saħħa stabbiliti sew[30], u kien hemm u għad

[29] SWD(2019)427

[30] Il-*Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja* ilhom jiġu riveduti mill-2021.

hemm dewmien sostanzjali fit-teħid ta' miżuri xierqa u effettivi sabiex jiġu ssodisfati l-istandards tal-kwalità tal-arja.

B'mod ġenerali, in-network ta' monitoraġġ instab li fil-biċċa l-kbira tiegħu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi eżistenti dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, u li jiżgura li tkun disponibbli *data* affidabbli u rappreżentattiva dwar il-kwalità tal-arja. Madankollu, ġie nnotat tħassib li l-kriterji dwar il-monitoraġġ joffru wisq flessibbiltà u jippreżentaw xi ambigwità għall-awtoritajiet rilevanti.

B'segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, il-Kontroll tal-Idoneità pprovda kjarifiki ulterjuri f'diversi oqsma, inkluż dwar id-differenzi bejn l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE u r-rakkomandazzjonijiet tad-WHO, ix-xejriet tal-kwalità tal-arja u l-monitoraġġ, l-effettività tal-leġiżlazzjoni fl-issodisfar tal-istandards tal-kwalità tal-arja, il-feedback mingħand il-partijiet ikkonċernati u l-perċezzjoni tal-pubbliku rigward il-kwalità tal-arja.

2.2. Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kellha l-għan li tiġbor informazzjoni ta' appoġġ, *data*, għarfien u fehmiet minn firxa komprensiva ta' partijiet ikkonċernati, li tipprovdi kontribut għall-opzjonijiet ta' politika differenti għar-reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, u li tgħin sabiex tiġi vvalutata l-fattibbiltà tal-implimentazzjoni tagħhom.

Il-**konsultazzjoni pubblika miftuħa** damet 12-il ġimgħa, bħala kwestjonarju online bi 13-il mistoqsija introduttorja u 31 mistoqsija speċifika, ospitata fuq l-għodda tal-Istħarriġ tal-UE. Il-kwestjonarju kien jinkludi kwistjonijiet li għandhom jiġu koperti fil-valutazzjoni tal-impatt u ġabar fehmiet inizjali dwar il-livell ta' ambizzjoni u l-impatti potenzjali ta' ċerti għażliet għar-reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent. Ġew riċevuti total ta' 934 tweġiba, u ġew sottomessi 116-il dokument ta' pożizzjoni. Il-mistoqsijiet miftuħa rċevew bejn 11 u 406 tweġiba individwali – medja ta' 124. It-tweġibiet ġew minn 23 Stat Membru differenti.

L-**istħarriġ immirat** ġie ppubblikat fuq l-Istħarriġ tal-UE f'żewġ partijiet (il-parti 1 dwar il-qasam ta' politika 1 "standards tal-kwalità tal-arja" fit-13 ta' Diċembru 2021, u l-parti 2 dwar l-oqsma ta' politika 2 u 3 "governanza; il-monitoraġġ, l-immudellar u l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja" fit-13 ta' Jannar 2022), u t-tnejn li huma kellhom skadenza fil-11 ta' Frar 2022 għall-kontributi. L-istħarriġ immirat fittex fehmiet fil-fond mingħand organizzazzjonijiet li kellhom interess fir-regoli tal-UE dwar il-kwalità tal-arja jew li kienu qegħdin jaħdmu b'dawn. Għaldaqstant, l-istħarriġ intbagħat lill-partijiet ikkonċernati fil-mira, inklużi l-awtoritajiet rilevanti f'livelli differenti ta' governanza, l-organizzazzjonijiet tas-settur privat, is-settur akkademiku u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri kollha tal-UE. Il-Parti 1 tal-istħarriġ immirat tal-partijiet ikkonċernati rċeviet total ta' 139 tweġiba minn 24 Stat Membru. Il-Parti 2 tal-istħarriġ irċeviet 93 tweġiba minn 22 Stat Membru.

L-ewwel **laqgħa mal-partijiet ikkonċernati** saret fit-23 ta' Settembru 2021 u attendew għaliha 315-il parteċipant estern, jew fuq il-post jew online, minn 27 Stat Membru. L-għan tal-ewwel laqgħa mal-partijiet ikkonċernati kien li jinġabru fehmiet dwar in-nuqqasijiet identifikati fid-Direttivi attwali dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, kif ukoll dwar il-livell ta' ambizzjoni għal-leġiżlazzjoni riveduta.

It-**tieni laqgħa mal-partijiet ikkonċernati** li saret fl-4 ta' April 2022 attendew għaliha 257 parteċipant estern, jew fuq il-post jew online, minn 23 Stat Membru. L-għan tal-laqgħa kien li jinġabar feedback mingħand il-partijiet ikkonċernati għat-tlestija tal-valutazzjoni tal-impatt.

Saru **intervisti mmirat**i sabiex jikkomplementaw l-attivitajiet l-oħrajn ta' konsultazzjoni, b'mod partikolari mar-rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u nazzjonali, is-soċjetà ċivili u l-NGOs, u l-oqsma tal-akkademja u r-riċerka. L-għan ewlieni tal-intervisti kien li jimtlew il-lakuni li fadal fl-informazzjoni identifikati mill-evalwazzjoni tal-istħarriġ immirat tal-partijiet ikkonċernati. Konsegwentement, l-intervisti għamlu enfasi fuq il-qasam ta' politika 2, b'mod partikolari fuq il-fattibbiltà, il-mezzi ta' implimentazzjoni u l-impatti tad-diversi opzjonijiet ikkunsidrati.

Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt qieset: **30 kontribut ad hoc** (dokumenti ta' pożizzjoni, studji xjentifiċi u dokumenti oħrajn) riċevuti minn 25 parti ikkonċernata differenti; diskussjonijiet fit-tielet **Forum tal-UE dwar l-Arja Nadifa** fit-18 u d-19 ta' Novembru 2021; feedback dwar il-**valutazzjoni tal-impatt tal-bidu** minn 63 parti ikkonċernata minn 12-il Stat Membru; u l-**opinjoni tal-Pjattaforma Fit for Future** dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent.

Barra minn hekk, ir-rapport dwar l-eżitu finali tal-**Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa** wera li ċ-ċittadini jitolbu li tittieħed azzjoni sabiex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja[31].

2.3. L-użu ta' għarfien espert

L-oqsma ta' għarfien espert li ġejjin intużaw fl-iżvilupp ta' din il-proposta: (1) l-analiżi tar-rabtiet bejn it-tniġġis tal-arja u s-saħħa tal-bniedem, (2) l-istima tal-impatti fuq is-saħħa, inkluża l-kwantifikazzjoni monetarja, (4) l-istima tal-impatti fuq l-ekosistema, (5) l-immudellar makroekonomiku, u (6) il-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja u l-għarfien espert fil-ġestjoni.

Dan l-għarfien espert inġabar prinċipalment permezz ta' kuntratti ta' servizzi u ftehimiet ta' għotja, fost l-oħrajn, mad-WHO, mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u ma' konsulenti differenti. Ir-rapporti kollha mill-esperti u mill-kuntratti ġew imtellgħin regolarment fuq l-internet għad-distribuzzjoni pubblika.

2.4. Valutazzjoni tal-impatt u opinjoni tal-Bord tal-iskrutinju Regolatorju

Il-valutazzjoni tal-impatt analizzat 19-il opzjoni ta' politika (li jinkludu 69 miżura ta' politika) sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fid-Direttivi attwali dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent fir-rigward tal-ambjent u s-saħħa, il-governanza u l-infurzar, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni, kif ukoll l-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

Kull waħda minn dawn l-opzjonijiet ta' politika ġiet ivvalutata fir-rigward tal-konsegwenzi ambjentali, soċjali u ekonomiċi tagħha, il-konsistenza tagħha ma' prijoritajiet ta' politika oħrajn u l-proporzjon mistenni bejn il-benefiċċji u l-kostijiet.

Il-pakkett ta' politika preferut huwa stabbilit hawn taħt.

1. Dwar l-istandards tal-kwalità tal-arja:
    a. l-istabbiliment ta' standards ċari tal-UE dwar il-kwalità tal-arja, definiti bħala valuri ta' limitu għall-2030, ibbażati fuq għażla politika bejn l-opzjonijiet ta' politika "allinjament sħiħ" (I-1), "allinjament aktar mill-qrib" (I-2) u "allinjament parzjali" (I-3), b'numru limitat ta' eċċezzjonijiet temporanji meta dawn ikunu ġġustifikati b'mod ċar;

[31] Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (2022): Ir-rapport dwar l-eżitu finali, https://europa.eu/!3k9WY6

b. l-indikazzjoni ta' perspettiva ta' wara l-2030 għal allinjament sħiħ mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja tal-2021, filwaqt li nimxu fit-triq it-tajba lejn l-allinjament anke mal-Linji Gwida futuri tad-WHO sabiex tinkiseb il-viżjoni ta' tniġġis żero sas-sena 2050;

c. mekkaniżmu ta' rieżami regolari sabiex jiġi żgurat li l-aħħar fehim xjentifiku dwar il-kwalità tal-arja jiggwida d-deċiżjonijiet futuri.

2. Dwar il-governanza u l-infurzar

a. l-aġġornament tar-rekwiżiti minimi għall-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja;

b. l-introduzzjoni ta' valuri ta' limitu għas-sustanzi li jniġġsu l-arja li bħalissa huma soġġetti għal valuri fil-mira, sabiex ikun jista' jsir tnaqqis aktar effettiv tal-konċentrazzjonijiet ta' dawn is-sustanzi niġġiesa;

c. kjarifika ulterjuri ta' kif għandhom jiġu solvuti l-eċċessi tal-istandards tal-kwalità tal-arja, kif għandhom jiġu evitati minn qabel, u meta għandhom jiġu aġġornati l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja;

d. id-definizzjoni ulterjuri tat-tip ta' miżuri li l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jieħdu sabiex iżommu l-perjodi ta' eċċess kemm jista' jkun qosra, u l-espansjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-penali f'każ ta' ksur tal-istandards tal-kwalità tal-arja;

e. it-tisħiħ tal-obbligi għall-Istati Membri sabiex jikkooperaw meta t-tniġġis transkonfinali jikkawża ksur tal-istandards tal-kwalità tal-arja;

f. it-titjib tal-eżegwibilità tad-Direttivi permezz ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar l-aċċess għall-ġustizzja u l-kumpens u dispożizzjoni mtejba dwar il-penali.

3. Dwar il-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-arja

a. Aktar titjib, simplifikazzjoni u espansjoni sa ċertu punt tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja, inkluż

i. il-monitoraġġ ta' sustanzi niġġiesa ta' tħassib emerġenti;

ii. il-limitazzjoni tar-rilokazzjonijiet tal-punti ta' kampjunar tal-kwalità tal-arja għal dawk fejn ġew irrispettati l-valuri ta' limitu għal mill-anqas tliet snin;

iii. kjarifika u simplifikazzjoni ulterjuri tal-kriterji tal-għażla tal-post għall-punti ta' kampjunar;

vi. aġġornament tal-inċertezzi massimi tal-kejl permessi f'konformità mal-istandards aktar stretti tal-kwalità tal-arja proposti.

b. użu aħjar mill-immudellar tal-kwalità tal-arja

i. sabiex jiġi identifikat ksur tal-istandards tal-kwalità tal-arja, jiġu informati l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u t-tqegħid ta' punti ta' kampjunar;

ii. Titjib tal-kwalità u tal-komparabilità tal-immudellar tal-kwalità tal-arja

4. Dwar l-informazzjoni pubblika dwar il-kwalità tal-arja

a. Rapportar kull siegħa tal-kejl kollu aġġornat disponibbli tal-kwalità tal-arja għas-sustanzi niġġiesa ewlenin, u t-tqegħid għad-dispożizzjoni taċ-ċittadini tal-informazzjoni b'indiċi dwar il-kwalità tal-arja;

b. L-informazzjoni lill-pubbliku dwar l-effetti possibbli fuq is-saħħa u rakkomandazzjonijiet dwar l-imġiba meta jiġu miksura l-istandards tal-kwalità tal-arja.

B’mod ġenerali, il-benefiċċji ewlenin huma mistennija li jiġu fil-forma ta’ tnaqqis fil-mortalità u fil-morbidità, tnaqqis fin-nefqa fuq il-kura tas-saħħa, tnaqqis fit-telf tar-rendiment tal-għelejjel relatat mal-ożonu, tnaqqis fl-assenza mix-xogħol minħabba mard u żieda fil-produttività fuq il-post tax-xogħol.

L-opzjonijiet ta’ politika rigward livelli differenti ta’ allinjament mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-kwalità tal-arja għandhom implikazzjonijiet ambjentali, ekonomiċi, soċjali u tas-saħħa. Dawn it-tliet opzjonijiet kollha, jiġifieri “allinjament sħiħ” (I-1), “allinjament aktar mill-qrib” (I-2) u “allinjament parzjali” (I-3), irendu benefiċċji sinifikanti għas-saħħa u għall-ambjent – għalkemm fi gradi differenti. Madankollu, għat-tliet opzjonijiet ta’ politika kollha, il-valutazzjoni tal-impatt turi li l-**benefiċċji għas-soċjetà jegħlbu bil-kbir il-kostijiet**.

Il-kostijiet u l-benefiċċji annwali ġew ikkalkolati għall-2030 bħala stima ċentrali, peress li din hija s-sena li fiha jkun meħtieġ li jiġu ssodisfati għall-ewwel darba l-maġġoranza tal-istandards il-ġodda tal-kwalità tal-arja. Fis-snin ta’ qabel diġà jkun hemm **kostijiet ta’ mitigazzjoni** sabiex jiġi żgurat li l-istandards il-ġodda jiġu ssodisfati fl-2030, iżda wara l-2030 x’aktarx li jonqsu hekk kif diġà jkunu saru investimenti ta’ darba meħtieġa sabiex jintlaħqu l-miri.

L-opzjoni ta’ politika I-3 (“allinjament parzjali” mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja tal-2021 sal-2030) għandha l-ogħla proporzjon bejn il-benefiċċji u l-kostijiet (bejn 10:1 u 28:1). Il-biċċa l-kbira tal-punti ta’ kampjunar tal-kwalità tal-arja fl-UE jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw l-istandards korrispondenti tal-kwalità tal-arja bi sforz addizzjonali żgħir. Skont l-istima ċentrali, il-benefiċċji netti jammontaw għal aktar minn EUR 29 biljun, meta mqabbla mal-kostijiet korrispondenti tal-miżura ta’ mitigazzjoni ta’ EUR 3,3 biljun fl-2030.

Għall-opzjoni ta’ politika I-2 (“allinjament aktar mill-qrib” mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja tal-2021 sal-2030) il-proporzjon bejn il-benefiċċji u l-kostijiet huwa mistenni li jkun kemxejn aktar baxx (bejn 7.5:1 u 21:1). Madwar 6 % tal-punti ta’ kampjunar ma jkunux mistennija li jissodisfaw l-istandards korrispondenti tal-kwalità tal-arja mingħajr sforz addizzjonali fil-livell lokali (jew jista’ jkollhom bżonn ta’ estensjonijiet taż-żmien jew eċċezzjonijiet). Skont l-istima ċentrali, il-benefiċċji netti jammontaw għal aktar minn EUR 36 biljun, jiġifieri 25 % aktar mill-opzjoni ta’ politika I-3. Il-miżuri ta’ mitigazzjoni totali korrispondenti u l-kostijiet amministrattivi relatati huma stimi ta’ EUR 5,7 biljun fl-2030.

Skont l-opzjoni ta’ politika I-1 (“allinjament sħiħ” mal-Linji Gwida tad-WHO il-Kwalità tal-Arja tal-2021 sal-2030), il-proporzjon bejn il-benefiċċji u l-kostijiet jibqa’ wkoll pożittiv b’mod sinifikanti (bejn 6:1 u 18:1). Madankollu, 71 % tal-punti ta’ kampjunar ma jkunux mistennija li jissodisfaw l-istandards korrispondenti tal-kwalità tal-arja mingħajr sforz addizzjonali fil-livell lokali (u f’ħafna minn dawn il-każijiet ma jkunu jistgħu jissodisfaw dawn l-istandards bl-ebda mod bi tnaqqis tekniku fattibbli biss). Skont l-istima ċentrali, il-benefiċċji netti jammontaw għal aktar minn EUR 38 biljun, jiġifieri 5 % aktar mill-opzjoni ta’ politika I-2. Il-kostijiet ta’ mitigazzjoni korrispondenti huma stmati għal EUR 7 biljun fl-2030.

Il-**kostijiet amministrattivi** huma f’firxa stmata ta’ EUR 75 miljun sa EUR 106 miljun fis-sena fl-2030. Dan jinkludi l-kost tat-tfassil ta’ pjanijiet għall-kwalità tal-arja, ta’ valutazzjonijiet tal-kwalità tal-arja u ta’ punti addizzjonali ta’ kampjunar. B’mod partikolari, il-kost tat-tfassil ta’ pjanijiet għall-kwalità tal-arja huwa mistenni li jonqos maż-żmien, peress li dawn isolvu l-eċċessi fil-kwalità tal-arja u b’hekk ma jibqgħux meħtieġa. Bl-istess mod, ir-rekwiżiti tar-reġim tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja jsiru anqas stretti hekk kif tittejjeb il-kwalità tal-arja, bi tnaqqis mistenni fil-kostijiet relatati mal-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja –

madankollu, l-istimi ta' hawn fuq, inkluż l-investiment ta' darba, ġew annwalizzati fil-kalkoli. Ta' min jinnota li dawn il-kostijiet kollha jitħallsu mill-**awtoritajiet pubbliċi**.

Huwa importanti li wieħed jinnota li d-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent **ma jimponu l-ebda kost amministrattiv dirett fuq il-konsumaturi u n-negozji**. Il-kostijiet potenzjali għalihom jirriżultaw prinċipalment minn miżuri meħuda mill-awtoritajiet tal-Istati Membri sabiex jissodisfaw l-istandards tal-kwalità tal-arja stabbiliti fid-Direttivi. Dawn huma parti mill-kostijiet ġenerali ta' mitigazzjoni/aġġustament imsemmija hawn fuq.

L-amalgamazzjoni proposta tad-Direttivi attwali dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, 2008/50/KE u 2004/107/KE, f'Direttiva waħda hija mistennija li tnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri, billi tissimplifika r-regoli, ittejjeb il-konsistenza u ċ-ċarezza, u tagħmel l-implimentazzjoni aktar effiċjenti.

Il-valutazzjoni tal-impatt ivverifikat ukoll il-**konsistenza mal-politika dwar it-tibdil** fil-klima, b'mod partikolari l-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Minħabba l-ħafna sorsi komuni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' sustanzi niġġiesa, ir-reviżjoni proposta tal-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE se tappoġġa l-miri klimatiċi, peress li l-miżuri sabiex tinkiseb arja nadifa se jwasslu wkoll għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

L-impatti vvalutati tal-proposta fuq il-kwalità tal-arja huma koerenti wkoll mal-**pjan ta' azzjoni għal tniġġis żero**, b'mod partikolari l-mira tiegħu għall-2030 li l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa (imwiet prematuri) jitnaqqsu b'aktar minn 55 %, u, il-viżjoni tal-2050 tal-Pjan ta' Azzjoni sabiex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija għal livelli li ma jibqgħux jitqiesu ta' ħsara għas-saħħa. Hemm ukoll sinerġiji importanti ma' politiki li jindirizzaw l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fis-sors u li huma wkoll parti mill-Pjan ta' Azzjoni. Dan jikkonċerna, pereżempju, il-proposta reċenti għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali u l-proposta li ġejja għall-istandards tal-emissjonijiet Euro 7 għall-vetturi tat-triq, li se jappoġġaw l-issodisfar ta' standards tal-kwalità tal-arja aktar stretti.

B'segwitu tal-opinjoni tal-**Bord tal-Iskrutinju Regolatorju**, il-valutazzjoni tal-impatt ġiet imsaħħa b'analiżi u bi kjarifiki addizzjonali dwar (1) l-interazzjoni tal-proposta ma' inizjattivi oħrajn bħall-impatt tar-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, (2) il-parametri differenti analizzati għal opzjonijiet ta' politika differenti, inkluża l-fattibbiltà rispettiva tagħhom, u (3) ir-raġunijiet għall-problemi identifikati bl-implimentazzjoni tad-Direttivi attwali dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent.

B'mod parallel mal-valutazzjoni tal-impatt imwettqa għal din il-proposta, twettqet analiżi usa' tal-kuntest ta' arja nadifa u tal-prospetti futuri tagħha u se tiġi ppubblikata bħala rapport regolari rigward il-Perspettiva dwar l-Arja Nadifa[32] u bħala parti mir-rapport ta' Monitoraġġ u Prospettiva ta' Tniġġis Żero ppjanat għall-aħħar tal-2022. It-Tielet Perspettiva dwar l-Arja Nadifa se tikkomplementa l-analiżi li twettqet għall-valutazzjoni tal-impatt għar-reviżjoni tad-Direttivi, u titfa' dawl fuq elementi addizzjonali bħal: l-impatt reġjonali tal-miżuri proposti fil-pakkett REPowerEU dwar l-arja nadifa; il-prospett pożittiv li jintlaħqu l-miri ta' tniġġis żero għall-2030 fl-ambitu tal-pakkett ta' politika preferut għar-reviżjoni tad-Direttivi; u l-effett li jiġu inklużi miżuri mhux teknoloġiċi (eż. dwar id-dieta) fuq projezzjonijiet tal-arja nadifa għall-2030. Dawn l-impatti huma addizzjonali għall-impatti pożittivi fit-tul akbar possibbli.

[32] Edizzjonijiet preċedenti tal-Perspettiva dwar l-Arja Nadifa huma disponibbli fuq https://europa.eu/!Q7XXWT.

2.5. Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni (REFIT)

Fid-dawl tal-aġenda tagħha għal regolamentazzjoni aħjar (u l-programm REFIT), il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li tamalgama d-Direttiva 2008/50/KE u d-Direttiva 2004/107/KE f'Direttiva waħda li tirregola s-sustanzi rilevanti kollha li jniġġsu l-arja.

Meta ġiet adottata d-Direttiva 2008/50/KE, din issostitwiet numru ta' atti leġiżlattivi: id-Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE dwar l-istima u l-immaniġġar tal-kwalità tal-arja ċirkostanti, id-Direttiva tal-Kunsill 99/30/KE dwar il-valuri ta' limitu tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, materji f'partiċelli u ċomb fl-arja ambjentali, id-Direttiva 2000/69/KE dwar valuri ta' limitu għall-benżin u monossidu karboniku fl-arja ambjentali, id-Direttiva 2002/3/KE dwar l-ożonu fl-arja ambjentali u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/101/KE li tistabbilixxi skambju ta' informazzjoni u *data* reċiproka min-networks u stazzjonijiet individwali li jkejlu t-tniġġis tal-arja ambjentali fl-Istati Membri. Dawn ġew amalgamati f'Direttiva waħda fl-interess taċ-ċarezza, tas-simplifikazzjoni u tal-effiċjenza amministrattiva. Dak iż-żmien, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stipulaw ukoll li għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-amalgamazzjoni tad-Direttiva 2004/107/KE mad-Direttiva 2008/50/KE, ladarba tkun inkisbet esperjenza suffiċjenti fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/107/KE.

Wara aktar minn għaxar snin ta' implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/50/KE u d-Direttiva 2004/107/KE b'mod parallel, ir-reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent tipprovdi opportunità sabiex jiġu inkorporati l-aħħar għarfien xjentifiku u l-esperjenza bl-implimentazzjoni billi jiġu amalgamati f'Direttiva waħda. Dan se jikkonsolida l-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja, filwaqt li jissimplifika r-regoli li japplikaw għall-awtoritajiet rilevanti, itejjeb il-konsistenza u ċ-ċarezza ġenerali, u b'hekk jagħmel l-implimentazzjoni aktar effiċjenti.

Il-proposta tarmonizza u tissimplifika wkoll numru ta' dispożizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja ta' sustanzi differenti li jniġġsu l-arja, it-tipi ta' standards tal-kwalità tal-arja għal dawn is-sustanzi niġġiesa, u r-rekwiżiti li jirriżultaw minnhom, bħall-iżvilupp ta' pjanijiet għall-kwalità tal-arja.

Is-suġġerimenti tal-opinjoni tat-12 ta' Novembru 2021 dwar "Leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent" [33]tal-Pjattaforma Fit for Future tqiesu matul il-valutazzjoni tal-impatt, inklużi pereżempju rakkomandazzjonijiet relatati mal-istandards tal-kwalità tal-arja, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-amalgamazzjoni tad-direttivi eżistenti f'waħda, il-koerenza mal-politiki relatati.

2.6. Drittijiet fundamentali

Id-direttiva proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Din il-proposta għandha l-għan li tevita, tipprevjeni u tnaqqas l-effetti dannużi tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, f'konformità mal-Artikolu 191(1) tat-TFUE. Għalhekk, din tfittex li tintegra fil-politiki tal-UE livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u titjib fil-kwalità tal-ambjent f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Din tpoġġi wkoll f'termini konkreti l-obbligu li jiġi protett id-dritt għall-ħajja u għall-integrità tal-persuna stabbilit fl-Artikoli 2 u 3 tal-Karta.

[33] COM (2022), Referenza għall-Opinjoni tal-Pjattaforma Fit for Future: 2021/SBGR1/04

Barra minn hekk, din tikkontribwixxi għad-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, permezz ta' dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-aċċess għall-ġustizzja, il-kumpens u l-penali.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-dikjarazzjoni finanzjarja relatata mal-implikazzjonijiet baġitarji u mar-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa għal din il-proposta hija integrata fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva għall-pakkett ta' tniġġis żero li huwa ppreżentat bħala parti mill-proposta għar-reviżjoni tal-listi ta' sustanzi niġġiesa li jaffettwaw l-ilmijiet tal-wiċċ u ta' taħt l-art.

Il-proposta se jkollha implikazzjonijiet baġitarji għall-Kummissjoni, għaċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) f'termini ta' riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa.

Il-volum ta' xogħol tal-implimentazzjoni u tal-infurzar tal-Kummissjoni se jiżdied bi ftit bħala riżultat tal-elenkar ta' standards ġodda u ta' aktar sustanzi li għandhom jiġu mmonitorjati, u l-ħtieġa li jiġu rieżaminati u aġġornati d-deċiżjonijiet ta' gwida u ta' implimentazzjoni eżistenti, kif ukoll l-abbozzi ta' dokumenti ta' gwida ġodda.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkun teħtieġ aktar appoġġ mill-JRC sabiex issaħħaħ il-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja u l-implimentazzjoni tal-immudellar. B'mod speċifiku, dan se jinvolvi l-abbozzar ta' gwida, il-presidenza ta' żewġ networks ta' esperti ewlenin, u t-tfassil ta' standards relatati mal-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità tal-arja f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN). Dan l-appoġġ xjentifiku jinkiseb permezz tat-tnedija ta' arranġamenti amministrattivi.

L-EEA se jkollha żieda fl-ammont ta' xogħol bħala riżultat ta': il-ħtieġa li tiġi estiża l-infrastruttura u li jiġi appoġġat ir-rapportar kontinwu, li jiġi estiż sabiex jinkludi s-sustanzi li jniġġsu l-arja ta' tħassib emerġenti kif ukoll l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju li jkopru s-sustanzi niġġiesa l-$PM_{2.5}$ u l-NO_2; il-ħtieġa li tiġi estiża l-infrastruttura tar-rapportar għal informazzjoni aġġornata minn punti ta' kampjunar addizzjonali, *data* tal-immudellar u pjanijiet tal-kwalità tal-arja; il-ħtieġa li jiżdied l-appoġġ għal valutazzjonijiet sodi tad-*data* dwar il-kwalità tal-arja rrapportata; u l-ħtieġa li jissaħħu r-rabtiet bejn l-analiżi u l-appoġġ għall-politiki dwar it-tniġġis tal-arja, it-tibdil fil-klima, is-saħħa tal-bniedem u tal-ekosistema. Dan se jirrikjedi persunal addizzjonali wieħed ekwivalenti għal full-time u żewġ riallokazzjonijiet, minbarra t-tim attwali tal-kollegi tal-EEA li diġà qegħdin jappoġġaw il-politika tal-UE dwar l-arja nadifa.

4. ELEMENTI OĦRA

Il-qafas attwali stabbilit skont id-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent diġà joffri monitoraġġ rappreżentattiv ta' kwalità għolja tal-kwalità tal-arja, kif muri fil-Kontroll tal-Idoneità għad-Direttivi. Madwar l-UE, l-Istati Membri stabbilew network ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja b'madwar 16 000 punt ta' kampjunar għal sustanzi niġġiesa speċifiċi (li ħafna minnhom jinġabru flimkien f'aktar minn 4 000 stazzjon ta' monitoraġġ), b'kampjunar ibbażat fuq kriterji komuni definiti mid-Direttivi. B'mod ġenerali, in-network ta' monitoraġġ jikkonforma fil-biċċa l-kbira mad-Direttivi u jiżgura li tkun disponibbli *data* affidabbli u rappreżentattiva dwar il-kwalità tal-arja. Il-qafas ta' monitoraġġ se jittejjeb aktar b'din il-proposta, kif spjegat f'aktar dettall hawn taħt.

Id-dispożizzjonijiet eżistenti dwar ir-rapportar stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/850 iggwidaw l-iżvilupp ta' sistema ta' rapportar elettroniku diġitali effettiva u effiċjenti, ospitata mill-EEA[34]. Barra minn hekk, din il-proposta tinkludi l-monitoraġġ ta' sustanzi niġġiesa ta' tħassib emerġenti. Dan se jagħmilha possibbli li jiġu osservati diversi sustanzi li jniġġsu l-arja li għalihom għadu ma jeżisti l-ebda monitoraġġ armonizzat tal-kwalità tal-arja madwar l-UE.

It-titjib fir-reġimi ta' monitoraġġ, ta' mmudellar u ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-arja huwa wkoll parti minn din il-proposta. Dan se jipprovdi informazzjoni komparabbli u oġġettiva addizzjonali li tagħmilha possibbli li jiġi mmonitorjat u evalwat regolarment l-iżvilupp tal-kwalità tal-arja fl-UE. Flimkien ma' rekwiżiti aktar preċiżi għall-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, kif previst f'din il-proposta, dan se jippermetti li l-effettività ta' miżuri speċifiċi (spiss lokali) dwar il-kwalità tal-arja tinżamm taħt rieżami kostanti. Rekwiżiti speċifiċi aktar ċari dwar l-informazzjoni pubblika se jippermettu lill-pubbliku jaċċessa b'mod aktar faċli u malajr l-eżiti tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tad-*data* dwar il-kwalità tal-arja u l-azzjoni politika relatata.

Dan kollu se jinforma b'mod utli l-evalwazzjonijiet futuri ta' Direttiva riveduta dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent.

5. SPJEGAZZJONI FID-DETTALL TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PROPOSTA:

L-emendi li saru permezz tal-proposta għall-**amalgamazzjoni tad-Direttivi attwali dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent** (2008/50/KE u 2004/107/KE) għandhom l-għan li jikkonsolidaw u jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni.

L-ispjegazzjonijiet li ġejjin jiffokaw fuq il-bidliet meta mqabbla mad-Direttivi attwali. In-numerazzjoni tal-Artikoli ċċitati tikkorrispondi għall-proposta.

L-**Artikolu 1** jintroduċi l-objettiv ta' tniġġis żero sal-2050 għall-kwalità tal-arja sabiex jiġi żgurat li, sal-2050, il-kwalità tal-arja tittejjeb b'tali mod li t-tniġġis ma jibqax jitqies bħala ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

L-**Artikolu 3** jipprevedi rieżami regolari tal-evidenza xjentifika sabiex jiġi vverifikat jekk l-istandards tal-kwalità tal-arja fis-seħħ għadhomx biżżejjed sabiex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u jekk għandhomx jiġu regolati sustanzi addizzjonali li jniġġsu l-arja. Ir-rieżami se jinforma l-iżvilupp ta' pjanijiet għall-allinjament mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja sal-2050 abbażi ta' mekkaniżmu ta' rieżami regolari sabiex jitqies l-aħħar fehim xjentifiku.

L-**Artikolu 4** jinkludi aġġornamenti u jżid definizzjonijiet ġodda ta' elementi li jinbidlu jew jiżdiedu mad-Direttiva.

L-**Artikolu 5** jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw l-akkuratezza tal-applikazzjonijiet mudell, bil-għan li jippermettu użu akbar tal-immudellar għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja, u użu aħjar tal-immudellar.

L-**Artikolu 7** jissimplifika r-regoli għal-limiti ta' valutazzjoni. Il-limiti jinformaw liema tekniki ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-arja għandhom japplikaw f'livelli differenti ta' tniġġis.

[34] Ara wkoll il-kontroll tal-idoneità dwar il-monitoraġġ u r-rapportar fil-politika ambjentali, SWD(2017) 230 final.

Il-proposta tissostitwixxi l-limitu attwali inferjuri u superjuri b'limitu ta' valutazzjoni uniku għal kull sustanza niġġiesa.

L-**Artikolu 8** jiżgura li l-kwalità tal-arja fl-ambjent trid tiġi mmonitorjata permezz ta' punti fissi ta' kampjunar kull fejn il-livelli tat-tniġġis tal-arja jaqbżu r-rakkomandazzjonijiet tad-WHO. Meta jinqabżu l-valuri ta' limitu jew il-valur fil-mira għall-ożonu ta' din id-Direttiva, il-kwalità tal-arja trid tiġi vvalutata wkoll b'applikazzjonijiet għall-immudellar. L-immudellar se jgħin ukoll sabiex jiġu identifikati postijiet addizzjonali possibbli fejn jinqabżu l-valuri ta' limitu jew il-valur fil-mira għall-ożonu. Dan għandu l-għan li jagħmel użu mill-avvanzi fl-applikazzjonijiet għall-immudellar sabiex jiggwida miżuri effettivi, immirati u kosteffiċjenti dwar il-kwalità tal-arja bil-ħsieb li jintemm il-ksur tal-istandards tal-kwalità tal-arja mill-aktar fis possibbli.

L-**Artikolu 9** jaġġorna u jiċċara r-regoli għan-numru u l-post tal-punti ta' kampjunar, inklużi regoli aktar stretti għar-rilokazzjoni tal-punti ta' kampjunar. Ir-regoli riveduti jiġbru flimkien u jissimplifikaw ir-rekwiżiti tal-punti ta' kampjunar għal sustanzi li jniġġsu l-arja u standards tal-kwalità tal-arja differenti, li bħalissa huma mifruxa fid-Direttivi kollha.

L-**Artikolu 10** jintroduċi l-monitoraġġ ta' supersiti u jirregola n-numru u l-post tagħhom. Dawn is-supersiti ta' monitoraġġ jikkombinaw diversi punti ta' kampjunar sabiex jiġbru *data* fit-tul dwar is-sustanzi li jniġġsu l-arja koperti minn din id-Direttiva, kif ukoll dwar is-sustanzi li jniġġsu l-arja ta' tħassib emerġenti u metriċi rilevanti oħrajn. Il-kombinazzjoni ta' diversi punti ta' kampjunar f'supersit minflok it-tqegħid tagħhom separatament tista' f'xi każijiet tiffranka l-kostijiet. L-introduzzjoni ta' punti addizzjonali ta' kampjunar għal sustanzi li jniġġsu l-arja mhux regolati ta' tħassib emerġenti, bħal partikoli ultrafini (UFP), karbonju iswed (BC), ammonijaka (NH_3) jew il-potenzjal ossidattiv ta' materja partikolata, se tappoġġa l-fehim xjentifiku tal-effetti tagħhom fuq is-saħħa u l-ambjent. Fejn applikabbli, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu supersiti komuni ta' monitoraġġ, li jistgħu jnaqqsu l-kostijiet.

L-**Artikolu 11** jiċċara l-objettivi tal-kwalità tad-*data* għall-kejl tal-kwalità tal-arja u jintroduċi objettivi tal-kwalità għall-immudellar. Jiżdied rekwiżit ġdid li jirrikjedi li d-*data* kollha tiġi rrapportata u li tintuża għal skopijiet ta' valutazzjoni tal-konformità, anke jekk ma tissodisfax l-objettivi tal-kwalità tad-*data*.

Id-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-ożonu huma integrati ma' dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni ta' sustanzi niġġiesa oħrajn sabiex jiġu armonizzati u ssimplifikati d-dispożizzjonijiet.

L-**Artikolu 12** jiġbor flimkien ir-rekwiżiti eżistenti dwar iż-żamma tal-livelli ta' sustanzi li jniġġsu l-arja taħt il-valuri ta' limitu u jintroduċi rekwiżiti ġodda għal konċentrazzjonijiet tal-esponiment medju.

L-**Artikolu 13** jallinja l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE aktar mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO tal-2021, filwaqt li jqis il-fattibbiltà u l-kosteffettività analizzati fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta. Barra minn hekk, il-valuri ta' limitu huma introdotti għas-sustanzi kollha li jniġġsu l-arja li bħalissa huma soġġetti għall-valuri fil-mira, ħlief għall-ożonu (O_3). L-esperjenza bid-Direttivi attwali turi li dan se jżid l-effettività fit-tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja. L-ożonu huwa eżentat minn din il-bidla minħabba l-karatteristiċi kumplessi tal-formazzjoni tiegħu fl-atmosfera li jikkumplikaw il-kompitu tal-valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-konformità ma' valuri ta' limitu stretti. Il-valuri ta' limitu u fil-mira riveduti se jidħlu fis-seħħ fl-2030, u b'hekk il-ħtieġa ta' titjib rapidu se tiġi bbilanċjata bil-ħtieġa li jiġi żgurat żmien suffiċjenti ta' tħejjija u għal koordinazzjoni ma' politiki relatati ewlenin li se jagħtu r-riżultati fl-2030, bħall-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" tal-politiki dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Sabiex l-UE

titqiegħed fuq trajettorja li se tippermettilha twettaq il-viżjoni ta' tniġġis żero għall-arja fl-2050, ġiet introdotta dispożizzjoni ġdida li tirrikjedi tnaqqis fl-esponiment medju tal-pubbliku għal materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) u d-diossidu tan-nitroġenu (NO_2) fil-livell reġjonali (unitajiet territorjali NUTS 1), lejn il-livelli rakkomandati mid-WHO. Dan iżid mal-obbligu li jintlaħqu l-valuri ta' limitu u fil-mira, applikabbli fiż-żoni tal-kwalità tal-arja. Sabiex jinformaw il-politika dwar l-arja nadifa fil-livell tal-UE, l-Istati Membri huma meħtieġa jinnotifikaw lill-Kummissjoni malajr jekk jintroduċu standards tal-kwalità tal-arja aktar stretti mill-istandards tal-UE.

L-**Artikolu 14** huwa imqassar, peress li r-rekwiżiti tal-punti tal-kampjunar huma l-istess bħal dawk skont l-Artikolu 7.

Il-kontenut ta' diversi Artikoli (li qabel kienu l-Artikoli 15 sa 18 tad-Direttiva 2008/50/KE) dwar l-istandards tal-kwalità tal-arja u r-rekwiżiti relatati għall-materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) u l-ożonu (O_3) huwa integrat ma' standards għal sustanzi niġġiesa oħrajn fl-Artikoli 12, 13 u 23, u r-rekwiżiti dwar il-punti ta' kampjunar huma integrati fl-Artikolu 7.

L-**Artikolu 15** jintroduċi limiti ta' twissija għal miżuri fuq terminu qasir dwar l-ogħla tniġġis minn materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$), minbarra l-limiti ta' twissija eżistenti għad-diossidu tan-nitroġenu (NO_2) u d-diossidu tal-kubrit (SO_2), minħabba l-impatti sinifikanti tat-tniġġis minn materja partikolata fuq is-saħħa.

L-**Artikolu 16** jestendi r-regoli dwar it-tnaqqis tal-kontributi tas-sorsi naturali għall-eċċessi tal-istandards tal-kwalità tal-arja sabiex ikopri l-eċċessi tal-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju. It-tniġġis tal-arja minn sorsi naturali bħat-trab tas-Saħara ma jistax jiġi influwenzat mill-ġestjoni tal-kwalità tal-arja. Din hija r-raġuni għaliex l-Artikoli 19 u 20 jiżguraw li l-eċċessi fil-kwalità tal-arja li jirriżultaw minn dawn is-sorsi ma jgħoddux bħala nuqqas ta' konformità mal-istandards tal-kwalità tal-arja inklużi l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju, u ma jirrikjedux pjanijiet għall-kwalità tal-arja.

L-**Artikolu 17** dwar it-tnaqqis tat-tixrid ta' ramel fix-xitwa u tat-tmelliħ fix-xitwa huwa estiż sabiex jinkludi materja partikolata fina ($PM_{2.5}$). It-tixrid tar-ramel fix-xitwa u t-tmelliħ fix-xitwa huma importanti għas-sikurezza fit-toroq, anke jekk ir-risospensjoni tal-partikoli minn dawn il-miżuri tista' tikkontribwixxi wkoll għat-tniġġis tal-arja b'materja partikolata ta' daqsijiet differenti. L-eċċessi fil-kwalità tal-arja li jirriżultaw minn dawn is-sorsi biss mhux se jirriżultaw f'rekwiżit li jiġu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja skont l-Artikolu 19.

L-**Artikolu 18** dwar il-posponiment tal-iskadenzi sabiex jintlaħqu l-valuri ta' limitu għall-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$) u għad-diossidu tan-nitroġenu (NO_2) jistabbilixxi prerekwiżiti addizzjonali għall-posponiment, sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-miżuri dwar il-kwalità tal-arja meħuda sabiex jiġu rrispettati l-valuri ta' limitu. Pereżempju, il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jridu jiddeskrivu kif se jinkiseb finanzjament addizzjonali sabiex tinkiseb konformità aktar malajr, u kif il-pubbliku se jiġi informat dwar il-konsegwenzi tal-posponiment għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Barra minn hekk, se jkun possibbli biss li tiġi posposta l-kisba ta' valur ta' limitu jekk l-obbligu għat-tnaqqis tal-esponiment medju għas-sustanza rilevanti li jniġġsu l-arja jkun ġie osservat għal mill-anqas tliet snin qabel ma jibda l-posponiment. Dan sabiex jiġi żgurat li l-posponiment jingħata biss għal każijiet ta' eċċessi lokalizzati tal-valuri ta' limitu minħabba kundizzjonijiet speċifiċi għas-sit, u mhux se jintuża sabiex idewwem il-miżuri lokali, reġjonali jew nazzjonali dwar il-kwalità tal-arja, kemm jekk f'miżuri lokali, reġjonali jew nazzjonali.

L-**Artikolu 19** iżid l-effettività tal-pjanijiet għall-kwalità tal-arja sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards tal-kwalità tal-arja mill-aktar fis possibbli. Dan se jinkiseb billi (a) il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jkunu meħtieġa jitfasslu qabel ma jidħlu fis-seħħ l-

istandards tal-kwalità tal-arja f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità qabel l-2030, (b) jiġi speċifikat li l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jridu ikollhom l-għan li jżommu l-perjodu ta' eċċessi tal-limiti kemm jista' jkun qasir, u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn tliet snin għall-valuri ta' limitu, u (c) l-għoti ta' awtorizzazzjoni sabiex isiru aġġornamenti regolari tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jekk ma jilħqux il-konformità.

Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jsiru obbligatorji meta jinqabżu l-valuri ta' limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu jew l-obbligi għat-tnaqqis tal-esponiment medju. Il-pjanijiet se jkunu obbligatorji wkoll meta jkun antiċipat li dawn l-istandards se jinqabżu. Dan se jgħin sabiex jiġi żgurat li l-perjodi ta' eċċessi jinżammu kemm jista' jkun qosra. Se jrawwem ukoll sinerġiji bejn il-ġestjoni ta' sustanzi differenti li jniġġsu l-arja, u bejn miżuri sabiex jintlaħqu standards differenti. Pereżempju, miżuri sabiex jinkiseb l-obbligu għat-tnaqqis tal-esponiment medju għal materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) se jappoġġaw ukoll l-ilħuq tal-valur ta' limitu tal-$PM_{2.5}$.

Emenda finali se tirrikjedi li l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja janalizzaw ir-riskju li jinqabżu l-limiti ta' twissija. Dan se jwassal għal integrazzjoni akbar tal-pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir – meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-qbiż tal-limitu ta' twissija – bi pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien itwal, filwaqt li jiġu ffrankati r-riżorsi u jittejbu l-miżuri meħuda.

L-**Artikolu 20** jirrikjedi li l-Istati Membri juru għaliex pjan ta' azzjoni għal żmien qasir ma jkunx effettiv jekk jiddeċiedu li ma jadottawx wieħed minkejja riskju li jinqabeż il-limitu tat-twissija dwar l-ożonu. L-Artikolu jagħmel ukoll il-konsultazzjoni pubblika dwar il-pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir obbligatorja sabiex jiġi żgurat li titqies l-informazzjoni rilevanti kollha għat-tfassil tagħhom.

L-**Artikolu 21** jiċċara u jsaħħaħ aktar l-arranġamenti għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiġi indirizzat il-ksur tal-istandards tal-kwalità tal-arja minħabba t-tniġġis transkonfinali tal-arja, b'mod partikolari billi jirrikjedi skambju rapidu ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni.

L-**Artikolu 22** itejjeb is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar it-tniġġis tal-arja billi jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu indiċi tal-kwalità tal-arja li jipprovdi aġġornamenti tal-kwalità tal-arja kull siegħa għall-aktar sustanzi dannużi li jniġġsu l-arja.

L-**Artikolu 23** jistipula li l-Kummissjoni se tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar ir-rapportar ta' informazzjoni dwar id-*data* u l-ġestjoni tal-kwalità tal-arja. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni se jinġiebu f'konformità mad-Direttiva riveduta.

L-**Artikolu 27** jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati sabiex jiġi żgurat l-aċċess għall-ġustizzja għal dawk li jridu jisfidaw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, bħal meta ma jkunx ġie stabbilit pjan għall-kwalità tal-arja minkejja l-eċċessi tal-istandards rilevanti tal-kwalità tal-arja.

L-**Artikolu 28** għandu l-għan li jistabbilixxi dritt effettiv għan-nies li jiġu kkumpensati meta tkun seħħet ħsara lis-saħħa tagħhom b'mod sħiħ jew parzjali bħala riżultat ta' ksur tar-regoli preskritti fuq il-valuri ta' limitu, il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, il-pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir jew fir-rigward tat-tniġġis transkonfinali. Il-persuni affettwati għandhom id-dritt li jitolbu u jiksbu kumpens għal dik il-ħsara. Dan jinkludi l-possibbiltà għal azzjonijiet kollettivi.

L-**Artikolu 29** huwa emendat sabiex jiċċara f'aktar dettall kif l-Istati Membri jeħtieġ li jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għal dawk li jiksru l-miżuri adottati fl-Istat Membru sabiex jimplimentaw din id-Direttiva, inklużi penali finanzjarji dissważivi,

mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali[35].

L-**Anness I**, flimkien mal-Artikoli 13 u 15, jiġbor flimkien l-istandards tal-kwalità tal-arja għal sustanzi niġġiesa differenti, filwaqt li jistabbilixxi: (a) valuri ta' limitu ġodda għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem; (b) valuri fil-mira aġġornati tal-ożonu u objettivi fit-tul; (c) limiti ta' twissija ġodda għall-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$); u (d) obbligi għat-tnaqqis tal-esponiment medju għall-materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) u għad-diossidu tan-nitroġenu (NO_2) lejn obbligu ta' konċentrazzjoni tal-esponiment medju fil-livell tar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO.

L-**Anness II** jistabbilixxi l-limiti ta' valutazzjoni għall-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità tal-arja.

L-**Anness III**, flimkien mal-Artikolu 9, jissimplifika l-kriterji għad-determinazzjoni tan-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss, u jiġbor flimkien dawn il-kriterji għas-sustanzi kollha li jniġġsu l-arja soġġetti għal standards differenti tal-kwalità tal-arja (valuri ta' limitu, valur fil-mira għall-ożonu, obbligi għat-tnaqqis tal-esponiment medju, limiti ta' twissija u livelli kritiċi).

L-**Anness IV** jiġbor flimkien il-kriterji għall-post tal-punti ta' kampjunar għas-sustanzi kollha li jniġġsu l-arja soġġetti għal standards differenti tal-kwalità tal-arja.

L-**Anness V** jaġġorna u jsaħħaħ ir-rekwiżiti tal-kwalità tad-*data* u tal-inċertezza għall-kejl fiss u indikattiv tal-kwalità tal-arja, għall-immudellar, u għall-istima oġġettiva sabiex tiġi żgurata valutazzjoni preċiża fid-dawl ta' standards tal-kwalità tal-arja aktar stretti proposti u avvanzi tekniċi mill-adozzjoni tad-Direttivi eżistenti.

L-**Anness VI** jaġġorna r-regoli għall-metodi li jridu jintużaw sabiex jiġu vvalutati l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa differenti fl-arja ambjentali, kif ukoll sabiex tiġi vvalutata r-rata li biha ċerti sustanzi niġġiesa jidħlu fl-ekosistemi.

L-**Anness VII** jintroduċi l-monitoraġġ ta' partikoli ultrafini (UFP) f'postijiet fejn x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għoljin ta' UFP, bħal fl-ajruporti, fil-portijiet, fit-toroq, fis-siti industrijali jew fit-tisħin domestiku jew qrib tagħhom. Flimkien mal-informazzjoni mill-monitoraġġ tal-konċentrazzjonijiet tal-isfond tal-UFP fis-supersiti ta' monitoraġġ meħtieġa mill-Artikolu 10, dan se jgħin sabiex jinftiehem il-kontribut ta' sorsi differenti għall-konċentrazzjonijiet tal-UFP. L-Anness VII jaġġorna wkoll il-lista ta' komposti organiċi volatili (VOC) irrakkomandata għal kejl li għandha l-għan li ttejjeb il-fehim tal-formazzjoni u l-ġestjoni tal-ożonu.

L-**Anness VIII**, flimkien mal-Artikolu 19, jiġbor flimkien ir-rekwiżiti għall-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja li jindirizzaw l-eċċessi tal-valuri ta' limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu u l-obbligi għat-tnaqqis tal-esponiment medju. Is-simplifikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti se trawwem sinerġiji bejn il-ġestjoni ta' sustanzi differenti li jniġġsu l-arja u l-kisba ta' standards differenti tal-kwalità tal-arja. L-Anness VIII jirrikjedi wkoll li l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jkun fihom analiżi aktar preċiża tal-effetti mistennija tal-miżuri dwar il-kwalità tal-arja. Dan se jgħin sabiex il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jsiru aktar effettivi.

[35] Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28-37. Il-Kummissjoni adottat proposta fil-15/12/2021 biex tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE" COM(2021) 851 final "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE.

L-**Anness IX** itejjeb l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja li għandha tiġi pprovduta lill-pubbliku, inklużi aġġornamenti obbligatorji fis-siegħa għall-kejl fiss ta' sustanzi ewlenin li jniġġsu l-arja, kif ukoll riżultati aġġornati tal-immudellar meta dawn ikunu disponibbli.

↓ 2008/50 (adattat)

2022/0347 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa

(riformulazzjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~, u b'mod partikolari l-Artikolu ⌦ 192 ⌫ ~~175~~ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[36],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[37],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Id-Direttiva Nru 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] u d-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] ġew emendati b'mod sostanzjali. Peress li għandhom isiru iżjed emendi, jenħtieġ li dawk id-Direttivi jiġu riformulati fl-interess taċ-ċarezza.

(2) F'Diċembru 2019, fil-Komunikazzjoni tagħha "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[40], il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet pjan direzzjonali ambizzjuż biex l-Unjoni tinbidel f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, bl-għan li tipproteġi, tikkonserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. B'mod speċifiku dwar l-arja nadifa, il-Patt Ekoloġiku Ewropew impenja ruħu

[36] ĠU C […], […], p. […].

[37] ĠU C […], […], p. […].

[38] Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali (ĠU L 023, 26.1.2005, p. 3).

[39] Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

[40] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Patt Ekoloġiku Ewropew; COM (2019) 640 final.

li jkompli jtejjeb il-kwalità tal-arja u li jallinja l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE aktar mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Hija ħabbret ukoll it-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ, l-immudellar u l-ippjanar tal-kwalità tal-arja.

(3) F'Mejju 2021, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li tistabbilixxi "Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero"[41] li fost l-oħrajn jindirizza l-aspetti tat-tniġġis tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u timpenja ruħha wkoll li sal-2030, tnaqqas l-impatt tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa b'aktar minn 55 % u l-ekosistemi tal-UE fejn it-tniġġis tal-arja jhedded il-bijodiversità b'25 %.

(4) Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero jistabbilixxi wkoll viżjoni għas-sena 2050, fejn it-tniġġis tal-arja jitnaqqas għal livelli li ma jibqgħux jitqiesu ta' ħsara għas-saħħa u għall-ekosistemi naturali. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġi segwit approċċ fi stadji lejn l-istabbiliment ta' standards attwali u futuri tal-kwalità tal-arja tal-UE, l-istabbiliment ta' standards intermedji tal-kwalità tal-arja għas-sena 2030 u lil hinn, u l-iżvilupp ta' perspettiva għall-allinjament mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja sa mhux aktar tard mis-sena 2050 abbażi ta' mekkaniżmu ta' rieżami regolari biex jitqies l-aħħar fehim xjentifiku. Minħabba r-rabtiet bejn it-tnaqqis tat-tniġġis u d-dekarbonizzazzjoni, l-objettiv fit-tul li tinkiseb l-ambizzjoni ta' tniġġis żero jenħtieġ li jiġi segwit id f'id mat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42].

(5) Fit-teħid tal-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jintlaħaq l-objettiv ta' tniġġis żero għat-tniġġis tal-arja, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu ggwidati mill-"prinċipju ta' prekawzjoni" u mill-"prinċipju ta' min iniġġes iħallas", stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mill-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Huma jenħtieġ li, fost l-oħrajn, iqisu: il-kontribut ta' kwalità tal-arja mtejba għas-saħħa pubblika, il-kwalità tal-ambjent, il-benesseri taċ-ċittadini, il-prosperità tas-soċjetà, l-impjiegi u l-kompetittività tal-ekonomija; it-tranżizzjoni tal-enerġija, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku; is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-ikel; l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' mobbiltà u trasport sostenibbli u intelliġenti; l-impatt tal-bidliet fl-imġiba; l-ekwità u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u fi ħdanhom, fid-dawl tal-kapaċità ekonomika tagħhom, iċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom, bħal pereżempju l-ispeċifiċitajiet tal-gżejjer, u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ekwa permezz ta' programmi edukattivi u ta' taħriġ xierqa; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u l-aktar reċenti, b'mod partikolari s-sejbiet irrappurtati mid-WHO; il-ħtieġa li r-riskji relatati mat-tniġġis tal-arja jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u l-ippjanar; il-kosteffettività u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja; u l-progress li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni.

(6) It-"Tmien Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030" adottat bid-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fis-6 ta' April

[41] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" COM(2021) 400 final.

[42] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1-17).

2022[43] jistabbilixxi l-objettiv li jinkiseb ambjent mhux tossiku li jipproteġi s-saħħa u l-benesseri tan-nies, tal-annimali u tal-ekosistemi minn riskji relatati mal-ambjent u impatti negattivi, u, għal dak l-għan, jistipula li huma meħtieġa aktar titjib tal-metodi ta' monitoraġġ, informazzjoni aħjar għall-pubbliku u aċċess għall-ġustizzja. Dan jiggwida l-objettivi stabbiliti f'din id-Direttiva.

(7) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina regolarment l-evidenza xjentifika relatata mas-sustanzi niġġiesa, l-effetti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u l-iżvilupp teknoloġiku. Abbażi tar-rieżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk l-istandards tal-kwalità tal-arja applikabbli għadhomx xierqa biex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva. L-ewwel rieżami jenħtieġ li jitwettaq sal-31/12/2028 biex jiġi vvalutat jekk l-istandards tal-kwalità tal-arja jeħtiġux li jiġu aġġornati abbażi tal-aħħar informazzjoni xjentifika.

↓ 2008/50 premessa 5 (adattat)

(8) Jenħtieġ li ~~Għandu~~ jiġi segwit approċċ komuni għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali ~~skont~~ ⌦ bl-applikazzjoni ta' ⌫kriterji ta' valutazzjoni komuni. Fil-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali, jenħtieġ li ~~għandu~~ jittieħed kont tad-daqs tal-popolazzjonijiet u tal-ekosistemi esposti għat-tniġġis tal-arja. Huwa għalhekk xieraq li t-territorju ta' kull Stat Membru jiġi kklassifikat f'żoni ~~jew f'agglomerazzjonijiet~~ li jirriflettu d-densità tal-popolazzjoni.

↓ 2008/50 premessa 14 (adattat)
⇨ ġdid

(9) Il-kejl fiss jenħtieġ li ~~għandu~~ jkun obbligatorju f'żoni ~~u agglomerazzjonijiet~~ fejn jinqabżu ~~l-objettivi fit-tul għall-ożonu jew~~ il-limiti ta' valutazzjoni ~~għal sustanzi li jniġġsu oħrajn~~. ~~L-informazzjoni minn dak il-kejl fiss tista' tiġi supplimentata b'metodi tekniċi ta' mudellar u/jew b'kejl indikattiv sabiex tippermetti~~ ⌦ Applikazzjonijiet ta' mmudellar u kejl indikattiv, flimkien ma' informazzjoni minn kejl fiss, jippermettu ⌫ li d-*data* minn punt tkun tista' tiġi interpretata f'termini ta' distribuzzjoni ġeografika ta' konċentrazzjonijiet. L-użu ta' ⌦ tali ⌫ metodi tekniċi supplimentari ta' valutazzjoni jenħtieġ li ~~għandu~~ jippermetti wkoll għat-tnaqqis tal-għadd minimu meħtieġ ta' punti fissi ta' kampjunar. ⇨ f'żoni fejn il-limiti ta' valutazzjoni ma jinqabżux. F'żoni fejn il-valuri ta' limitu jew il-valuri fil-mira jinqabżu, kemm il-kejl fiss kif ukoll l-użu ta' applikazzjonijiet ta' mmudellar jenħtieġ li jkunu obbligatorji. Monitoraġġ addizzjonali tal-konċentrazzjonijiet fl-isfond u d-depożizzjoni ta' sustanzi niġġiesa fl-arja ambjentali jenħtieġ li jitwettaq ukoll biex jippermetti fehim aħjar tal-livelli ta' tniġġis u d-dispersjoni⇦.

↓ 2008/50 premessa 6 (adattat)
⇨ ġdid

(10) ~~Fejn ikun possibbli għandu~~ ⇨ Jenħtieġ li jiġu applikati applikazzjonijiet ta' mmudellar ⇦ ~~jiġi applikat immudellar tad-diffużjoni tat-tniġġis~~ sabiex *data* minn

---

[43] Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22–36).

punt speċifiku tkun tista’ tiġi interpretata f’termini ta’ distribuzzjoni ġeografika ta’ konċentrazzjoni ⇨ , sabiex ikun hemm għajnuna fis-sejbien tal-ksur ta’ standards tal-kwalità tal-arja u biex jiġu infurmati l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u t-tqegħid tal-punti ta’ kampjunar ⇦. ~~Dan jista’ jservi bħala bażi biex titkejjel l-esponiment kollettiv tal-popolazzjoni li tgħix fl-inħawi.~~ ⇨ Minbarra r-rekwiżiti għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja definiti f’din id-Direttiva, għall-finijiet ta’ monitoraġġ, l-Istati Membri huma mħeġġa jisfruttaw il-prodotti ta’ informazzjoni u l-għodod supplimentari (eż. rapporti regolari ta’ evalwazzjoni u valutazzjoni tal-kwalità, applikazzjonijiet online ta’ politika), ipprovduti mill-komponent tal-Osservazzjoni tad-Dinja tal-Programm Spazjali tal-UE, b’mod partikolari s-Servizz ta’ Monitoraġġ tal-Atmosfera ta’ Copernicus (CAMS). ⇦

⇩ ġdid

(11) Huwa importanti li s-sustanzi niġġiesa ta’ tħassib emerġenti, bħall-partikoli ultrafini, il-karbonju iswed u l-karbonju elementali, kif ukoll l-ammonijaka u l-potenzjal ossidattiv tal-materja partikolata, jiġu mmonitorjati sabiex jiġi appoġġat il-fehim xjentifiku tal-effetti tagħhom fuq is-saħħa u l-ambjent, kif irrakkomandat mid-WHO.

🡻 2008/50 premessa 8 (adattat)
⇨ ġdid

(12) Jenħtieġ li ~~Għandu~~ jsir kejl dettaljat ta’ materja partikolata fina f’postijiet bi sfond rurali sabiex jiġu mifhuma aħjar l-impatti ta’ din is-sustanza niġġiesa u sabiex jiġu żviluppati politiki adegwati. Tali kejl jenħtieġ li ~~għandu~~ jsir b’mod konsistenti ma’ dak tal-programm kooperattiv għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tat-trażmissjoni fuq distanza twila ta’ sustanzi niġġiesa tal-arja fl-Ewropa (EMEP) stabbilit taħt il-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja fuq Distanza Twila ⌦ tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) ⌫approvata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/462/KEE tal-11 ta’ Ġunju 1981[44] ⇨ u l-Protokolli tagħha, inkluż il-Protokoll għat-tnaqqis tal-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu troposferiku tal-1999, li ġie rivedut fl-2012 ⇦ .

🡻 2008/50 premessa 7 (adattat)

(13) Sabiex ikun żgurat li l-informazzjoni miġbura dwar it-tniġġis tal-arja hija rappreżentattiva u paragunabbli biżżejjed ⌦ fl-Unjoni ⌫ ~~fil-Komunità~~ kollha, huwa importanti li jintużaw metodi tekniċi ta’ kejl standardizzati u kriterji komuni għall-għadd u l-post ta’ stazzjonijiet li jkejlu għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali. Jistgħu jintużaw metodi tekniċi li mhumiex kejl sabiex tiġi valutata l-kwalità tal-arja ambjentali u għalhekk huwa meħtieġ li jkunu definiti l-kriterji għall-użu u l-preċiżjoni meħtieġa ta’ tali metodi tekniċi.

---

[44] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/462/KEE tal-11 ta’ Ġunju 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar it-tniġġiż transkonfini tal-arja f’distanza twila (ĠU L 171, 27.6.1981, p. 11).

↓ 2004/107 premessa 12
⇨ ġdid

(14) ~~Tekniċi standardizzati ta' kejl preċiż u kriterji komuni għall-ippostjar ta' stazzjonijiet ta' kejl huma elementi importanti fl-istima tal-kwalità tal-arja ambjentali sabiex l-informazzjoni miksuba tkun komparabbli fil-Komunità kollha.~~ Il-provvediment ta' metodi ta' kejl ta' referenza hu rikonoxxut bħala kwistjoni importanti. Il-Kummissjoni diġà ordnat sabiex isir xogħol għat-tħejjija tal-istandards tas-CEN għall-kejl ta' ⇨ idrokarburi aromatiċi poliċikliċi u għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistemi ta' sensuri għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tas-niġġiesa gassużi u l-materja partikolata fl-arja ambjentali ⇦ ~~dawk il-kostitwenti fl-arja ambjentali fejn il-valuri ta' mira huma definiti (l-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-benżo(a)piren) kif ukoll għad-depożizzjoni ta' metalli tqal~~ bil-għan li jiġu żviluppati u adottati malajr. Fejn m' hemmx metodi standard tas-CEN, l-użu ta' metodi ta' kejl ta' referenza standard internazzjonali jew nazzjonali jenħtieġ li ~~għandhom~~ jkun permess.

↓ 2008/50 premessa 2 (adattat)
⇨ ġdid

(15) Sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kollu, huwa partikolarment importanti li l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa jiġu miġġielda f'ras il-għajn u li jiġu identifikati u implimentati l-miżuri l-aktar effettivi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u ⌦ tal-Unjoni ⌫ ~~Komunitarju~~ ⇨ , b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-emissjonijiet mill-agrikoltura, l-industriji, it-trasport u l-ġenerazzjoni tal-enerġija ⇦ . Għalhekk, jenħtieġ li ~~għandhom~~ jiġu evitati, ipprevenuti jew imnaqqsa l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja u li jagħmlu l-ħsara u għandhom jiġu stabbiliti ⇨ standards ⇦ ~~objettivi~~ adegwati għall-kwalità tal-arja ambjentali b'kont meħud tal-istandards, il-linji gwida u l-programmi rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

↓ 2004/107 premessa 3 (adattat)
⇨ ġdid

(16) Evidenza xjentifika turi li ⇨ id-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, il-materja partikolata, iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju, ⇦ l-arseniku, il-kadmju, in-nikil, ~~u~~ ċerti idrokarburi aromatiċi poliċikliċi ⇨ u l-ożonu ⇦ huma ⇨ responsabbli għal impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem ⇦ ~~karċinoġeni ġenotossiċi għall-bniedem u li ma hemm l-ebda limitu identifikabbli li taħtu dawn is-sustanzi ma joħolqux riskju għas-saħħa tal-bniedem~~. L-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent iseħħ permezz ta' konċentrazzjonijiet fl-arja ambjentali ~~u permezz ta' depożizzjoni~~. ~~Għal finijiet ta' effettività F'paragun man-nefqa, mhuwiex possibli li F'żoni speċifiċi jiġi żgurat li l-konċentrazzjonijiet fl-arja ambjentali ta' arseniku, kadmju, nikil u idrokarburi aromatiċi poliċikliċi ma joħolqux riskju sinifikattiv għas-saħħa tal-bniedem.~~

↓ 2004/107 premessa 11 (adattat)
⇨ ġdid

(17) L-effetti ta⇨ ċ-ċomb, ta ⇦l-arseniku, tal-kadmju, tal-merkurju, tan-nikil u tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fuq is-saħħa tal-bniedem, inkluż permezz tal-katina tal-ikel, u l-ambjent ~~in ġenerali~~, iseħħu ⌦ wkoll ⌫ ~~permezz tal-konċentrazzjonijiet fl-arja ambjentali u~~ permezz ta' depożizzjoni; jenħtieġ li ~~irid~~jittieħed kont tal-akkumulazzjoni ta' dawn is-sustanzi fil-ħamrija u l-protezzjoni tal-ilma sotterran. ~~Sabiex ir-reviżjoni ta' din id-Direttiva fl-2010 tkun iffaċilitata, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-promozzjoni ta' riċerka dwar l-effetti tal-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikel u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fuq il-ħajja tal-bniedem u l-ambjent, partikolarment permezz ta' depożizzjoni.~~

⇩ ġdid

(18) L-esponiment medju tal-popolazzjoni għas-sustanzi niġġiesa bl-ogħla impatt dokumentat fuq is-saħħa tal-bniedem, il-materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) u d-diossidu tan-nitroġenu (NO_2) jenħtieġ li jitnaqqas abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-WHO. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġi introdott obbligu ta' tnaqqis tal-esponiment medju għal dawn is-sustanzi niġġiesa, flimkien mal-valuri ta' limitu.

↓ 2004/107 premessa 4
⇨ ġdid

(19) ⇨ Il-Kontroll tal-Idoneità tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent (id-Direttivi 2004/107/KE u 2008/50/KE)[45] wera li l-valuri ta' limitu huma aktar effettivi biex inaqqsu l-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa mill-valuri fil-mira. ⇦ Bil-għan li jiġu minimizzati l-effetti dannużi fuq is-saħħa tal-bniedem, waqt li jittieħed kont partikolari ~~tal-kategoriji vulnerabbli~~ ⇨ tal-popolazzjonijiet sensittivi u tal-gruppi vulnerabbli ⇦ ~~tal-popolazzjoni~~, u l-ambjent ~~in ġenerali, tal-arseniku, il-kadmju u n-nikil u idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja~~, jenħtieġ li ~~għandhom~~ jiġu stabbiliti valuri ta' ⇨ limitu għall-konċentrazzjoni tad-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata, iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju, l-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali⇦ ~~mira, li għandhom jintlaħqu kemm jista' jkun~~. Il-benżo(a)piren jenħtieġ li ~~għandu~~ jintuża bħala indikatur tar-riskju karċinoġenu tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali.

⇩ ġdid

(20) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jħejju għal standards riveduti tal-kwalità tal-arja stabbiliti minn din id-Direttiva u biex tiġi żgurata l-kontinwità legali, għal perjodu interim jenħtieġ li l-valuri limitu jkunu identiċi għal dawk stabbiliti skont id-Direttivi mħassra sakemm jibdew japplikaw il-valuri ta' limitu l-ġodda.

[45] Kontroll tal-idoneità tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent tat-28 ta' Novembru 2019 (SWD (2019) 427 final).

↓ 2008/50 premessa 13 (adattat)
⇨ ġdid

(21) L-ożonu huwa sustanza niġġiesa b'effetti transkonfinali fformat fl-atmosfera mill-emissjoni ta' sustanzi niġġiesa primarji indirizzati mid-Direttiva 2016/2284/UE~~Direttiva 2001/81/KE~~ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46] ~~tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi~~[47]. Il-progress lejn il-miri tal-kwalità tal-arja u l-objettivi fit-tul għall-ożonu stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li ~~għandu~~ jiġi determinat mill-miri u ⇨ mill-impenji tat-tnaqqis ⇦ ~~mil-limiti massimi~~ tal-emissjonijiet previsti fid-Direttiva 2016/2284/UE~~Direttiva 2001/81/KE~~ u, ~~jekk ikun il-każ,~~ bl-implimentazzjoni ⇨ ta' miżuri kosteffettivi u ⇦tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja ~~kif previst f'din id-Direttiva~~.

↓ 2008/50 premessa 12
⇨ ġdid

(22) Il-valuri fil-mira u l-objettivi fit-tul ⇨ tal-ożonu ⇦ għall-iżgurar ta' protezzjoni effettiva kontra l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u l-veġetazzjoni u l-ekosistemi mill-esponiment għall-ożonu ~~m'għandhomx jinbidlu~~ ⇨ jenħtieġ li jiġu aġġornati fid-dawl tal-aktar rakkomandazzjonijiet riċenti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ⇦ .

(23) Jenħtieġ li ~~Għandhom~~ jiġu stabbiliti livell limitu ta' allert ⇨ għad-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$) u l-ożonu, ⇦ u livell limitu ta' informazzjoni għall-ożonu, għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ġenerali u s-sezzjonijiet ⇨ vulnerabbli u ⇦sensittivi, rispettivament, minn esponimenti għal żmien qasir għal konċentrazzjonijiet għoljin tal-ożonu. Dawk il-limiti jenħtieġ li ~~għandhom~~ jagħtu bidu għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku rigward ir-riskji tal-esponiment u l-implimentazzjoni, jekk ikun il-każ, ta' miżuri f'perjodu ta' żmien qasir sabiex jitnaqqsu l-livelli ~~tal-ożonu~~ ⇨ tat-tniġġis ⇦ meta l-livell limitu ta' allert jinqabeż.

↓ 2004/107 premessa 7 (adattat)

(24) F'konformità mal-Artikolu ⌦ 193 ⌫ ~~176~~ tat-Trattat, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri protettivi iktar stretti ~~li jirrigwardaw l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi~~ bil-kundizzjoni li huma kumpatibbli mat-Trattat u li jkunu notifikati lill-Kummissjoni.

↓ 2008/50 premessa 9
⇨ ġdid

(25) L-istatus tal-kwalità tal-arja jenħtieġ li ~~għandu~~ jinżamm fejn diġà jkun tajjeb, jew għandu jittejjeb. Fejn ~~ma jintlaħqux~~ ⇨ l-istandards ⇦ ~~l-objettivi~~ għall-kwalità tal-arja

[46] Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

[47] ~~ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/105/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 368).~~

ambjentali stabbiliti f'din id-Direttiva ⇨ jkunu fir-riskju li ma jintlaħqux, jew ma ntlaħqux ⇦ , l-Istati Membri jenħtieġ li ~~għandhom~~ jieħdu azzjoni ⇨ immedjata ⇦sabiex jikkonformaw mal-valuri ta' limitu ⇨ , l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju ⇦ u l-livelli kritiċi, u fejn possibbli, sabiex jiksbu l-valuri fil-mira ⇨ għall-ożonu ⇦ u l-objettivi fit-tul.

↓ 2004/107 premessa 9

(26) Il-merkurju hu sustanza perikoluża ħafna għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Hu preżenti kullimkien fl-ambjent, fil-forma ta' metilmerkurju, u għandu l-kapaċità li jakkumula f'organiżmi, partikolarment li jikkonċentra ruħu f'organiżmi aktar 'il fuq fil-katina tal-ikel. Merkurju rilaxxat fl-atmosfera huwa kapaċi li jiġi trasportat fuq distanzi twal.

↓ 2004/107 premessa 10 (adattat)
⇨ ġdid

(27) ~~Fl-2005 l-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tressaq strateġija koerenti li jkun fiha miżuri sabiex ikunu protetti~~ ⌦ Ir-Regolament 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48] għandu l-għan li jipproteġi ⌫ s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mir-rilaxx tal-merkurju, ibbażat~~a~~ fuq approċċ ta' ċiklu tal-ħajja, u li jieħu kont tal-produzzjoni, l-użu, t-trattament tal-iskart u l-emissjonijiet. ~~F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-miżuri kollha xierqa bil-ħsieb li titnaqqas il-kwantità tal-merkurju fl-ekosistemi terrestri u akwatiċi, u b'ħekk l-inġestjoni tal-merkurju mill-ikel, u sabiex jiġi evitat il-merkurju f'ċerti prodotti.~~ ⇨ Id-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ tal-merkurju f'din id-Direttiva jikkomplementaw u jinfurmaw dak ir-Regolament. ⇦

↓ 2008/50 premessa 10
⇨ ġdid

(28) Ir-riskju li joħloq it-tniġġis tal-arja għall-veġetazzjoni u l-ekosistemi naturali huwa l-aktar importanti f'postijiet lil hinn minn żoni urbani. Il-valutazzjoni ta' tali riskji u l-konformità mal-livelli kritiċi għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni jenħtieġ li ~~għandhom~~ għalhekk jiffokaw fuq postijiet lil hinn minn żoni mibnija. ⇨ Din il-valutazzjoni jenħtieġ li tqis u tikkomplementa r-rekwiżiti skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 biex timmonitorja l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq l-ekosistemi terrestri u akkwatiċi, u biex tirrapporta dawn l-impatti. ⇦

↓ 2008/50 premessa 15 (adattat)
⇨ ġdid

(29) Il-kontributi minn sorsi naturali jistgħu jiġu vvalutati iżda ma jistgħux jiġu kkontrollati. Għalhekk, fejn il-kontributi naturali għal sustanzi niġġiesa tal-arja ambjentali jistgħu jiġu determinati b'ċertezza suffiċjenti, u fejn il-qabżiet fuq il-limiti jkunu kompletament jew parzjalment dovuti għal dawn il-kontributi naturali, dawn jistgħu, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, jitnaqqsu meta tkun qed tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalità tal-arja ⇨ u l-obbligi tat-

---

[48] Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008, ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1-21).

tnaqqis tal-esponiment medju ⇦ . Il-kontribuzzjonijiet għall-qabżiet fuq il-valuri ta' limitu ta' materja partikolata ~~PM$_{10}$~~ attribwibbli għat-tixrid tar-ramel ⌦ fix-xitwa ⌫ jew tal-melħ fit-toroq matul ix-xitwa jistgħu wkoll jitnaqqsu meta tkun qed tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalità tal-arja sakemm ikunu ttieħdu miżuri raġonevoli sabiex jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet.

🡻 2008/50 premessa 16

(30) Għal żoni ~~u agglomerazzjonijiet~~ fejn il-kundizzjonijiet huma partikolarment diffiċili, jenħtieġ li ~~għandu~~ jkun possibbli li tiġi posposta l-iskadenza għall-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalità tal-arja f'każijiet fejn, minkejja t-twettiq ta' miżuri xierqa tat-tnaqqis tat-tniġġis, jeżistu problemi kbar ta' konformità f'żoni u agglomerazzjonijiet speċifiċi. Kwalunkwe posponiment għal żona jew agglomerazzjoni partikolari jenħtieġ li ~~għandha~~ tkun akkompanjata minn pjan komprensiv li għandu jiġi vvalutat mill-Kummissjoni sabiex tkun żgurata l-konformità sal-iskadenza riveduta. ~~Id-disponibilità ta' miżuri Komunitarji neċessarji li jirriflettu l-livell ta' ambizzjoni magħżul fl-Istrateġija Tematika dwar tniġġis fl-arja biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-sors tagħhom se jkunu importanti biex isir tnaqqis effettiv fl-emissjonijiet sa l-iskadenza stipulata f'din id-Direttiva għall-konformità mal-valuri ta' limitu, u din għandha titqies meta ssir l-evalwazzjoni tat-talbiet biex jiġu posposti l-iskadenzi għall-konformità.~~

🡻 2008/50 premessa 18
⇨ ġdid

(31) Jenħtieġ li ~~għandhom~~ jiġu żviluppati u aġġornati pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal żoni ~~u agglomerazzjonijiet~~ li fihom il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-arja ambjentali jaqbżu ~~l-valuri mmirati jew i~~l-valuri ta' limitu rilevanti tal-kwalità tal-arja ⇨ , il-valuri fil-mira għall-ożonu jew l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju⇦ ~~, flimkien ma' kwalunkwe marġini ta' tolleranza temporanja, fejn applikabbli~~. Is-sustanzi niġġiesa fl-arja jiġu minn ħafna sorsi u attivitajiet differenti. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn politiki differenti, tali pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jenħtieġ li ~~għandhom~~ jkunu konsistenti fejn fattibbli ~~,u jkunu integrati~~ mal-pjanijiet u l-programmi ppreparati skont id-Direttiva 2010/75/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni~~[49][50], id-Direttiva (UE) 2016/2284~~id-Direttiva 2001/81/KE~~, u d-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill~~ tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-immaniġġar tal-ħsejjes ambjentali~~[51][52]. ~~Ser jitqiesu bis-sħiħ ukoll l-għanijiet għall-kwalità tal-arja ambjentali stipulati f'din id-Direttiva, meta jingħataw permessi għall-attivitajiet industrijali skont id-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis~~[53]~~.~~

---

49 ~~ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/105/KE.~~

50 Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

51 ~~ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12.~~

52 Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali, ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12).

53 ~~ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.~~

⇩ ġdid

(32) Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jenħtieġ li jitħejjew ukoll qabel l-2030 fejn ikun hemm riskju li l-Istati Membri ma jilħqux il-valuri ta' limitu jew il-valur fil-mira għall-ożonu sa dik id-data sabiex jiġi żgurat li l-livelli ta' sustanzi niġġiesa jitnaqqsu kif xieraq.

🡻 2008/50 premessa 19
⇨ ġdid

(33) Jenħtieġ li ~~Għanduhom~~ jitfasslu pjanijiet ta' azzjoni li jindikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu fuq perjodu ta' żmien qasir fejn ikun hemm riskju li jinqabżu wieħed jew aktar mil-livelli limitu ta' allert sabiex jitnaqqas dak ir-riskju u sabiex ikun limitat it-tul ta' żmien tiegħu. Fejn ir-riskju japplika għal wieħed jew aktar mill-valuri ta' limitu jew il-valuri fil-mira, l-Istati Membri jistgħu, fejn ikun il-każ, ifasslu tali pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir. ~~Fir-rigward tal-ożonu, tali pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir għandhom jieħdu kont tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/279/KE tad-19 ta' Marzu 2004 li tikkonċerna gwida għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2002/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrelata mal-ożonu fl-ambjent tal-arja.~~

🡻 2008/50 premessa 20
⇨ ġdid

(34) L-Istati Membri jenħtieġ li ~~għandhom jikkonsultaw lil~~ ⇨ jikkooperaw ma' ⇦ xulxin jekk, wara tniġġis sinifikanti li joriġina fi Stat Membru ieħor, il-livell ta' sustanza niġġiesa jaqbeż, jew x'aktarx jaqbeż, ⇨ kwalunkwe valur limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu, l-obbligu għat-tnaqqis tal-esponiment medju ⇦ ~~l-objettivi rilevanti tal-kwalità tal-arja flimkien mal-marġni ta' tolleranza fejn applikabbli~~ jew~~, skont il-każ,~~ il-livell limitu ta' allert. In-natura transkonfinali ta' sustanzi niġġiesa speċifiċi, bħall-ożonu u l-materja partikolata, tista' teżiġi koordinazzjoni bejn l-Istati Membri ġirien fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u l-pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir u fl-informazzjoni lill-pubbliku. Fejn ikun il-każ, l-Istati Membri jenħtieġ li ~~għandhom~~ jfittxu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'enfasi partikolari fuq l-involviment bikri tal-pajjiżi kandidati. ⇨ Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun infurmata fil-ħin u mistiedna biex tassisti fi kwalunkwe kooperazzjoni bħal din. ⇦

🡻 2008/50 premessa 21
⇨ ġdid

(35) Jeħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġbru, jiskambjaw u jiddisseminaw l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja sabiex jifhmu aħjar l-impatti tat-tniġġis tal-arja u jiżviluppaw politiki adegwati. Jenħtieġ li ~~Għandha~~ wkoll tkun faċilment disponibbli għall-pubbliku informazzjoni aġġornata dwar il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa rregolati kollha fl-arja ambjentali ⇨ kif ukoll il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u l-pjanijiet ta' azzjoni fit-terminu qasir taż-żmien ⇦ .

↓ 2008/50 premessa 22
⇨ ġdid

(36) ⇨ Informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet u d-depożizzjoni tas-sustanzi niġġiesa li huma regolati jenħtieġ tingħadda lill-Kummissjoni biex isservi ta' bażi għal rapporti regolari. ⇦ Sabiex ikunu ffaċilitati t-trattament u l-paragun tal-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja, id-*data* jenħtieġ li ~~għandha~~ ssir disponibbli għall-Kummissjoni f'forma standardizzata.

↓ 2008/50 premessa 23

(37) Huwa meħtieġ li jiġu adattati proċeduri għall-forniment tad-*data*, il-valutazzjoni u r-rappurtar tal-kwalità tal-arja sabiex jippermettu l-użu ta' mezzi elettroniċi u l-Internet bħala l-għodod ewlenin sabiex jagħmlu l-informazzjoni disponibbli, u sabiex tali proċeduri jkunu kompatibbli mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi infrastruttura għall-informazzjoni ġeografika fil-Komunità (INSPIRE)~~[54].

↓ 2008/50 premessa 24

(38) Huwa xieraq li tkun prevista l-possibbiltà li l-kriterji u l-metodi tekniċi użati għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku u li tiġi adattata għalihom l-informazzjoni li għandha tingħata.

⇩ ġdid

(39) Kif iċċarat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[55], l-Istati Membri ma jistgħux jirrestringu l-pożizzjoni legali għall-kontestazzjoni ta' deċiżjoni ta' awtorità pubblika għal dawk il-membri tal-pubbliku kkonċernati li jkunu ħadu sehem fil-proċedura amministrattiva preċedenti għall-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni. Kif iċċarat ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[56], l-aċċess effettiv għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali u rimedji effettivi jirrikjedu, fost l-oħrajn, li l-membri tal-pubbliku kkonċernati jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jitolbu lill-qorti jew lil korp kompetenti indipendenti u imparzjali biex jordnaw miżuri interim għall-prevenzjoni ta' każ partikolari ta' tniġġis. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li l-pożizzjoni legali jenħtieġ li ma ssirx kundizzjonali fuq ir-rwol li kellu l-membru tal-pubbliku kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva. Barra minn hekk, kwalunkwe proċedura ta' rieżami jenħtieġ li tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u mhux għalja b'mod projbittiv, u tipprevedi mekkaniżmi ta' rimedju adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni kif xieraq.

[54] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

[55] Kawża C-826/18, Sentenza tal-Qorti (l-Ewwel Awla) tal-14 ta' Jannar 2021; LB et vs College van burgemeester en wethouders van de gemeente Echt-Susteren; il-paragrafi 58 u 59.

[56] Kawża C-416/10 Sentenza tal-Qorti (Awla Manja), 15 ta' Jannar 2013; Jozef Križan et vs Slovenská inšpekcia životného prostredia.Križan, il-paragrafu 109.

↓ 2008/50 premessa 30 ⇨ ġdid

(40) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. ~~B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tippromwovi l-integrazzjoni fil-linji politiċi tal-Unjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent skont il-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.~~ ⇨ Fejn tkun seħħet ħsara għas-saħħa tal-bniedem minħabba l-ksur tal-Artikoli 19, 20, 21 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-individwi affettwati minn tali ksur ikunu jistgħu jitolbu u jiksbu kumpens għal dik il-ħsara mill-awtorità kompetenti rilevanti. Ir-regoli dwar il-kumpens, l-aċċess għall-ġustizzja u l-penali stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom l-objettiv li jevitaw, jipprevjenu u jnaqqsu l-effetti ta' ħsara mit-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, f'konformità mal-Artikolu 191(1) tat-TFUE. Għalhekk, huma jfittxu li jintegraw fil-politika tal-Unjoni livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent f'konformità mal-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta, u jpoġġu f'termini konkreti l-obbligu li jiġi protett id-dritt għall-ħajja u għall-integrità tal-persuna stabbilit fl-Artikoli 2 u 3 tal-Karta. Id-Direttiva tikkontribwixxi wkoll għad-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. ⇦

↓ 2008/50 premessa 28 (adattat)

~~L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttivi ta' qabel.~~

↓ 2008/50 premessa 29 (adattat)

~~Skont il-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar leġiżlazzjoni aħjar[57], l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom stess, li jillustraw, sa fejn ikun possibbli, il-korrelazzjoni bejn id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni u jagħmluhom pubbliċi.~~

⇩ ġdid

(41) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-Istati Membri dwar it-trażmissjoni tal-informazzjoni u r-rappurtar dwar il-kwalità tal-arja skont din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' (i) l-istabbiliment ta' regoli relatati mal-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja ambjentali li l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni kif ukoll l-iskedi ta' żmien li fihom dik l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata u (ii) is-simplifikazzjoni tal-mod kif id-*data* tiġi rrappurtata u l-iskambju reċiproku ta' informazzjoni u *data* minn networks u punti individwali ta' kampjunar li jkejlu t-tniġġis tal-arja ambjentali fl-Istati Membri. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu

57 ~~ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.~~

eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[58].

(42) Sabiex jiġi żgurat li din id-Direttiva tkompli tilħaq l-objettivi tagħha, b'mod partikolari biex jiġu evitati, il-Qorti tal-Ġustizzja ipprevenuti u mnaqqsa l-effetti ta' ħsara mill-kwalità tal-arja ambjentali fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-annessi ta' din id-Direttiva biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi relatati mas-sustanzi niġġiesa fl-arja, il-valutazzjoni u l-ġestjoni tagħhom, l-impatti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u l-informazzjoni xierqa lill-pubbliku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[59]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(43) Jenħtieġ li l-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbel mad-Direttivi ta' qabel. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula joħroġ mid-Direttivi ta' qabel.

(44) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad Direttivi stipulati fil-Parti B tal-Anness X.

↓ 2004/107 premessa 1 (adattat)

~~Abbażi tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 175(3) tat-Trattat, is-Sitt Programm Komunitarju ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Ambjent, adottat bid-Deċiżjoni Nru. 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60], jistabbilixxi r-rekwiżit li t-tniġġis jitnaqqas għal livell li jimminimizza l-effetti dannużi fuq saħħet il-bniedem, waqt li tingħata attenzjoni partikolari lil kategoriji vulnerabbli tal-popolazzjoni, u lill-ambjent in ġenerali, li jittejjeb il-monitoraġġ u l-istima tal-kwalità tal-arja inkluż d-depożizzjoni ta' sustanzi li jniġġsu u li l-pubbliku jingħatalu l-informazzjoni.~~

↓ 2004/107 premessa 2 (adattat)

~~L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE tas-27 ta' Settembru 1996 dwar l-istima u l-immaniġġar tal-kwalità tal-arja ambjentali[61] jitlob mill-Kummissjoni li tissottometti proposti għar-regolament tas-sustanzi li jniġġsu elenkati fl-Anness I għal dik id-Direttiva waqt li tieħu kont tad-dispożizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 3 u 4 ta' dak l-Artikolu.~~

---

58 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13–18)

59 ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

60 ~~ĠU L 242, tal-10.9.2002, p. 1.~~

61 ~~ĠU L 296, tal-21.11.1996, p. 55. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).~~

↓ 2004/107 premessa 5

~~Il-valuri ta' mira għall-benżo(a)piren ma jirrikjedux miżuri li jwasslu għal spejjeż eċċessivi. Fir-rigward ta' installazzjonijiet industrijali ma jinvolvux xi miżura 'l barra mill-limitu ta' applikazzjoni tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT) kif mehtieġ mid-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE tal-24 ta' Settembru 1996 dwar il-kontroll u l-prevenzjoni integrat tat-tniġġis[62] u b'mod partikolari ma jwasslux għall-għeluq ta' installazzjonijiet. Madankollu, jkunu jehtieġu li l-Istati Membri jieħdu kull miżura ta' tnaqqis li tkun effettiva F'paragun man-nefqa fis-setturi rilevanti.~~

↓ 2004/107 premessa 6

~~Il-valuri ta' mira ta' din id-Direttiva ma għandhomx ikunu kkunsidrati bħala standards ta' kwalità ambjentali kif definiti fl-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 96/61/KE u li, skont l-Artikolu 10 ta' dik id-Direttiva, jehtieġu kundizzjonijiet aktar stretti minn dawk li jistgħu jintlaħqu bl-użu ta' BAT.~~

↓ 2004/107 premessa 8

~~Fejn il-konċentrazzjonijiet jaqbżu ċerti limiti ta' stima, l-monitoraġġ tal-arseniku, tal-kadmju, tan-nikil u tal-benżo(a)piren għandu jkun obbligatorju. Mezzi supplimentari ta' stima jistgħu jnaqqsu n-numru ta' postijiet meħtieġa fejn jinġabru l-kampjuni għal kejl fiss. Hu previst aktar monitoraġġ tal-konċentrazzjonijiet ta' arja ambjentali ta' sfond u ta' depożizzjoni.~~

↓ 2004/107 premessa 13

~~Informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet u d-depożizzjoni tas-sustanzi li jniġġsu li huma regolati għandha tingħadda lill-Kummissjoni biex isservi ta' bażi għal rapporti regolari.~~

↓ 2004/107 premessa 14

~~Informazzjoni aġġornata dwar il-konċentrazzjonijiet u d-depożizzjoni ta' sustanzi li jniġġsu li huma regolati għandha tkun faċilment disponibbli għall-pubbliku.~~

↓ 2004/107 premessa 15

~~L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jiżguraw li jiġu implimentati. Dawk il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi.~~

↓ 2004/107 premessa 16

~~Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[63].~~

62 ~~ĠU L 257, tal-10.10.1996, p. 26. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003.~~

63 ~~ĠU L 184, tal-17.7.1999, p. 23.~~

↓ 2004/107 premessa 17

~~L-emendi meħtieġa għall-addattament ta' din id-Direttiva għall-progress xjentifiku u tekniku għandhom jirrelataw biss għall-kriterji u t-tekniki għall-stima ta' konċentrazzjonijiet u depożizzjoni ta' sustanzi li jniġġsu li huma regolati jew arranġamenti dettaljati sabiex tingħata l-informazzjoni lill-Kummissjoni. M'għandhomx ikollhom l-effett li jiġu mmodifikati l-valuri ta' mira sew direttament jew indirettament,~~

↓ 2008/50 premessa 1 (adattat)

~~Is-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità dwar l-Ambjent adottat bid-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002[64] jistabbilixxi l-ħtieġa li t-tniġġis jitnaqqas għal livelli li jimminimizzaw l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bnedmin, waqt li tingħata attenzjoni partikolari lil popolazzjonijiet sensittivi, u lill-ambjent kollu, li jitjiebu l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja inkluża d-depożizzjoni ta' sustanzi li jniġġsu u li tingħata informazzjoni lill-pubbliku.~~

↓ 2008/50 premessa 2

~~Sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kollu, huwa partikolarment importanti li l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu jiġu miġġielda f'ras il-għajn u li jiġu identifikati u implimentati l-miżuri l-aktar effettivi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u Komunitarju. Għalhekk, għandhom jiġu evitati, impeduti jew imnaqqsa l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja u li jagħmlu l-ħsara u għandhom jiġu stabbiliti objettivi adegwati għall-kwalità tal-arja ambjentali b'kont meħud tal-istandards, il-linji gwida u l-programmi rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.~~

↓ 2008/50 premessa 3 (adattat)

~~Id-Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE tas-27 ta' Settembru 1996 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġar tal-kwalità tal-arja ċirkostanti[65], id-Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE tat-22 ta' April 1999 dwar il-valuri ta' limitu tad-diossidu tal-kubrit, tad-diossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, materja f'partiċelli u ċomb fl-arja ambjentali[66], id-Direttiva 2000/69/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2000 dwar valuri ta' limitu għall-benżina u monossidu karburiku fl-arja tal-ambjent[67], id-Direttiva 2002/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2002 dwar l-ożonu fl-arja ambjentali[68] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/101/KE tas-27 ta' Jannar 1997 li tistabbilixxi skambju ta' informazzjoni u data reċiproka min-networks u stazzjonijiet individwali li jkejlu t-tniġġis tal-arja tal-ambjent fl-Istati Membri[69] jeħtieġ li jkunu riveduti sostanzjalment sabiex jinkorporaw l-aħħar żviluppi tas-saħħa u tax-xjenza u l-esperjenza tal-Istati Membri. Fl-interessi taċ-ċarezza, tas-simplifikazzjoni u tal-effiċjenza amministrattiva huwa għalhekk kunsiljabbli li~~

64 ~~ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.~~

65 ~~ĠU L 296, 21.11.1996, p. 55. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).~~

66 ~~ĠU L 163, 29.6.1999, p. 41. Id-Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/744/KE (ĠU L 278, 23.10.2001, p. 35).~~

67 ~~ĠU L 313, 13.12.2000, p. 12.~~

68 ~~ĠU L 67, 9.3.2002, p. 14.~~

69 ~~ĠU L 35, 5.2.1997, p. 14. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/752/KE (ĠU L 282, 26.10.2001, p. 69).~~

dawk il-ħames atti jiġu sostitwiti minn Direttiva waħda u, fejn ikun il-każ, minn miżuri implimentattivi.

↓ 2008/50 premessa 4 (adattat)

Ladarba tinkiseb biżżejjed esperjenza fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali[70] tkun tista' tingħata konsiderazzjoni għall-possibbiltà li d-dispożizzjonijiet tagħha jingħaqdu ma' dawk ta' din id-Direttiva.

↓ 2008/50 premessa 11

Il-materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) hija responsabbli għall-impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem. Barra minn hekk, sa issa għad m'hemmx limitu identifikabbli li taħtu l-PM2.5 ma jkunx ta' riskju. Għaldaqstant, din is-sustanza li tniġġeġ m'għandiex tkun regolata bl-istess mod bħal sustanzi li jniġġsu oħra fl-arja. L-approċċ għandu jimmira għal tnaqqis ġenerali tal-konċentrazzjonijiet fil-kuntest urban sabiex ikun żgurat li sezzjonijiet kbar tal-popolazzjoni jibbenefikaw minn kwalità tal-arja mtejba. Madankollu, sabiex ikun żgurat livell minimu ta' protezzjoni tas-saħħa kullimkien, dak l-approċċ għandu jingħaqad ma' valur ta' limitu, li għandu jkun preċedut fl-ewwel stadju minn valur immirat.

↓ 2008/50 premessa 17

Il-miżuri Komunitarji neċessarji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mis-sors tagħhom, b'mod partikolari il-miżuri biex isir titjib fl-effettività tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-emissjonijiet industrijali, biex tiġi limitata l-emissjoni tad-duħħan minn magni stallati f'vetturi kbar, biex isir iżjed tnaqqis fl-emissjonijiet nazzjonali permessi ta' sustanzi li jniġġsu ewlenin u fl-emissjonijiet assoċjati mal-mili mill-ġdid tal-karburant ta' karozzi li jaħdmu bil-petrol fl-istazzjonijiet tas-servizz, u biex jiffaċċjaw il-kontenut tal-kubrit ta' fjuwils li jinkludu l-fjuwils tal-baħar, għandhom ikunu evalwati kif jixraq bħala prijorità mill-istituzzjonijiet involuti kollha.

↓ 2008/50 premessa 18

Għandhom jiġu żviluppati pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal żoni u agglomerazzjonijiet li fihom il-konċentrazzjonijiet ta' inkwinanti fl-arja ambjentali jaqbżu l-valuri mmirati jew il-valuri ta' limitu rilevanti tal-kwalità tal-arja, flimkien ma' kwalunkwe marġini ta' tolleranza temporanja, fejn applikabbli. L-inkwinanti tal-arja jiġu minn ħafna sorsi u attivitajiet differenti. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn linji politiċi differenti, tali pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għandhom ikunu konsistenti fejn fattibbli, u jkunu integrati mal-pjanijiet u l-programmi ppreparati skont id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni[71], id-Direttiva 2001/81/KE, u d-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-immaniġġar tal-ħsejjes ambjentali[72]. Ser jitqiesu bis-sħiħ ukoll l-għanijiet għall-kwalità tal-

---

70 ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3.

71 ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/105/KE.

72 ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12.

~~arja ambjentali stipulati f'din id-Direttiva, meta jingħataw permessi għall-attivitajiet industrijali skont id-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis[73].~~

↓ 2008/50 premessa 25 (adattat)

~~Ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri waħedhom, minħabba n-natura transkonfinali tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja, u jistgħu għalhekk, jinkisbu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.~~

↓ 2008/50 premessa 26

~~L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.~~

↓ 2008/50 premessa 27 (adattat)

~~Ċerti dispożizzjonijiet tal-atti revokati minn din id-Direttiva għandhom jibqgħu fis-seħħ sabiex tkun żgurata l-kontinwazzjoni tal-limiti eżistenti tal-kwalità tal-arja għad-diossidu tan-nitroġenu sakemm dawn jinbidlu mill-1 ta' Jannar 2010, il-kontinwazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar tal-kwalità tal-arja sakemm jiġu adottati miżuri ġodda ta' implimentazzjoni, u l-kontinwazzjoni tal-obbligi relatati mal-valutazzjonijiet preliminari tal-kwalità tal-arja meħtieġa taħt id-Direttiva 2004/107/KE.~~

↓ 2008/50 premessa 31

~~Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[74].~~

↓ 2008/50 premessa 32

~~Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda l-Annessi I sa VI, l-Annessi VIII sa X u l-Anness XV. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.~~

[73] ~~ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.~~

[74] ~~ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id Deċiżjoni kif emendata bid Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).~~

↓ 2008/50 premessa 33 (adattat)

~~Il-klawżola ta' traspożizzjoni teħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-kejl meħtieġ fil-kuntest urban ikun stabbilit fiż-żmien biżżejjed sabiex jiġi definit l-Indikatur ta' esponiment medju, sabiex ikun żgurat li jkunu sodisfatti r-rekwiżiti relatati mal-valutazzjoni tal-Mira Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-esponiment u mal-kalkolu tal-Indikatur ta' esponiment medju,~~

↓ 2008/50

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

↓ 2004/107

~~Artikolu 1~~

~~Il-miri~~

~~Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:~~

~~(a) tistabbilixxi valur ta' mira għall-konċentrazzjoni tal-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-benżo(a)piren fl-arja ambjentali sabiex jiġu evitati, impeduti jew imnaqqsa l-effetti ta' ħsara tal-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent in ġenerali;~~

~~(b) tiżgura, fir-rigward tal-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, li l-kwalità tal-arja ambjentali tinżamm fejn tkun tajba u tittejjeb F'każijiet oħra;~~

~~(c) tiddetermina metodi u kriterji komuni għall-stima ta' konċentrazzjonijiet tal-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliikliċi fl-arja ambjentali kif ukoll għad-depożizzjoni ta' arseniku, kadmju, merkurju, nikil u idrokarburi aromatiċi poliċikliċi;~~

~~(d) tiżgura li tinkiseb informazzjoni xierqa dwar il-konċentrazzjonijiet tal-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali kif ukoll dwar id-depożizzjoni ta' arseniku, kadmju, merkurju, nikil u idrokarburi aromatiċi poliċikliċi u tiżgura li tkun aċċessibbli għall-pubbliku.~~

⇩ ġdid

Artikolu 1

Objettivi

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi objettiv ta' tniġġis żero għall-kwalità tal-arja, sabiex fl-Unjoni l-kwalità tal-arja tittejjeb progressivament għal livelli li ma jibqgħux jitqiesu

ta’ ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ekosistemi naturali, kif definit mill-evidenza xjentifika, u b’hekk tikkontribwixxi għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi sa mhux aktar tard mill-2050.

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi valuri ta’ limitu intermedji, valuri fil-mira, obbligi ta’ tnaqqis tal-esponiment medju, objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju, livelli kritiċi, livelli limitu ta’ informazzjoni, livelli limitu ta’ allert u objettivi fit-tul (“standards tal-kwalità tal-arja”) li għandhom jintlaħqu sas-sena 2030, u rieżaminati regolarment minn hemm’ il quddiem f’konformità mal-Artikolu 3.

3. Barra minn hekk, din id-Direttiva tikkontribwixxi għall-kisba ta’: l-objettivi tal-Unjoni għat-tnaqqis tat-tniġġis, tal-bijodiversità u tal-ekosistemi f’konformità mat-8 Programm ta’ Azzjoni Ambjentali, kif stabbilit fid-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[75].

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 2

⌦ Soġġett ⌫

Din id-Direttiva tistabbilixxi ⌦ l-miżuri li ġejjin ⌫ ~~miżuri mmirati lejn dan li ġej~~:

1. ⌦ miżuri għad- ⌫~~id-~~definizzjoni u l-istabbilment ta’ objettivi fir-rigward tal-kwalità tal-arja ambjentali maħsuba sabiex jevitaw, jipprevjenu jew inaqqsu l-effetti ta’ ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ~~kollu~~;

2. ⌦ miżuri li jistabbilixxu metodi u kriterji komuni għall-valutazzjoni ⌫~~il-valutazzjoni~~ tal-kwalità tal-arja ambjentali fl-Istati Membri ~~fuq il-bażi ta’ metodi u kriterji komuni~~;

3. ⇨ miżuri għall-monitoraġġ tal- ⇦ ~~il-ksib ta’ informazzjoni dwar il-~~ kwalità tal-arja ambjentali ~~bħala għajnuna sabiex ikun miġġieled it-tniġġis tal-arja u l-fastidju u sabiex ikunu ssorveljati~~ tax-xejriet għal perjodu fit-tul u ~~t-titjib li jirriżulta minn~~ miżuri ~~nazzjonali u~~ ~~Komunitarji~~ ⌦ tal-Unjoni u nazzjonali ⌫ ⇨ dwar il-kwalità tal-arja ambjentali ⇦ ;

4. ⌦ miżuri għal ⌫l-assigurazzjoni li ~~din~~ l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja ambjentali titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;

5. ⌦ miżuri dwar ⌫ il-manteniment tal-kwalità tal-arja fejn din tkun tajba u tkun qiegħda tittejjeb f’każijiet oħra;

6. ⌦ miżuri dwar ⌫ il-promozzjoni ta’ aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fit-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja.

⇩ ġdid

Artikolu 3

Rieżami regolari

1. Sal-31 ta’ Diċembru 2028, u kull ħames snin minn hemm’ il quddiem, u aktar ta’ spiss jekk sejbiet xjentifiċi ġodda sostanzjali jindikaw il-ħtieġa għaliha, il-Kummissjoni għandha

[75] Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ April 2022 dwar Programm Ġenerali ta’ Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

tirrieżamina l-evidenza xjentifika relatata mas-sustanzi niġġiesa tal-arja u l-effetti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent rilevanti biex jintlaħaq l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 1 u tippreżenta rapport bis-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Ir-rieżami għandu jivvaluta jekk l-istandards applikabbli tal-kwalità tal-arja għadhomx xierqa biex jintlaħaq l-objettiv li jiġu evitati, ipprevenuti jew imnaqqsa l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u jekk jenħtieġx li jiġu koperti sustanzi niġġiesa tal-arja addizzjonali.

Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, ir-rieżami għandu jivvaluta jekk din id-Direttiva għandhiex bżonn tiġi riveduta bil-ħsieb li jiġi żgurat l-allinjament mal-Linji Gwida dwar il-Kwalità tal-Arja tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u mal-aħħar informazzjoni xjentifika.

Għall-finijiet tar-rieżami, il-Kummissjoni għandha tqis, fost l-oħrajn, dan li ġej:

(a) l-informazzjoni xjentifika l-aktar reċenti mid-WHO u organizzazzjonijiet rilevanti oħra,

(b) żviluppi teknoloġiċi li għandhom impatt fuq il-kwalità tal-arja u l-valutazzjoni tagħha,

(c) is-sitwazzjonijiet tal-kwalità tal-arja u l-impatti assoċjati fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent fl-Istati Membri,

(d) il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' tnaqqis nazzjonali u tal-Unjoni għas-sustanzi niġġiesa u fit-titjib tal-kwalità tal-arja.

3. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tassisti lill-Kummissjoni fit-twettiq tar-rieżami.

4. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, b'riżultat tar-rieżami, għandha tippreżenta proposta biex tirrevedi l-istandards tal-kwalità tal-arja jew biex tkopri sustanzi niġġiesa oħra tal-arja.

↓ 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu ~~4~~2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva ⌦, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin ⌫ :

(1) "l-arja ambjentali" tfisser l-arja ta' barra fit-troposfera, minbarra l-postijiet tax-xogħol kif definiti ~~bid-~~ ⌦ fl-Artikolu 2 ⌫Direttiva tal-Kunsill 89/654/KEE[76] fejn japplikaw dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u li għalihom il-pubbliku m'għandux aċċess regolari;

(2) "sustanza niġġiesa" tfisser kwalunkwe sustanza fl-arja ambjentali u li x'aktarx ikollha effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bnedmin u~~/jew~~ l-ambjent ~~kollu~~;

---

[76] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/654/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol (l-ewwel Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 393, 30.12.1989, p.1). Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2007/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 27.6.2007, p. 21).

(3) “livell” tfisser il-konċentrazzjoni ta’ sustanza niġġiesa fl-arja ambjentali jew id-depożizzjoni tagħha fuq l-uċuħ fi żmien partikolari;

↓ 2004/107 (adattat)

~~Artikolu 2~~

~~Definizzjonijiet~~

~~Għall-għanijiet ta’ din id-Direttiva, id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/62/KE, bl-eċċezzjoni tad-definzzjoni “valur ta’ mira”, għandhom japplikaw.~~

~~Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:~~

~~“valur ta’ mira”tfisser konċentrazzjoni fl-arja ambjentali ffissata bil-għan li jiġu evitati, impeduti jew imnaqqsa l-effetti ta’ ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent in ġenerali, li għandu jintlaħaq fejn possibbli matul perjodu speċifikat;~~

(4) ~~(b)~~ “depożizzjoni totali ~~jew komplessiva~~” tfisser il-massa totali ta’ sustanzi niġġiesa li tiġi trasferita mill-atmosfera għal fuq l-uċuħ ⊠ , bħal ⊠ ~~(eż. ta’~~ ħamrija, veġetazzjoni, ilma, bini, ~~eċċ.)~~ f’żona speċifikata fi żmien speċifikat;

↓ 2008/50

(5) ~~18.~~“PM_{10}” tfisser il-materja partikolata li tgħaddi minn daħla selettiva skont id-daqs kif definit fil-metodu ta’ referenza għall-kampjunar u għall-kejl tal-PM_{10}, EN 12341, b’limitu ta’ effiċjenza ta’ 50 % f’dijametru aerodinamiku ta’ 10 µm;

(6) ~~19.~~“‘$PM_{2.5}$” tfisser il-materja partikolata li tgħaddi minn ~~daħla~~ bokkaselettiva skont id-daqs kif definit fil-metodu ta’ referenza għall-kampjunar u għall-kejl tal-$PM_{2.5}$, EN 14907, b’limiti tal-effiċjenza ta’ 50 % f’dijametru aerodinamiku ta’ 2,5 µm;

(7) ~~24.~~“ossidi tan-nitroġenu” tfisser it-total tal-~~volume mixing ratio~~ proporzjon tat-taħlit f’volum(ppbv) tal-monossidu tan-nitroġenu (ossidu nitriku) u d-diossidu tan-nitroġenu mogħtija bħala unitajiet ta’ konċentrazzjoni tal-massa tad-diossidu tan-nitroġenu ($\mu g/m^3$);

↓ 2004/107 (adattat)

~~(c) “livell ta’ stima għolja” tfisser livell speċifikat fl-Anness II, li taħtu tista’ tintuża kombinazzjoni ta’ metodi tekniċi ta’ kejl u mmudellar biex tiġi stmata l-kwalità tal-arja fl-ambjent, bi qbil mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 96/62/KE;~~

~~(d) tfisser livell speċifikat fl-Anness II li taħtu l-użu biss ta’ tekniki ta’ mudellar jew ta’ stima objettiva għandha tkun possibbli sabiex tiġi stmata l-kwalità tal-arja ambjentali, skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 96/62/KE;~~

~~(E) “kejl fiss” tfisser kejl li jkun sar f’siti fissi kemm b’mod kontinwu jew permezz ta’ kampjuni każwali, skont l-Artikolu 6(5) tad-Direttiva 96/62/KE;~~

(8) ~~(f)~~ “arseniku”, “kadmju”, “nikil” u “benżo(a)piren”tfisser il-kontenut sħiħ ta’ dawn l-elementi u komposti fil-frazzjoni PM_{10};

~~(g) "PM_{10}" tfisser materja ta' partikolati, li tgħaddi minn daħla li tagħżel id-daqs kif definit fil-EN 12341 b'cut-off ta' effiċjenza ta' 50 % iffissat F'dijametru ajrudinamiku ta' 10 μm;~~

(9) ~~(h)~~ "idrokarburi aromatiċi poliċikliċi" tfisser dawk il-komposti organiċi, magħmulin minn tal-inqas żewġ anelli aromatiċi maqgħudin fis-sħiħ mill-karbonju u l-idroġenu;

(10) ~~(i)~~ "merkurju ~~fi stat~~ gassuż totali" tfisser fwar ta' merkurju elementali (Hg^0) u merkurju gassuż reattiv, i.e. speċi ta' merkurju li jista' jdub fl-ilma bi pressjoni ta' fwar għolja biżżejjed biex jeżisti fil-fażi ta' gass.

↓ 2008/50

(11) ~~27.~~ "komposti organiċi volatili (VOC)" tfisser komposti organiċi minn sorsi antropoġeniċi u bijoġeniċi, ħlief għal metan, li jistgħu jipproduċu ossidanti fotokimiċi permezz ta' reazzjonijiet mal-ossidi tan-nitroġenu fil-preżenza tad-dawl tax-xemx;

(12) ~~28.~~"sustanzi prekursuri tal-ożonu" tfisser sustanzi li jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-ożonu fil-livell tal-art~~;~~ ~~li xi whud minnhom huma elenkati fl-Anness X.~~

⇩ ġdid

(13) "karbonju iswed" (BC) tfisser karbonju iswed ekwivalenti (eBC) derivat minn metodi ottiċi.

(14) "partikoli ultrafini" (UFP) tfisser il-konċentrazzjonijiet tan-numru ta' partikoli f'cm^3 għal firxa ta' daqsijiet bil-limitu l-aktar baxx ta' ≤ 10 nm u għal firxa ta' daqsijiet mingħajr ebda restrizzjoni fuq il-limitu superjuri.

↓ 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

(15) ~~16.~~"żona" tfisser parti mit-territorju ta' Stat Membru, delimitata minn dak l-Istat Membru għall-finijiet tal-valutazzjoni u l-ġestjoni tal-kwalità tal-arja;

(16) ~~17.~~"agglomerazzjoni" tfisser ~~żona li tkun~~ konurbazzjoni b'popolazzjoni li taqbeż il-250 000 abitant, jew, meta l-popolazzjoni tkun ta' 250 000 abitant jew inqas, b'densità ta' popolazzjoni kull km^2 li għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri;

(17) ~~4.~~ "valutazzjoni" tfisser kwalunkwe metodu użat sabiex jitkejlu, jiġu kkalkolati, jitbassru jew jiġu stmati l-livelli;

(18) ~~12.~~"~~l-ogħla~~ limitu ta' valutazzjoni" tfisser ⌦ il-livell ⌫ ~~livell~~ ~~li taħtu tista' tintuża kombinazzjoni ta' kejl u metodi tekniċi ta' mudellar fissi u/jew kejl indikattiv~~ ⇨ li jiddetermina r-reġim ta' valutazzjoni meħtieġ ⇦sabiex tiġi valutata l-kwalità tal-arja ambjentali;

~~13. "l-aktar limitu baxx ta' valutazzjoni" tfisser livell li taħtu jistgħu jintużaw biss metodi tekniċi ta' mudellar jew metodi ta' stima oġġettiva għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja fl-ambjent;~~

(19) ~~25.~~“kejl fiss” tfisser kejl meħud ⇨ f’punti ta’ kampjunar ⇦ ~~f’siti fissi~~, jew kontinwament jew bil-kampjunar każwali ⇨ f’postijiet kostanti jew mill-inqas għal sena waħda kalendarja ⇦sabiex jiġu determinati l-livelli f’konformità mal-objettivi rilevanti tal-kwalità tad-*data*;

(20) ~~26.~~“kejl indikattiv” tfisser kejl li jissodisfa objettivi tal-kwalità tad-*data* li jkunu inqas stretti minn dawk meħtieġa għall-kejl fiss;

⇩ ġdid

(21) “stima oġġettiva” tfisser metodu ta’ valutazzjoni biex tinkiseb informazzjoni kwantitattiva jew kwalitattiva dwar il-konċentrazzjoni jew il-livell ta’ depożizzjoni ta’ sustanza niġġiesa permezz ta’ ġudizzju espert, li jista’ jinkludi l-użu ta’ għodod statistiċi, telerilevament, u sensuri *in situ*;

(22) “rappreżentattività spazjali” tfisser approċċ ta’ valutazzjoni li bih il-metrika tal-kwalità tal-arja osservata f’punt ta’ kampjunar tkun rappreżentattiva għal żona ġeografika delineata b’mod espliċitu sal-punt li l-metrika tal-kwalità tal-arja f’dik iż-żona ma tkunx differenti mill-metrika osservata fil-punt tal-kampjunar b’aktar minn livell ta’ tolleranza predefinit;

🡻 2008/50

(23) ~~23.~~ “postijiet bi sfond urban” tfisser postijiet f’żoni urbani fejn il-livelli jirrappreżentaw l-esponiment tal-popolazzjoni urbana ġenerali;

⇩ ġdid

(24) “postijiet bi sfond rurali” tfisser postijiet f’żoni rurali b’densità tal-popolazzjoni baxxa fejn il-livelli jirrappreżentaw l-esponiment tal-popolazzjoni rurali ġenerali;

(25) “supersit ta’ monitoraġġ” tfisser stazzjon ta’ monitoraġġ f’post bi sfond urban jew f’post bi sfond rurali li jikkombina diversi punti ta’ kampjunar biex jiġbor *data* fit-tul dwar diversi sustanzi niġġiesa;

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

(26) ~~5.~~ “valur ta’ limitu” tfisser livell ⌦ li ma għandux jinqabeż u li huwa ⌫ fiss fuq il-bażi tal-konoxxenza xjentifika, bil-għan li jkunu evitati, ipprevenuti jew jitnaqqsu l-effetti ta’ ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u/jew l-ambjent ~~kollu, li għandu jintlaħaq f’perjodu partikolari u li ma għandux jinqabeż ladarba jintlaħaq~~;

(27) ~~9.~~ “valur fil-mira ⇨ għall-ożonu ⇦ ” tfisser livell iffissat ⇨ abbażi tal-għarfien xjentifiku, ⇦ bil-għan li jkunu evitati, prevenuti jew imnaqqsa l-effetti ta’ ħsara ⇨ mill-ożonu ⇦ fuq is-saħħa tal-bniedem ~~u/~~ jew l-ambjent ~~kollu~~, li għandu ⌦ jkun hemm konformità miegħu ⌫ ~~jintlaħaq~~ meta possibbli fuq perjodu stipulat;

(28) ~~20.~~“indikatur tal-esponiment medju” tfisser livell medju determinat abbażi tal-kejl f’ambjenti urbani ~~madwar it-territorju kollu tal-Istat Membru~~ ⇨ fl-unità

territorjali sħiħa fil-livell NUTS1 kif deskritt fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, jew, jekk ma jkunx hemm żona urbana f'dik l-unità territorjali, fil-postijiet bi sfond rurali, ⇦ u li jirrifletti l-esponiment tal-popolazzjoni~~. Huwa~~ ,użat ~~għall-kalkolu~~ ⇨ għall-verifika ta' jekk intlaħqux ⇦ ~~tal-mira~~ ~~nazzjonali~~ ⇨ l-obbligu ⇦għat-tnaqqis tal-esponiment ⇨ medju u l-objettiv ⇦ ~~u l-obbligu~~ tal-konċentrazzjoni tal-esponiment ⇨ medju ⇦ ⇨ għal dik l-unità territorjali ⇦ ;

(29) ~~22.~~"~~mira~~ ⇨ obbligu ⇦għat-tnaqqis tal-esponiment medju" tfisser tnaqqis perċentwali tal-indikatur tal-esponiment medju tal-popolazzjoni ⇨ , espress bħala l-indikatur tal-esponiment medju, ⇦ta' ⇨ unità territorjali fil-livell NUTS 1 kif deskritt fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[77] ⇦ ~~Stat Membru~~ stabbilit għas-sena ta' referenza bil-għan li jitnaqqsu l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem, u li għandu jinkiseb~~, meta dan ikun possibbli,~~ f'perjodu partikolari;

(30) ~~21."Obbligu~~"⇨ objettiv ⇦ ~~obbligu~~ tal-konċentrazzjoni tal-esponiment ⇨ medju ⇦" tfisser livell ~~fiss abbażi~~ tal-indikatur tal-esponiment medju ⌦ li jrid jinkiseb, ⌫ bil-ħsieb li jitnaqqsu l-effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem~~,~~ ~~li għandu jinkiseb~~ ~~tul perjodu partikolari~~;

(31) ~~6.~~ "livell kritiku" tfisser livell ~~iffissat fuq il-bażi tal-konoxxenza xjentifika,~~ li meta jinqabeż jistgħu jiġru effetti ta' ħsara diretta fuq ċerti riċetturi, bħal siġar, pjanti oħra jew ekosistemi naturali, iżda mhux fuq il-bnedmin;

(32) ~~11."Livell~~"livell limitu ta' informazzjoni" tfisser livell li jekk jinqabeż ikun hemm riskju għas-saħħa tal-bniedem mill-esponiment fil-qosor għal ~~sezzjonijiet~~ popolazzjoni partikolarment sensittiva ⌦ u gruppi vulnerabbli ⌫ u li għalih ikun hemm bżonn ta' informazzjoni immedjata u adegwata;

(33) ~~10."Livell~~"livell limitu ta' allert" tfisser livell li jekk jinqabeż ikun hemm riskju għas-saħħa tal-bniedem mill-esponiment fil-qosor għall-popolazzjoni kollha u li meta jintlaħaq l-Istati Membri għandhom jieħdu passi minnufih;

~~7. "marġni ta' tolleranza" tfisser il-perċentwal tal-valur ta' limitu li bih jista' jinqabeż suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva;~~

(34) ~~14.~~"objettiv għal perjodu twil ta' żmien" tfisser livell li għandu jintlaħaq fuq medda twila ta' żmien, ħlief meta ma jistax jintlaħaq b'miżuri proporzjonati, bil-għan li tingħata protezzjoni effettiva lis-saħħa tal-bnedmin u lill-ambjent;

(35) ~~15.~~"kontributi minn sorsi naturali" tfisser emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa li ma jkunux direttament jew indirettament ikkawżati minn attivitajiet tal-bniedem, inklużi avvenimenti naturali bħal żbroffi vulkaniċi, attivitajiet siżmiċi, attivitajiet ġeotermali, nirien ta' art selvaġġa, avvenimenti ta' riħ qawwi, raxx tal-baħar jew risospensjoni tal-atmosfera jew it-trasport ta' partikoli naturali minn reġjuni nixfin;

(36) ~~8.~~"pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja" tfisser pjanijiet li jistabbilixxu miżuri sabiex ~~jintlaħqu~~ ⌦ ikun hemm konformità ma ⌫ l-valuri ta' limitu , ~~jew il-valuri mmirati~~ ⇨ il-valuri fil-mira għall-ożonu ⇦ ⇨ jew l-obbligi għat-tnaqqis tal-esponiment medju ⇦ ;

[77] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

⇩ ġdid

(37) “pjanijiet ta’ azzjoni għal żmien qasir” tfisser pjanijiet li jistabbilixxu miżuri ta’ emerġenza li għandhom jittieħdu fi żmien qasir biex jitnaqqas ir-riskju immedjat jew it-tul ta’ żmien tal-qbiż tal-llivelli limitu ta’ allert;

(38) “il-pubbliku kkonċernat” tfisser il-pubbliku affettwat jew li x’aktarx jiġi affettwat minn qabżiet tal-istandards tal-kwalità tal-arja, jew li għandu interess fil-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-obbligi skont din id-Direttiva, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont id-dritt nazzjonali;

(39) “popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbli” tfisser dawk il-gruppi tal-popolazzjoni li huma aktar vulnerabbli għall-esponiment għat-tniġġis tal-arja mill-popolazzjoni medja, minħabba li għandhom sensittività ogħla jew limitu aktar baxx għall-effetti fuq is-saħħa jew għandhom kapaċità mnaqqsa li jipproteġu lilhom infushom.

🡻 2008/50

Artikolu 5~~3~~

Responsabbiltajiet

L-Istati Membri għandhom jaħtru fil-livelli adatti l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi responsabbli għal li ġej:

(a) il-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali;

(b) l-approvazzjoni ta’ sistemi tal-kejl (metodi, tagħmir, networks u laboratorji);

(c) l-assigurazzjoni tal-preċiżjoni tal-kejl;

⇩ ġdid

(d) l-iżgurar tal-preċiżjoni tal-applikazzjonijiet ta’ mmudellar;

🡻 2008/50 (adattat)

(c~~c~~d) l-analiżi ta’ metodi ta’ valutazzjoni;

(f~~e~~e) il-koordinazzjoni fit-territorju tagħhom jekk ikunu organizzati mill-Kummissjoni, programmi għall-assigurazzjoni tal-kwalità ⌦ fl-Unjoni kollha ⌫ ~~fil-Komunità kollha~~;

(g~~f~~f) il-kooperazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni;~~.~~

⇩ ġdid

(h) l-istabbiliment ta’ pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja;

(i) pjanijiet ta’ azzjoni għal perjodu qasir.

↓ 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

~~Fejn rilevanti, l-awtoritajiet u l-korpi kompetenti għandhom jikkonformaw mat-Taqsima Ċ tal-Anness I.~~

Artikolu ~~6~~4

Stabbiliment ta' żoni ~~u agglomerazzjonijiet~~

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu żoni ~~u agglomerazzjonijiet~~ fit-territorju kollu tagħhom ⇨ , inkluż, fejn xieraq għall-iskopijiet tal-valutazzjoni u tal-ġestjoni tal-kwalità tal-arja, fil-livell tal-agglomerazzjonijiet ⇦ . Il-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja u l-ġestjoni tal-kwalità tal-arja għandha ssir fiż-żoni ~~u l-agglomerazzjonijiet~~ kollha.

KAPITOLU II

IL-VALUTAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-ARJA AMBJENTALI ⌦ U TAR-RATI TA' DEPOŻIZZJONI ⌫

~~*TAQSIMA 1*~~

~~***Il-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja fl-ambjent fir-rigward tad-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, il-partikoli, iċ-ċomb, il-benżinau l-monossidu tal-karbonju***~~

Artikolu ~~7~~5

Reġim ta' Valutazzjoni

1. Il-limiti ~~operattivi massimi u minimi~~ ta' valutazzjoni speċifikati f~~it-Taqsima A ta'~~ l-Anness II għandhom japplikaw għad-diossidu tal-kubrit, għad-diossidu tan-nitroġenu u għall-ossidi tan-nitroġenu, għall-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$), għaċ-ċomb, għall-benżen~~,~~ ~~u~~ għall-monossidu tal-karbonju ⌦ , għall-arseniku, għall-kadmju, għan-nikil, għall-benżo(a)piren u għall-ożonu fl-arja ambjentali ⌫ .

Kull żona ~~u agglomerazzjoni~~ għandha tiġi kklassifikata fir-rigward ta' dawk il-limiti massimi ta' valutazzjoni.

2. ⌦ L-Istati Membri għandhom jagħmlu rieżami ⌫ tal-~~II-~~klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ~~għandha tiġi riveduta~~ tal-anqas kull ħames snin f'konformità mal-proċedura stipulata ⌦ f'dan il-paragrafu ⌫~~fit-Taqsima B tal-Anness II~~. Madankollu, il-klassifikazzjonijiet għandhom ikunu rieżaminati aktar spiss fil-każ ta' tibdil sinifikanti fl-attivitajiet rilevanti fil-konċentrazzjonijiet tal-ambjent tad-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu ⌦ u ⌫ ~~jew, meta jkun rilevanti,~~ l-ossidi tan-nitroġenu, il-partikoli (PM_{10}, $PM_{2.5}$), iċ-ċomb, il-benżen~~,~~ ~~jew~~ il-monossidu tal-karbonju ⌦ , l-arseniku, il-kadmju, in-nikil, il-benżo(a)piren jew l-ożonu ⌫ .

~~**B Determinazzjoni tal-qbiż tal-limiti ta' valutazzjoni superjuri u inferjuri**~~

Il-qabżiet tal-~~ogħla~~ limiti ta' valutazzjoni ~~u dawk l-aktar baxxi~~ għandhom ikunu determinati abbażi tal-konċentrazzjonijiet matul il-ħames snin ta' qabel meta jkun hemm *data* suffiċjenti disponibbli. Limitu ta' valutazzjoni għandu jitqies li nqabeż jekk ikun inqabeż matul tal-anqas tliet snin separati minn dawk il-ħames snin ta' qabel.

Fejn tkun disponibbli *data* ~~ta' inqas~~ ⌦ għal inqas ⌫ minn ħames snin, l-Istati Membri jistgħu jikkombinaw kampanji ta' kejl ta' żmien qasir matul il-perjodu tas-sena u f'postijiet li jkunu x'aktarx tipiċi tal-ogħla livelli ta' sustanzi niġġiesa, b'riżultati miksuba minn informazzjoni tal-inventarji dwar l-emissjonijiet u l-immudellar sabiex jiġu determinati il-qabżiet ~~ogħla u iktar baxxi~~tal-limiti ta' valutazzjoni.

Artikolu ~~8~~6

Kriterji ta' valutazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-kwalità tal-arja ambjentali fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa msemmija fl-Artikolu ~~7~~5 fiż-żoni ~~u l-agglomerazzjonijiet~~ kollha tagħhom, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 2, ~~3, u 4~~ ⇨ sa 6 ⇦ ta' dan l-Artikolu u f'konformità ma~~l-kriterji stabbiliti f~~l-Anness IV~~III~~.

2. Fiż-żoni~~u l-agglomerazzjonijiet~~ kollha fejn il-livell ta' sustanzi niġġiesa ~~msemmija fil-paragrafu 1~~ jaqbeż ~~l-ogħla~~ il-limitu ta' valutazzjoni stabbilit għal dawk is-sustanzi niġġiesa, għandu jintuża kejl fiss sabiex tiġi valutata l-kwalità tal-arja ambjentali. Dak il-kejl fiss jista' jiġi ssuppliment ~~jiżdied~~ b'~~metodi tekniċi~~ ⇨ applikazzjonijiet ⇦ta' mmudellar u~~/jew~~ kejl indikattiv ⇨ għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja u ⇦ sabiex tiġi provduta informazzjoni adegwata dwar id-distribuzzjoni fl-ispazju ~~tal-kwalità tal-arja fl-ambjent~~ ⇨ tas-sustanza niġġiesa fl-arja u dwar ir-rappreżentattività spazjali tal-kejl fiss ⇦ .

3. Fiż-żoni ~~u l-agglomerazzjonijiet~~ kollha fejn il-livell ta' sustanzi niġġiesa ~~msemmija fil-paragrafu 1~~ ~~ikun anqas mill-ogħla limitu ta' valutazzjoni~~ ⇨ jaqbeż valur ta' limitu ⇦ stabbilit għal dawk is-sustanzi niġġiesa ⇨ fit-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Anness I jew valur fil-mira għall-ożonu stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Anness I ⇦ , ~~tista' tintuża kombinazzjoni ta' kejl fiss u metodi tekniċi~~ ⇨ għandhom jintużaw applikazzjonijiet ⇦ta' mmudellar ~~u/jew kejl indikattiv~~ ⇨ flimkien ma' kejl fiss ⇦ sabiex tiġi vvalutata l-kwalità tal-arja ambjentali.

⇩ ġdid

Dawk l-applikazzjonijiet ta' mmudellar għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni dwar id-distribuzzjoni spazjali tas-sustanzi niġġiesa u dwar ir-rappreżentattività spazjali tal-kejl fiss.

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

4. Fiż-żoni ~~u l-agglomerazzjonijiet~~ kollha fejn il-livell ta' sustanzi niġġiesa ~~msemmija fil-paragrafu 1~~ ikun anqas mil-limitu ~~baxx~~ ta' valutazzjoni stabbilit għal dawk is-sustanzi niġġiesa, l-użu ta' ~~metodi tekniċi~~ ⇨ applikazzjonijiet ta' mmudellar, kejl indikattiv, ⇦ ~~jew ta'~~ metodi tekniċi ta' valutazzjoni tal-objettiv, jew ⇨ taħlita tagħhom ⇦ ~~it-tnejn~~ huwa biżżejjed sabiex tiġi valutata l-kwalità tal-arja ambjentali.

⇩ ġdid

5. Jekk l-immudellar juri qbiż ta’ kwalunkwe valur ta’ limitu jew valur fil-mira għall-ożonu f’erja taż-żona mhux koperta minn kejl fiss, għandu jintuża kejl fiss jew indikattiv addizzjonali matul mill-inqas sena kalendarja waħda wara li tkun ġiet irreġistrata l-qabża, biex jiġi vvalutat il-livell ta’ konċentrazzjoni tas-sustanza niġġiesa rilevanti.

🡻 2004/107
⇨ ġdid

~~*Artikolu 4*~~

~~**L-istima ta’ konċentrazzjonijiet fl-arja ambjentali ta’ rati u d-depożizzjoni**~~

~~1. Il-kwalità tal-arja ambjentali f’dak li għandu x’jaqsam mal-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-benżo(a)piren għandha tiġi stmata fit-territorju kollu tal-Istati Membri.~~

~~2. Skont il-kriterji msemmija fil-paragrafu 7, il-kejl hu obbligatorju fiż-żoni li ġejjin:~~

~~(a) iż-żoni u l-agglomerazzjonijiet fejn il-livelli huma bejn il-limitu ta’ stima superjuri u dak inferjuri, u~~

~~(b) ż-żoni u agglomerazzjonijiet oħra fejn il-livelli jaqbżu l-livell ta’ stima superjuri.~~

~~Il-kejl previst jista’ jiġi ssupplimentat b’tekniki ta’ mudellar sabiex jiġi provdut livell xieraq ta’ informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja ambjentali.~~

~~3. Tista’ tintuża kombinazzjoni ta’ kejl, inkluż il-kejl indikattiv, kif imsemmija fis-Sezzjoni I tal-Anness IV, u tekniki ta’ mudellar sabiex tiġi stmata l-kwalità tal-arja ambjentali fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet fejn il-livelli tul perjodu rappreżentattiv huma bejn il-limiti ta’ stima superjuri u inferjuri, skont is-Sezzjoni II tal-Anness II.~~

~~4. Fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet fejn il-livelli huma taħt il-limiti ta’ stima inferjuri, li jiġi stabbilit skont is-Sezzjoni II tal-Anness II, l-użu waħdieni ta’ tekniki ta’ mudellar jew ta’ stima objettiva għal-livelli ta’ stimi għandu jkun possibbli.~~

~~5. Fejn għandhom jitkejjlu s-sustanzi li jniġġsu, l-kejl għandu jsir f’siti fissi sew kontinwament jew permezz ta’ kampjuni każwali. In-numru ta’ kejl għandu jkun suffiċjenti għad-determinazzjoni tal-livelli.~~

~~6. Il-livelli ta’ stima superjuri u inferjuri għall-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-benżo(a)piren fl-arja ambjentali għandhom ikunu dawk stabbiliti fis-Sezzjoni I tal-Anness II. Il-klassifikazzjoni ta’ kull żona jew agglomerazzjoni għall-iskopijiet ta’ dan l-Artikolu għandha tiġi riveduta mill-anqas kull ħames snin skont il-proċedura stabbilita fis-Sezzjoni II tal-Anness II ta’ din id-Direttiva. Il-klassifikazzjoni għandha tiġi riveduta qabel f’każ ta’ bidla sinifikanti fl-attivitajiet rilevanti għall-konċentrazzjonijiet ta’ arseniku, kadmju, nikil u benżo(a)piren fl-arja ambjentali.~~

~~7. Il-kriterji sabiex jiġu ddeterminati l-postijiet fejn jinġabru l-kampjuni għall-kejl tal-arseniku, il-kadmju, in-nikil, u il-benżo(a)piren fl-arja ambjentali biex tkun stmata l-konformità mal-valuri ta’ mira għandhom ikunu dawk elenkati fis-Sezzjonijiet I u II tal-Anness III. In-numru minimu ta’ postijiet fejn jinġabru l-kampjuni għal kejl fiss ta’ konċentrazzjoni ta’ kull sustanza li tniġġeġ għandu jkun kif stabbilit fis-Sezzjoni IV tal-~~

~~Anness III, u għandhom jiġu nstallati f'kull żona jew agglomerazzjoni li fiha hu meħtieġ li jsir kejl jekk il-kejl fiss ikun l-uniku mezz ta' data dwar il-konċentrazzjonijiet hemmhekk.~~

6~~8~~. Sabiex tiġi stmata l-kontribuzzjoni tal-benżo(a)piren fl-arja ambjentali, kull Stat Membru għandu jagħmel monitoraġġ ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi rilevanti oħra f'numru limitat ta' ~~siti ta' kejl~~ ⇨ punti ta' kampjunar⇦ . Dawn il-komposti għandhom jinkludu mill-inqas: benżo(a)antraċen, benżo(b)fluworanten, benżo(j)fluworanten, benżo(k)fluworanten, indeno(1,2,3-ċd)piren, u dibenż(a,h) antraċen. ~~Siti ta' monitoraġġ~~ ⇨ Il-punti ta' kampjunar ⇦ għal dawn l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi għandhom jiġu ppostjati ⇨ mal-punti ta' kampjunar ⇦ ~~mas-siti fejn jittieħdu l-kampjuni~~ tal-benżo(a)piren u għandhom jintgħażlu b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu identifikati l-varjazzjoni ġeografika u t-tendenzi fuq perjodu fit-tul. ~~Għandhom japplikaw is-Sezzjonijiet I, II, u III tal-Anness III.~~

⇩ ġdid

7. Minbarra l-monitoraġġ meħtieġ skont l-Artikolu 10, l-Istati Membri għandhom, fejn applikabbli, jimmonitorjaw il-livelli ta' partikoli ultrafini f'konformità mal-Punt D tal-Anness III u t-Taqsima 3 tal-Anness VII.

🡻 2008/50

~~5. Barra mill-valutazzjonijiet msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4, il-kejl għandu jsiru f'postijiet rurali bi sfond lil hinn minn sorsi sinifikanti tat-tniġġis tal-arja, bl-iskop li jipprovdi, bħala minimu, informazzjoni dwar il-massa tal-konċentrazzjoni totali u l-konċentrazzjonijiet tal-formazzjoni kimika ta' materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) fuq il-bażi ta' medja annwali u għandu jsir bl-użu tal-kriterji li ġejjin:~~

~~(a) punt wieħed ta' kampjunar għandu jkun installat kull 100000 km^2;~~

~~(b) kull Stat Membru għandu jistabbilixxi tal-anqas stazzjon wieħed tal-kejl jew jista', bi ftehim ma' Stati Membri ġirien, jistabbilixxi stazzjon ta' kejl wieħed jew aktar, li jkopru żoni rilevanti tal-viċinat, sabiex tinkiseb ir-riżoluzzjoni ġeografika meħtieġa;~~

~~(c) (ċ) fejn ikun il-każ, il-monitoraġġ għandu jkun koordinat mal-programm tal-istrateġija ta' monitoraġġ u ta' kejl tal-Programm kooperattiv għall-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni tat-Trasmissjoni fuq Distanza Twila ta' Sustanzi li Jniġġsu fl-Arja fl-Ewropa (EMEP);~~

~~(d) It-Taqsima A u Ċ tal-Anness I għandhom japplikaw fir-rigward tal-objettivi tal-kwalità tad-data għall-kejl tal-konċentrazzjoni tal-partikoli u l-Anness IV għandu japplika kollu kemm hu.~~

~~L-Istati Membri għandhom jinformaw ukoll lill-Kummissjoni bil-metodi ta' kejl użati fil-kejl tal-kompożizzjoni kimika ta' materja partikolata fina ($PM_{2.5}$).~~

🡻 219/2009 Art. 1 u Anness .3(8) (adattat)

~~9. Irrispettivament mil-livelli ta' konċentrazzjoni għandu jiġi installat post wieħed fejn jinġabru l-kampjuni ta' sfond kull 100000km2 għall-kejl indikattiv fl-arja ambjentali, tal-arseniku, il-kadmju, in-nikil, il-merkurju gassuż totali, il-benżo(a)piren u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi l-oħra msemmija fil-paragrafu 8, u tad-depożizzjoni totali ta' arseniku,~~

~~kadmju, merkurju, nikil, benżo(a)piren u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi l-oħra msemmija fil-paragrafu 8. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mill-inqas stazzjon ta' kejl wieħed. Madankollu, bi ftehim u skont linji gwida li jridu jiġu mfassla taħt il-proċedura regolatorja stabbilita fl-Artikolu 6(2), l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu stazzjon jew diversi stazzjonijiet komuni ta' kejl li jkopru ż-żoni ġirien fl-Istati Membri kontigwi, sabiex tintlaħaq riżoluzzjoni tal-ispazju meħtieġ. Il-kejl ta' merkurju bivalenti gassuż u ta' partikolati ta' merkurju hu wkoll rakkomandat. Fejn xieraq, il-monitoraġġ għandu jkun ikkoordinat mal-istrateġija ta' monitoraġġ u l-programm ta' kejl tal-Monitoraġġ u l-Istima ta' Sustanzi li Jniġġsu (EMEP). Is-siti ta' fejn jinġabru l-kampjuni ta' dawn is-sustanzi li jniġġsu għandhom jintgħażlu b'tali mod li l-varjazzjoni ġeografika u t-tendenzi għal żmien twil jistgħu jiġu identifikati. Għandhom japplikaw is-Sezzjonijiet I, II, u III tal-Anness III.~~

↓ 2004/107
⇨ ġdid

8.~~10.~~ L-użu ta' bijoindikaturi ~~jista'~~ ⇨ għandu ⇦ jkun ikkunsidrat fejn se jiġu stmati x-xejriet reġjonali tal-impatt fuq ekosistemi ⇨ , inkluż f'konformità mal-monitoraġġ li jsir skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 ⇦ .

~~11. Għal żoni u agglomerazzjonijiet li fihom l-informazzjoni minn stazzjonijiet fissi ta' kejl tiġi supplimentata b'informazzjoni minn sorsi oħrajn, bħal inventarji ta' emissjoni, metodi ta' kejl indikattiv u mudellar tal-kwalità tal-arja, n-numru ta' stazzjonijiet fissi ta' kejl li jridu jiġu nstallati u r-riżoluzzjoni tal-ispazju ta' tekniki oħrajn għandhom ikunu biżżejjed sabiex jiġu stabbiliti l-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja skont is-Sezzjoni I tal-Anness III u s-Sezzjoni I tal-Anness IV.~~

~~12. L-għanijiet tal-kwalità tad-data huma stabbiliti fis-Sezzjoni I tal-Anness IV. Fejn għall-istima jintużaw mudelli tal-kwalità tal-arja, għandha tapplika s-Sezzjoni II tal-Anness IV.~~

~~13. Il-metodi ta' referenza għat-teħid ta' kampjuni u l-analiżi tal-arseniku, l-kadmju, l-merkurju, n-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali għandhom ikunu kif stabbilit fis-Sezzjonijiet I, II u III tal-Anness V. Is-sezzjoni IV tal-Anness V għandha tistabbilixxi tekniki ta' referenza għall-kejl tat-depożizzjoni totali tal-arseniku, il-kadmju, merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi u s-Sezzjoni V tal-Anness V tirreferi għal tekniki ta' mudellar tal-kwalità tal-arja meta tali tekniki jkunu disponibbli.~~

~~14. Id-data sa meta l-Istati Membri għandhom jinfurmaw il-Kummissjoni dwar il-metodi użati għall-istima preliminari tal-kwalità tal-arja taħt il-punt (d) tal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 96/62/KE għandha tkun id-data stabbilita fl-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva.~~

↓ 219/2009 Art. 1 u Anness .3(8)

~~15. Kwalunkwe emenda meħtieġa sabiex jiġu adattati d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u tas-Sezzjoni II tal-Anness II u tal-Annessi III, IV u V għall-progress xjentifiku u tekniku għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 6(3). Dawn jistgħu ma jirriżultawx f'xi tibdil dirett jew indirett fil-valuri ta' mira.~~

↓ 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 9~~7~~

Punti ta' kampjunar

1. Fejn jitpoġġew il-punti ta' kampjunar għall-kejl tad-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu u ossidi tan-nitroġenu, il-materja partikolata (PM_{10}, $PM_{2.5}$), iċ-ċomb, il-benżen, ~~u~~ il-monossidu tal-karbonju ⌦ , l-arseniku, il-kadmju, in-nikil, il-benżo(a)piren ⌫ fl-arja ambjentali għandu jiġi determinat ⌦ f'konformità ma⌫~~bl-użu tal-kriterji elenkati fl-~~Anness IV~~III~~.

⌦ Il-post tal-punti ta' kampjunar għall-kejl tal-ożonu għandu jiġi determinat bl-użu tal-kriterji stabbiliti fl-Anness IV. ⌫

2. F'kull żona ~~jew agglomerazzjoni~~ fejn ⇨ il-livell ta' sustanzi niġġiesa jaqbeż il-livell ta' limitu ta' valutazzjoni speċifikat fl-Anness II, ⇦ ~~il-kejl fiss ikun is-sors waħdieni tal-informazzjoni għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja,~~ in-numru ta' punti ta' kampjunar għal kull sustanza niġġiesa ~~rilevanti~~ m'għandux ikun anqas min-numru minimu tal-punti ta' kampjunar speċifikat ~~fit-Taqsima A~~ fit-Tabelli 3 u 4 tal-Punt A u tal-Punt C, tal- Anness III~~V~~ .

3. Għal żoni ~~u agglomerazzjonijiet~~ ⇨ fejn il-livell ta' sustanzi niġġiesa jisboq il-limitu ta' valutazzjoni rilevanti fl-Anness II, iżda mhux il-valuri ta' limitu rispettivi speċifikati fit-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Anness I, il-valuri fil-mira għall-ożonu speċifikati fit-Taqsima 2 tal-Anness I jew il-livelli kritiċi speċifikati fit-Taqsima 3 tal-Anness I ⇦ ~~li fihom l-informazzjoni minn punti fissi ta' kampjunar għall-kejl tiġi supplimentata bl-informazzjoni mill-immudellar u/jew kejl indikati~~, l-għadd ~~totali~~ ⇨ minimu ⇦ ta' punti ta' kampjunar, ~~speċifikati fit-Taqsima A tal-Annessi V~~ jista' jitnaqqas sa 50 %, ⇨ f'konformità mal-Punti A u C tal-Annex III ⇦ sakemm iseħħ dan li ġej:

(a) ~~il-metodi supplimentari~~ ⇨ il-kejl indikattiv u l-immudellar ⇦ jipprovdu informazzjoni suffiċjenti għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja fir-rigward tal-valuri ta' limitu ⇨ , il-valuri fil-mira għall-ożonu, il-livelli kritiċi, il-livelli limitu ta' informazzjoni u ⇦ ~~jew~~ l-livelli limitu ta' allert, kif ukoll l-informazzjoni adegwata għall-pubbliku ⇨ , flimkien ma' dik ipprovduta mill-punti ta' kampjunar fissi ⇦;

(b) in-numru ta' punti ta' kampjunar li għandhom jiġu installati u r-riżoluzzjoni spazjali ~~ġeografika~~ ta' ⇨ kejl indikattiv u metodi ta' mmudellar ⇦ ~~metodi tekniċi oħrajn~~ huma suffiċjenti għall-konċentrazzjoni tas-sustanza niġġiesa rilevanti li għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-objettivi tal-kwalità tad-*data* speċifikati ~~fit-Taqsima~~ il-Punti A u B tal-Anness V~~I~~ u jippermettu r-riżultati ta' valutazzjoni jilħqu ~~l-kriterji~~ ⌦ r-rekwiżiti ⌫ speċifikati fil-Punt D~~B~~ tal-Anness V;~~I~~

⇩ ġdid

(c) in-numru ta' kejl indikattiv huwa l-istess bħan-numru ta' kejl fiss li qed jiġi sostitwit u l-kejl indikattiv għandu durata minima ta' xahrejn għal kull sena kalendarja;

(d) għall-ożonu, id-diossidu tan-nitroġenu jitkejjel fil-punti kollha ta' kampjunar li jkejlu l-ożonu ħlief fil-postijiet bi sfond rurali kif imsemmi fil-Punt B tal-Anness IV.

4. Punt wieħed jew aktar ta' kampjunar adattati għall-objettiv ta' monitoraġġ speċifikat fit-Taqsima 2, il-Punt A tal-Anness VII, għandhom jiġu installati fit-territorju ta' Stat Membru biex jipprovdu *data* dwar konċentrazzjonijiet tas-sustanzi prekursuri tal-ożonu elenkati fil-Punt B ta' dik it-Taqsima f'postijiet determinati f'konformità mal-Punt C ta' dik it-Taqsima.

↓ 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

5.~~4.~~ Kull Stat Membru għandu, f'konformità mal-Anness IV~~III~~, jiżgura li t-tqassim ~~u n-numru ta' punti ta' kampjunar li fuqhom ikun ibbażat~~ ⌦ użat għall-kalkolu tal-indikaturi ⌫~~l indikatur~~ tal-esponiment medju għall-$PM_{2.5}$ ⇨ u n-NO_2, ⇦ jirrifletti l-esponiment tal-popolazzjoni ġenerali b'mod adegwat. In-numru ta' punti ta' kampjunar m'għandux ikun anqas minn dak determinat mill-applikazzjoni tal-Punt~~tat-Taqsima~~ B, tal-Anness III~~V~~..

6. Għandu jittieħed kont tar-riżultati tal-⇨ applikazzjonijiet ta' ⇦mmudellar u~~/jew~~ tal-kejl indikattiv għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja fir-rigward tal-valuri ~~mmirati~~ ⇨ ta' limitu u l-valuri fil-mira għall-ożonu ⇦.

⇩ ġdid

7. Il-punti ta' kampjunar li fihom il-qbiż ta' kwalunkwe valur ta' limitu speċifikat fit-Taqsima 1 tal-Anness I ġie rreġistrat fit-tliet snin preċedenti ma għandhomx jiġu rilokati, sakemm ma tkunx meħtieġa rilokazzjoni minħabba ċirkostanzi speċjali, inkluż l-iżvilupp spazjali. Ir-rilokazzjoni tal-punti ta' kampjunar għandha ssir fiż-żona ta' rappreżentattività spazjali tagħhom u tkun ibbażata fuq ir-riżultati tal-immudellar.

↓ 2008/50

~~4. L-applikazzjoni fl-Istati Membri tal-kriterji tal-għażla tal-punti ta' kampjunar għanda tkun sorveljata mill-Kummissjoni sabiex titħaffef l-applikazzjoni armonizzata ta' dawk il-kriterji mal-Unjoni Ewropea kollha.~~

⇩ ġdid

Artikolu 10

Supersiti ta' monitoraġġ

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mill-inqas supersit wieħed ta' monitoraġġ għal kull 10 miljun abitant f'post bi sfond urban. L-Istati Membri li għandhom inqas minn 10 miljun abitant għandhom jistabbilixxu mill-inqas supersit wieħed ta' monitoraġġ f'post bi sfond urban.

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mill-inqas supersit wieħed ta' monitoraġġ għal kull 100 000 km^2 f'post bi sfond rurali. L-Istati Membri li t-territorju tagħhom huwa inqas minn 100 000 km^2 abitant għandhom jistabbilixxu mill-inqas supersit wieħed ta' monitoraġġ f'post bi sfond urban.

2. Il-post fejn jinsabu s-supersiti ta' monitoraġġ għandu jiġi ddeterminat għal postijiet bi sfond urban u postijiet bi sfond rurali f'konformità mal-Punt B tal-Anness IV.

3. Il-punti kollha ta' kampjunar li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Punti B u C tal-Anness IV u li huma installati f'supersiti ta' monitoraġġ jistgħu jitqiesu għall-iskop li jintlaħqu r-rekwiżiti dwar in-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għas-sustanzi niġġiesa rilevanti kif speċifikat fl-Anness III.

4. Stat Membru jista' jistabbilixxi, bi ftehim ma' Stat Membru ġar wieħed jew aktar, supersit wieħed jew aktar ta' monitoraġġ konġunt biex jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1. Dan ma jaffettwax l-obbligu ta' kull Stat Membru li jistabbilixxi mill-inqas supersit wieħed ta' monitoraġġ f'post bi sfond urban u supersit wieħed ta' monitoraġġ f'post bi sfond rurali.

5. Il-kejl fis-supersiti kollha tal-monitoraġġ f'postijiet bi sfond urban għandu jinkludi kejl fiss jew indikattiv tad-distribuzzjoni tad-daqs tal-partikoli ultrafini u l-potenzjal ossidattiv tal-materja partikolata.

6. Il-kejl fis-supersiti kollha ta' monitoraġġ f'postijiet bi sfond urban u f'postijiet bi sfond rurali għandu jinkludi mill-inqas dan li ġej:

(a) kejl fiss tal-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$), tad-diossidu tan-nitroġenu (NO_2), tal-ożonu (O_3), tal-karbonju iswed (BC), tal-ammonijaka (NH_3) u tal-partikoli ultrafini (UFP).

(b) kejl fiss jew indikattiv ta' materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) bl-għan li tiġi pprovduta, bħala minimu, informazzjoni dwar il-konċentrazzjoni tal-massa totali tagħhom u l-konċentrazzjonijiet ta' speċjazzjoni kimika tagħhom fuq bażi medja annwali f'konformità mat-Taqsima 1 tal-Anness VII;

(c) kejl fiss jew indikattiv tal-arseniku, il-kadmju, in-nikil, il-merkurju gassuż totali, il-benżo(a)piren u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi l-oħra msemmija fl-Artikolu 8(6), u tad-depożizzjoni totali tal-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil, il-benżo(a)piren u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi l-oħra msemmija fl-Artikolu 8(6), irrispettivament mil-livelli tal-konċentrazzjoni.

7. Il-kejl tal-merkurju divalenti partikolat u gassuż jista' jitwettaq ukoll f'supersiti ta' monitoraġġ f'postijiet bi sfond urban u f'postijiet bi sfond rurali.

↓ 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

8.~~(c)~~ Fejn ikun il-każ, il-monitoraġġ għandu jkun ikkoordinat mal-programm tal-istrateġija ta' monitoraġġ u ta' kejl tal- Programm Kooperattiv għall-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni tat-Trażmissjoni fuq Distanza Twila ta' Sustanzi Niġġiesa fl-Arja fl-Ewropa (EMEP) ⇨ , l-Infrastruttura ta' Riċerka dwar l-Aerosol, is-Sħab u l-Gassijiet Traċċa (ACTRIS), u l-monitoraġġ tal-impatti tat-tniġġis tal-arja mwettaq skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 ⇦ .

Artikolu 11 ~~8~~

Metodi ta' kejl ta' referenza ⌦ u objettivi tal-kwalità tad-*data* ⌫

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-metodi ta' kejl ta' referenza ~~u l-kriterji~~ speċifikati ~~fit-Taqsima A u t-Taqsima Ċ~~ fil-Punti A u Ctal-Anness VI.

~~2.~~ ⌦ Madankollu, ⌫ jIistgħu jintużaw metodi oħra ta' kejl suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Punti~~fit-Taqsima~~ B, C, D u E~~,~~ tal-Anness VI.

⇩ ġdid

2. Id-*data* dwar il-kwalità tal-arja għandha tissodisfa l-objettivi tal-kwalità tad-*data* stabbiliti fl-Anness V.

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

~~TAQSIMA 2~~

~~Il-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja fl-ambjent fir-rigward tal-ożonu~~

~~*Artikolu 9*~~

~~Kriterji ta' valutazzjoni~~

~~1. Għandu jittieħed kejl fiss fejn f'żona jew agglomerazzjoni l-konċentrazzjonijiet tal-ożonu jkunu qabżu l-objettivi għal perjodu fit-tul speċifikati fit-Taqsima C tal-Anness VII matul kwalunkwe sena mill-ħames snin preċedenti tal-kejl.~~

~~2. Fejn anqas minn ħames snin ta' data jkunu disponibbli, l-Istati Membri jistgħu, għall-iskop li jiddeterminaw jekk l-objettivi għal perjodu fit-tul imsemmija fil-paragrafu 1 inqabżux matul dawk il-ħames snin, jgħaqqdu r-riżultati meħuda mill-kampanji tal-kejl ta' tul qasir meta u fejn il-livelli x'aktarx ikunu fl-ogħla tagħhom, bir-riżultati miksuba mill-inventarji tal-emissjonijiet u l-mudellar.~~

~~*Artikolu 10*~~

~~Punti ta' kampjunar~~

~~1. Il-post tal-punti ta' kampjunar għall-kejl tal-ożonu għandu jiġi determinat bl-użu tal-kriterji stabbiliti fl-Anness VIII.~~

~~2. Il-punti ta' kampjunar għall-kejl fiss tal-ożonu f'kull żona jew agglomerazzjoni li fihom il-kejl ikun is-sors waħdieni tal-informazzjoni għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja m'għandux ikun anqas min-numru minimu tal-punti ta' kampjunar speċifikat fit-Taqsima A tal-Anness IX.~~

~~3. Għal żoni u agglomerazzjonijiet li fihom l-informazzjoni minn punti ta' kampjunar għall-kejl fiss tiġi supplimentata bl-informazzjoni mill-mudellar u/jew kejl indikattiv, in-numru ta' punti ta' kampjunar speċifikat fit-Taqsima A tal-Annessi IX jista' jitnaqqas jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:~~

~~(a) il-metodi supplimentari jipprovdu informazzjoni suffiċjenti għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja fir-rigward tal-valuri mmirati, l-objettivi għal perjodu fit-tul, u l-limiti tal-informazzjoni u l-allert;~~

~~(b) in-numru ta' punti ta' kampjunar li jiġu installati u r-riżoluzzjoni ġeografika ta' metodi tekniċi oħra ikunu biżżejjed sabiex il-konċentrazzjoni tal-ożonu tiġi stabbilita skont l-objettivi tal-kwalità tad-data speċifikati fit-Taqsima A tal-Anness I u għandu jippermetti li r-riżultati tal-valutazzjoni josservaw il-kriterji speċifikati fit-Taqsima B tal-Anness I;~~

~~(c) in-numru ta' punti ta' kampjunar f'kull żona jew agglomerazzjoni jammonta għal tal-anqas punt wieħed ta' kampjunar kull żewġ miljun abitant jew punt wieħed ta'~~

~~kampjunar kull 50000 km2 skont liema jipproduċi l-akbar numru ta' punti ta' kampjunar, iżda ma m'għandux ikun anqas minn punt wieħed ta' kampjunar f'kull żona jew agglomerazzjoni;~~

~~(d) id-diossidu tan-nitroġenu jitkejjel fil-punti kollha ta' kampjunar ħlief fl-istazzjonijiet bi sfond rurali kif imsemmi fit-Taqsima A tal-Anness VIII.~~

~~Għandu jittieħed kont tar-riżultati tal-mudellar u/jew tal-kejl indikattiv għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja fir-rigward tal-valuri mmirati.~~

~~5. F'żoni u agglomerazzjonijiet fejn, matul kull waħda mill-ħames snin ta' qabel ta' kejl, il-konċentrazzjonijiet huma taħt l-għanijiet għal perjodu fit-tul, l-għadd ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss għandu jkun determinat skont it-Taqsima B tal-Anness IX.~~

~~6. Kull Stat Membru għandu jiżgura li tal-anqas punt wieħed ta' kampjunar jkun installat u mħaddem fit-territorju tiegħu sabiex jipprovdi data dwar konċentrazzjonijiet tas-sustanzi prekursuri tal-ożonu elenkati fl-Anness X. Kull Stat Membru għandu jagħżel in-numru u l-lokalità tal-istazzjonijiet fejn is-sustanzi prekursuri tal-ożonu jitkejlu, wara li jitqiesu l-objettivi u l-metodi stabbiliti fl-Anness X.~~

~~*Artikolu 11*~~

~~**Metodi ta' kejl ta' referenza**~~

~~1. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-metodu ta' referenza għall-kejl tal-ożonu, kif stabbilit fil-punt 8 tat-Taqsima A tal-Anness VI. Jistgħu jintużaw metodi oħra ta' kejl suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima B tal-Anness VI.~~

~~2. Kull Stat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-metodi li juża, għall-kampjunar u għall-kejl tal-VOC, kif elenkat fl-Anness X.~~

KAPITOLU III

ĠESTJONI TAL-KWALITÀ TAL-ARJA

Artikolu 12

Rekwiżiti fejn il-livelli jkunu anqas mill-valuri ta' limitu ⌦ , mill-valur fil-mira għall-ożonu u mill-objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju, iżda ogħla mil-limiti tal-valutazzjoni ⌫

1. F'żoni ~~u agglomerazzjonijiet~~ fejn il-livelli tad-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu, il-⌦ materja partikolata (⌫PM_{10}, ~~il-~~$PM_{2.5}$), iċ-ċomb, il-benżen~~-u~~ il-monossidu tal-karbonju ⇨ , l-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-benżo(a)piren ⇦ fl-arja ambjentali jkunu taħt il-valuri ta' limitu rispettivi speċifikati fit-Taqsima 1 tal-Anness I ~~fl-Annessi XI u XIV~~, l-Istati Membri għandhom iżommu l-livelli ta' dawk is-sustanzi niġġiesa taħt il-valuri ta' limitu~~-u għandhom jimpenjaw ruħhom sabiex jippreżervaw l-aħjar kwalità tal-arja, b'mod kumpatibbli mal-iżvilupp sostenibbli~~.

~~*Artikolu 18*~~

~~**Rekwiżiti f'żoni u agglomerazzjonijiet fejn il-konċentrazzjonijiet tal-ożonu huma konformi mal-objettivi għal perjodu twil ta' żmien**~~

2. F'żoni ~~u agglomerazzjonijiet~~ fejn il-livelli tal-ożonu ⇨ huma taħt il-valur fil-mira għall-ożonu ⇦ ~~ikunu konformi mal-objettivi għal perjodu twil ta' żmien~~, l-Istati Membri għandhom ⇨ jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iżommu dawk il-livelli taħt il-valur fil-mira għall-ożonu u jaħdmu biex jilħqu l-objettivi fit-tul speċifikati fit-Taqsima 2 tal-Anness I ⇦, sa fejn

jippermettu fatturi inkluża n-natura transkonfinali tat-tniġġis tal-ożonu u l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi, ⇨ u dment li l-miżuri meħtieġa ma jfissrux kost sproporzjonat.⇦ ~~iżommu dawk il-livelli taħt il-livelli tal-objettivi għal perjodu twil ta żmien.~~

⇩ ġdid

3. F'unitajiet territorjali fil-livell NUTS 1 kif deskritti fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 fejn l-indikaturi tal-esponiment medju għall-$PM_{2.5}$ u l-NO_2 huma taħt il-valur rispettiv tal-objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju għal dawk is-sustanzi niġġiesa kif stabbilit fit-Taqsima 5 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom iżommu l-livelli ta' dawk is-sustanzi niġġiesa taħt l-objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju.

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

4. ~~u~~ ⌦ L-Istati Membri ⌫ għandhom ⇨ jaħdmu biex jiksbu u ⇦ jippreżervaw ~~permezz ta miżuri propożjonati~~ l-aħjar kwalità tal-arja ambjentali ~~kompatibbli mal-iżvilupp sostenibbli~~ u livell għoli ta' protezzjoni lill-ambjent u lis-saħħa tal-bnedmin ⇨ , f'konformità mal-linji gwida dwar il-kwalità tal-arja ppubblikati mill-WHO u taħt il-limiti ta' valutazzjoni stipulati fl-Anness II ⇦ .

Artikolu 13

Valuri ta' limitu, ⌦ valuri fil-mira għall-ożonu ⌫ u ~~l-limiti ta' allert~~ ⌦ obbligu għat-tnaqqis tal-esponiment medju ⌫għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bnedmin

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fiż-żoni ~~u l-agglomerazzjonijiet~~ kollha tagħhom, il-livelli tad-diossidu tal-kubrit, ⇨ tad-diossidu tan-nitroġenu, tal-materja partikolata (⇦ PM_{10}, ⇨ u $PM_{2.5}$), ⇦, taċ-ċomb, ⇨ tal-benżen, ⇦ ~~u~~ tal-monossidu tal-karbonju ⇨ , tal-arseniku, tal-kadmju, tan-nikil u tal-benżo(a)piren⇦ fl-arja ambjentali, ma' jaqbżux il-valuri ta' limitu stabbiliti fit-Taqsima 1 tal- Anness I~~XI~~..

~~Fir-rigward tad-diossidu tan-nitroġenu u l-benżina, il-valuri ta' limitu speċifikati fl-Anness XI ma jistgħux jinqabżu mid-dati speċifikati fih.~~

~~*Artikolu 17*~~

~~**Rekwiżiti f'żoni u agglomerazzjonijiet fejn il-konċentrazzjonijiet tal-ożonu jaqbżu l-valuri mmirati u l-objettivi għal perjodu fit-tul**~~

2.~~1.~~. ⇨ Għall-ożonu, ⇦ l-Istati Membri għandhom ⌦ jiżguraw billi jieħdu ⌫ ~~jieħdu~~ l-miżuri kollha meħtieġa li ma jinvolvux kostijiet sproporzjonati, ~~sabiex jiżguraw~~ li ⌦ fiż-żoni kollha l-livelli ma jisbqux ⌫ il-valuri fil-mira għall-ożonu ~~u l-objettivi għal perjodu fit-tul jintlaħqu~~ ⌦ , kif stipulat fit-Taqsima 2, il-Punt B, tal-Anness I ⌫ .

~~*Artikolu 15*~~

~~**Mira nazzjonali għat-tnaqqis tal-esponiment għall-$PM_{2.5}$ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem**~~

3~~1~~. L-Istati Membri għandhom ⌦ jiżguraw li ⌫ ~~jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li ma jinvolvux kostijiet sproporzjonati għat-tnaqqis tal-esponiment għal $PM_{2,5}$ bil-ħsieb li tintlaħaq~~

~~il-mira nazzjonali~~ ⇨ l-obbligi ⇦ għat-tnaqqis tal-esponiment ⇨ medju għal $PM_{2.5}$ u NO_2 ⇦ kif stipulat ⌦ fit-Taqsima 5, il-Punt B, tal-Anness I, ⌫ ~~fit-Taqsima B tal-Anness XIV~~ ⇨ jintlaħqu fl-unitajiet territorjali fil-livell NUTS 1 tagħhom kollha, fejn jaqbżu l-objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju stipulati fit-Taqsima 5, il-Punt C, tal-Anness I. ⇦ ~~sas-sena speċifikata fiha.~~

4. Il-konformità ~~ma' dawn ir-rekwiżiti~~ ⌦ mal-paragrafi 1, 2 u 3 ⌫ għandha tiġi valutata f'konformità mal-Anness IV ~~l-Anness III~~.

5. L-~~indikatur~~ ⌦ indikaturi ⌫ tal-esponiment medju ~~għall-$PM_{2.5}$~~ ~~għandu jkun stmat skont~~ għandhom jiġu vvalutati f'konformità mat-Taqsima 5, il-Punt A, tal-Anness I~~XIV~~.

6. ⇨ L-iskadenza biex jintlaħqu l-valuri ta' limitu ⇦ ~~Il-marġini ta' tolleranza~~ stabbiliti fit-Tabella 1 tat-Taqsima 1 ta ~~'~~l-Anness I~~XI~~ ~~għandhom japplikaw~~ ⇨ tista' tiġi posposta ⇦ f'konformità mal-Artikolu 18~~(3) u l-Artikolu 23(1)~~.

⇩ ġdid

7. L-Istati Membri li jintroduċu standards tal-kwalità tal-arja aktar stretti, f'konformità mal-Artikolu 193 TFUE, għandhom jinnotifikawhom lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur wara l-adozzjoni tagħhom. Tali notifika għandha tkun akkumpanjata minn spjegazzjoni dwar il-proċess ta' kif dawk l-istandards tal-kwalità tal-arja ġew stabbiliti u l-informazzjoni xjentifika użata.

🡻 2008/50 (adattat)

Artikolu 14

Livelli kritiċi ⌦ għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni u tal-ekosistemi naturali ⌫

~~1.~~ L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-osservanza tal-livelli kritiċi speċifikati fit-Taqsima 3 tal- Anness I~~XIII~~ kif valutati b'konformità ~~mat-Taqsima~~ il-Punt A, tal-Anness IV~~III~~..

~~2. Fejn il-kejl fiss ikun is-sors waħdieni tal-informazzjoni għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja, l-għadd ta' punti ta' kampjunar m'għandux ikun anqas min-numru minimu speċifikat fit-Taqsima Ċ tal-Anness V. Fejn dik l-informazzjoni tkun supplimentata b'kejl indikattiv jew bl-immudellar, l-għadd minimu tal-punti ta' kampjunar jista' jitnaqqas sa 50 % sakemm il-konċentrazzjonijiet stmati tas-sustanza li tiġġes rilevanti ikunu stabbiliti skont l-għanijiet tal-kwalità tad-data speċifikati fit-Taqsima A tal-Anness I.~~

🡻 2004/107

~~*Artikolu 3*~~

~~**Il-valuri ta' mira**~~

~~1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, li ma jkunux jinvolvu kostijiet eċċessivi biex jiżguraw li mill-31 ta' Diċembru 2012, il-konċentrazzjonijiet ta' arseniku, kadmju, nikil, u benżo(a)piren, użati bħala indikaturi għar-riskju karċinoġenu ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, fl-arja ambjentali, kif stmat skont l-Artikolu 4, ma jaqbżux il-valuri ta' mira stabbiliti fl-Anness I.~~

~~2. L-Istati Membri għandhom iħejju lista ta' żoni u agglomerazzjonijiet fejn il-livelli ta' arseniku, kadmju, nikil, u benżo(a)piren huma taħt il-valuri ta' mira rispettivi. L-Istati Membri għandhom iżommu l-livelli ta' dawn is-sustanzi li jniġġsu f'dawn iż-żoni u l-agglomerazzjonijiet taħt il-valuri ta' mira rispettivi u għandhom jagħmlu kull sforz biex jippreservaw l-aqwa kwalità ta' arja ambjentali, kompatibbli mal-iżvilupp sostenibbli.~~

~~3. L-Istati Membri għandhom ifasslu lista taż-żoni u l-agglomerazzjonijiet fejn ikunu nqabżu l-valuri ta' mira stabbiliti fl-Anness I.~~

~~Għal tali żoni u agglomerazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw iż-żoni fejn ikunu nqabżu u s-sorsi li jikkontribwixxu għal dan il-qbiż. Fl-oqsma kkonċernati, l-Istati Membri għandhom l-applikazzjoni tal-miżuri kollha meħtieġa li ma jinvolvux kostijiet eċċessivi, diretti b'mod partikolari għas-sorsi predominanti ta' emissjonijiet, sabiex jintlaħqu l-valuri ta' mira. Fil-każ ta' istallazzjonijiet koperti mid-Direttiva 96/61/KE dan ifisser l-applikazzjoni tal-BAT kif definit bl-Artikolu 2(11) ta' dik id-Direttiva.~~

↓ 2008/50 (adattat) ⇨ ġdid

~~Artikolu 16~~

~~Il-valur immirat u l-valur ta' limitu tal-PM2,5 għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem~~

~~1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li ma jinvolvux kostijiet sproporzjonati sabiex jiżguraw li konċentrazzjonijiet tal-PM2,5 fl-arja tal-ambjent ma jaqbżux il-valur immirat stipulat fit-Taqsima D tal-Anness XIV b'effett mid-data speċifikata fiha.~~

~~2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li konċentrazzjonijiet tal-PM2,5 fl-arja tal-ambjent ma jaqbżux il-limitu tal-konċentrazzjoni stipulat fit-Taqsima E tal-Anness XIV f'kull parti miż-żoni u l-agglomerazzjonijiet tagħhom b'effett mid-data speċifikata fiha. L-osservanza ta' dawn ir-regoli għandha tiġi valutata b'konformità mal-Anness III.~~

~~3. Il-marġini ta' tolleranza stabbiliti fit-Taqsima E tal-Anness XIV għandhom japplikaw skont l-Artikolu 23(1).~~

Artikolu 15~~19~~

~~Miżuri meħtieġa fil-każ li jinqabżu l-limiti tal-informazzjoni jew~~ ⌦ Qabżiet tal- ⌫ limiti ta' allert ⌦ jew ta' informazzjoni ⌫

1~~2.~~ Il-livelli limitu ta' allert għall-konċentrazzjonijiet tad-diossidu tal-kubrit, ~~u~~ id-diossidu tan-nitroġenu ⇨ , u tal-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$) ⇦fl-arja ambjentali għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-Taqsima 4, il-PuntA tal-Anness I~~XII~~.

⇩ ġdid

2. Il-livell limitu ta' allert u l-livell limitu ta' informazzjoni għall-ożonu għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-Taqsima 4, Punt B, tal-Anness I.

↓ 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

3. Fejn jinqabeż ~~il-limitu tal-informazzjoni speċifikat fl-Anness XII jew~~ kwalunkwe livell limitu ta' allert ⌦ jew kwalunkwe livell limitu ta' informazzjoni ⌫stabbilit ⌦ fit-Taqsima 4 tal-Anness I ⌫ ~~fih~~, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jinformaw lill-pubbliku ⇨ wara massimu ta' ftit sigħat, bl-użu ta' midja u kanali tal-komunikazzjoni differenti u bl-iżgurar ta' aċċess pubbliku wiesa' ⇦ ~~permezz tar-radju, it-televiżjoni, il-gazzetti jew l-Internet~~.

⇩ ġdid

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-qbiż attwali jew imbassar ta' kwalunkwe livell limitu ta' allert jew livell limitu ta' informazzjoni tiġi pprovduta lill-pubbliku malajr kemm jista' jkun f'konformità mal-punti 2 u 3 tal-Anness IX.

↓ 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 16~~20~~

Kontributi minn sorsi naturali

1. L-Istati Membri ⇨ jistgħu ⇦ ~~għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni~~, għal sena partikolari, ~~listi ta'~~ ⇨ jidentifikaw ⇦ :

(a)~~-~~ żoni ~~u agglomerazzjonijiet~~ fejn il-qabżiet tal-valuri ta' limitu għal sustanzi niġġiesa partikolari ikunu attribwibbli lil sorsi naturali;⌦ u ⌫

⇩ ġdid

(b) Unitajiet territorjali NUTS 1 fejn il-qbiż tal-livell determinat mill-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju huma attribwibbli għal sorsi naturali.

↓ 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu ⇨ lill-Kummissjoni b'listi ta' tali żoni u unitajiet territorjali NUTS 1, kif imsemmi fil-paragrafu 1, flimkien ma' ⇦informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet u s-sorsi u l-evidenza li juru li l-qabżiet huma attribwibbli lil sorsi naturali.

3~~2~~. Fejn il-Kummissjoni tiġi informata dwar qabża minn sorsi naturali f'konformità mal-paragrafu 2~~1~~, dik il-qabża m'għandhiex tkun kunsidrata bħala qabża għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

~~3. Il-Kummissjoni għandha, sal- 11 ta' Ġunju 2010, tippubblika linji gwida għad-dimostrazzjoni u t-tnaqqis ta' qabżiet attribwibbli lil sorsi naturali.~~

Artikolu 17~~21~~

Qabżiet attribwibbli lit-tpoġġija tar-ramel ⌦ fix-xitwa ⌫ jew tal-melħ fit-toroq fix-xitwa

1. L-Istati Membri jistgħu ⇨ , għal sena partikolari, ⇦ ~~jindikaw~~ ⌦ jidentifikaw ⌫ żoni ~~jew agglomerazzjonijiet~~ li fihom il-valuri ta' limitu għall-PM_{10} ikunu nqabżu fl-arja ambjentali minħabba r-risospensjoni ta' partikoli wara t-tqegħid tar-ramel ⌦ fix-xitwa ⌫jew tal-melħ fit-toroq fix-xitwa.

2. L-Istati Membri għandhom ~~jibgħatu~~ ⌦ jipprovdu ⌫lill-Kummissjoni listi ta' kwalunkwe tali żona ⇨ , kif imsemmi fil-paragrafu 1 ⇦ ~~jew agglomerazzjoni~~ flimkien ma informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet u s-sorsi tal-PM_{10} ⇨ f'tali żoni. ⇦. ~~fihom.~~

~~3. Meta jinformaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 27, l-Is~~ L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-provi ~~meħtieġa~~ ~~sabiex juru~~ ⌦ li juru ⌫ li kull qabża hija dovuta għal partikoli risospiżi u li ttieħdu miżuri raġonevoli sabiex jitnaqqsu ⌦ tali ⌫ ~~l-~~konċentrazzjonijiet.

3~~4~~. Bla ħsara għall-Artikolu 16~~20~~, fil-każ taż-żoni ~~jew l-agglomerazzjonijiet~~ msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-pjan dwar il-kwalità tal-arja previst fl-Artikolu 19~~23~~ fil-każ biss li dawn il-qabżiet huma attribwibbli lis-sorsi tal-PM_{10} li ma jkunux it-tpoġġija tar-ramel ⌦ fix-xitwa ⌫ jew tal-melħ fit-toroq fix-xitwa.

~~5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida għad-determinazzjoni ta' kontributi minħabba r-risospensjoni ta' partikoli wara t-tqegħid tar-ramel jew tal-melħ fit-toroq fix-xitwa, sal- 11 ta' Ġunju 2010.~~

Artikolu 18~~22~~

Posponiment ⇨ tal-iskadenza ⇦ ~~t-termini perentorji~~ għall-kisba tal-objettiv u l-eżenzjoni mill-obbligu tal-applikazzjoni ta' ċerti valuri ta' limitu

1. Fejn, f'żona ~~jew agglomerazzjoni~~ partikolari, il-konformità mal-valuri ta' limitu ⇨ għall-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$) jew ⇦ ~~fir-rigward ta~~ id-diossidu tan-nitroġenu ~~jew il-benżina~~ ma jistgħux jinkisbu ⌦ sal-iskadenza ⌫~~sat-termini perentorji~~ ~~speċifikati fl-~~speċifikata fit-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Anness I~~XI~~, ⇨ minħabba karatteristiċi ta' dispersjoni speċifiċi għas-sit, kundizzjonijiet ta' konfini orografiċi, kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena jew kontribuzzjonijiet transkonfinali, ⇦ Stat Membru jista' jipposponi ~~dawk it-termini perentorji~~ ⇨ dik l-iskadenza darba ⇦ sa massimu ta' ħames snin għal dik iż-żona ~~jew agglomerazzjoni~~ partikolari, ~~sakemm~~ ⌦ jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin: ⌫

↓ 2008/50 (adattat) ⇨ ġdid

(e) ikun ġie stabbilit pjan dwar il-kwalità tal-arja f'konformità mal-Artikolu 19(4) ~~l-Artikolu 23~~ ⌦ u li jissodisfa r-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 19(5) sa (7) ⌫ għaż-żona ~~jew agglomerazzjoni~~ li għalihom japplika ~~li għalihom japplika~~ l-posponiment;

(f) ~~tali~~ ⌦ il-⌫ pjan dwar il-kwalità tal-arja ⌦ msemmi fil-punt (a) huwa ⌫ ~~għandu jiġi~~ supplimentat mill-informazzjoni esposta fil-Punt B tal-Anness VIII~~XV~~ dwar is-sustanzi niġġiesa kkonċernati u ~~għandu~~ juri kif ⇨ il-perjodi ta' qbiż tal-valuri ta' limitu se jinżammu qosra kemm jista' jkun ⇦ ~~il-konformità mal-valuri ta' limitu għandha tintlaħaq qabel it-terminu perentorju l-ġdid~~.

⇩ ġdid

(g) il-pjan dwar il-kwalità tal-arja msemmi fil-punt (a) jiddeskrivi kif il-pubbliku u, b'mod partikolari, il-popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbli se jiġu infurmati dwar il-konsegwenzi tal-posponiment għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent;

(h) il-pjan dwar il-kwalità tal-arja msemmi fil-punt (a) jiddeskrivi kif se jiġi mobilizzat finanzjament addizzjonali, inkluż permezz ta' programmi ta' finanzjament nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, biex jitħaffef it-titjib tal-kwalità tal-arja fiż-żona li għaliha japplika l-posponiment;

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

~~2. Fejn, f'żona jew agglomerazzjoni partikolari, il-konformità mal-valuri ta' limitu fir-rigward tal-PM_{10}, kif speċifikat fl-Anness XI, ma tistax tinkiseb minħabba l-karatteristiċi tat-tixrid speċifiċi għas-sit, kundizzjonijiet tal-klima ħżiena jew il-kontributi transkonfinali, l-Istat Membru għandu jkun eżentat mill-obbligu li japplika dawk il-valuri ta' limitu sal- 11 ta' Ġunju 2011, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jiġu osservati, u sakemm dak l-Istat Membru juri li jkun ħa l-miżuri adegwati kollha fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex ilaħħaq ma l-iskadenzi.~~

~~3. Fejn Stat Membru japplika l-paragrafi 1 jew 2, hu għandu jiżgura li l-valur ta' limitu għal kull sustanza li tniġġes ma jinqabiżx b'aktar mill-marġni massimu tat-tolleranza speċifikat fl-Anness XI għal kull sustanza li tniġġes konċernata.~~

2~~4~~. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta, fil-fehma tagħhom, il-paragrafu~~paragrafi~~ 1 ~~jew 2~~ ~~japplikaw~~ ⌦ huwa applikabbli ⌫, u għandhom jikkomunikaw il-pjan dwar il-kwalità tal-arja msemmi fil-paragrafu 1 ~~inkluż~~ ⌦ u ⌫ kull informazzjoni rilevanti meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex ikun valutat jekk ⇨ ir-raġuni mogħtija għall-posponiment u ⇦ ‡il-kundizzjonijiet ~~rilevanti~~ ⌦ stipulati f'dak il-paragrafu ⌫ humiex sodisfati. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' effetti stmati fuq il-kwalità tal-arja ambjentali fl-Istati Membri, kemm fil-preżent u kemm fil-ġejjieni, ta' miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri kif ukoll effetti stmati Komunitarji fuq il-kwalità tal-arja ambjentali ta' miżuri ~~Komunitarji kurrenti~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ ~~u ta' miżuri Komunitarji pjanati li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni~~.

Fejn il-Kummissjoni ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni fi żmien disa' xhur minn meta tiġi riċevuta dik in-notifika, għandhom jitqiesu sodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti għall-applikazzjoni tal-paragrafu~~tal-paragrafi~~ 1 ~~jew 2~~.

Jekk jitqajmu oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni tista' teħtieġ li l-Istati Membri jaġġustaw jew jipprovdu pjanijiet ġodda dwar il-kwalità tal-arja.

KAPITOLU IV

PJANIJIET

Artikolu 19~~23~~

Pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja

1. Fejn, fiż-żoni ~~jew l-agglomerazzjonijiet~~ stipulati, il-livelli ta' sustanzi niġġiesa fl-arja ambjentali jaqbżu kwalunkwe valur ta' limitu ⇨, stipulat fit-Taqsima 1 tal-Anness I, ⇦ ~~jew valur immirat, kif ukoll kwalunkwe marġni rilevanti tat-tolleranza f'kull każ~~, l-Istati Membri għandhom ~~jiżguraw~~ ⌦ jistabbilixxu ⌫ ~~li jkunu stabbiliti~~ pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal dawk iż-żoni ~~u agglomerazzjonijiet~~ ⇨ malajr kemm jista' jkun u mhux iktar minn sejntejn wara s-sena kalendarja li matulha ġiet irreġistrata dik il-qabża ta' kwalunkwe valur ta' limitu. Dawk il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għandhom jistipulaw miżuri xierqa ⇦ ~~sabiex~~ jinkiseb il-valur ta' limitu ⌦ kkonċernat ⌫ ~~jew valur immirat relatati speċifikati fl-Annessi XI u XIV.~~ ⇨ u li l-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn tliet snin mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha tkun ġiet irrapportata l-ewwel qabża. .⇦

⇩ ġdid

Fejn il-qabżiet ta' kwalunkwe valuri ta' limitu jippersistu matul it-tielet sena kalendarja wara l-istabbiliment tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalità tal-arja u l-miżuri fih, u jieħdu miżuri addizzjonali u aktar effettivi, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.

2. Fejn f'unità territorjali NUTS 1 partikolari, il-livelli ta' sustanzi niġġiesa fl-arja ambjentali jaqbżu l-valur fil-mira għall-ożonu, stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal dawk l-unitajiet territorjali NUTS 1 malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn sentejn wara s-sena kalendarja li matulha ġie rreġistrat il-qbiż tal-valur fil-mira għall-ożonu. Dawk il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għandhom jistabbilixxu miżuri xierqa sabiex jinkiseb il-valur fil-mira għall-ożonu u sabiex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.

Fejn il-qabżiet ta' kwalunkwe valur fil-mira għall-ożonu jippersistu matul il-ħames sena kalendarja wara l-istabbiliment tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja fl-unità territorjali NUTS 1 rilevanti, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalità tal-arja u l-miżuri fih, u jieħdu miżuri addizzjonali u aktar effettivi, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.

Għall-unitajiet territorjali NUTS 1 fejn il-valur fil-mira għall-ożonu jinqabeż, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programm nazzjonali rilevanti għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja mħejji skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2016/2284 jinkludi miżuri li jindirizzaw dak il-qbiż.

3. Fejn f'unità territorjali NUTS 1 partikolari, jinqabeż l-obbligu tat-tnaqqis tal-esponiment medju stabbilit fit-Taqsima 5 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal dawk l-unitajiet territorjali NUTS 1 malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn sentejn wara s-sena kalendarja li matulha ġie rreġistrat il-qbiż tal-obbligu ta' tnaqqis tal-esponiment medju. Dawk il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għandhom jistabbilixxu miżuri xierqa sabiex jinkiseb l-obbligu tat-tnaqqis tal-esponiment medju u sabiex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.

Fejn il-qabżiet tal-obbligu tat-tnaqqis tal-esponiment medju jippersistu matul il-ħames sena kalendarja wara l-istabbiliment tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalità tal-arja u l-miżuri fih, u jieħdu miżuri addizzjonali u aktar stretti, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.

4. Fejn minn [daħħal is-sena sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], sal-31 ta' Diċembru 2029 f'żona jew f'unità territorjali NUTS 1, il-livelli ta' sustanzi niġġiesa jkunu ogħla minn kwalunkwe valur ta' limitu li għandu jintlaħaq sal-1 ta' Jannar 2030 kif stabbilit

fit-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjan dwar il-kwalità tal-arja għas-sustanza niġġiesa kkonċernata malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn sentejn wara s-sena kalendarja li matulha jkun ġie rreġistrat il-qbiż biex jintlaħqu l-valuri ta' limitu rispettivi jew il-valur fil-mira għall-ożonu sa tmiem l-iskadenza għall-kisba.

Meta, għall-istess sustanza niġġiesa, l-Istati Membri jkunu meħtieġa jistabbilixxu pjan dwar il-kwalità tal-arja f'konformità ma' dan il-paragrafu kif ukoll pjan dwar il-kwalità tal-arja f'konformità mal-Artikolu 19(1), huma jistgħu jistabbilixxu pjan ikkombinat dwar il-kwalità tal-arja f'konformità mal-Artikolu 19(5), (6) u (7) u jipprovdu informazzjoni dwar l-impatt mistenni tal-miżuri biex tintlaħaq il-konformità għal kull valur limitu li jindirizza, kif meħtieġ mill-punti 5 u 6 tal-Anness VIII. Kwalunkwe pjan ikkombinat bħal dan dwar il-kwalità tal-arja għandu jistabbilixxi miżuri xierqa biex jinkisbu l-valuri ta' limitu relatati kollha u biex il-perjodi kollha ta' qbiż jinżammu qosra kemm jista' jkun.

5. Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għandu jkun fihom tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(i) l-informazzjoni elenkata fil-Punt A, il-punti 1 sa 6 tal-Anness VIII;

(j) fejn applikabbli, l-informazzjoni elenkata fil-Punt A, il-punti 7 u 8, tal-Anness VIII;

(k) fejn xieraq, informazzjoni dwar miżuri ta' tnaqqis elenkati fil-Punt B, Punt 2 tal-Anness VIII.

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

⇨ L-Istati Membri għandhom iqisu li jinkludu miżuri msemmija fl-Artikolu 20(2) u ⇦ ~~Il-pjan għall-kwalità tal-arja jista' jinkludi wkoll~~ miżuri speċifiċi li jkollhom il-ħsieb li jipproteġu ~~gruppi sensittivi~~ ⇨ l-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbli ⇦ ~~fil-popolazzjoni~~, inklużi t-tfal ⌦ fil-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja tagħhom ⌫.

⇩ ġdid

Fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa kkonċernati, meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw ir-riskju li jinqabżu l-livelli limitu ta' allert rispettivi. Dik l-analiżi għandha tintuża biex jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir fejn applikabbli.

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

Fejn għandhom jiġu ⌦ stabbiliti ⌫ ~~preparati jew implimentati~~ pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja fir-rigward ta' diversi sustanzi niġġiesa ⌦ jew standards tal-kwalità tal-arja ⌫, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun il-każ, ~~jippreparaw u jimplimentaw~~ ⌦ jistabbilixxu ⌫ pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja integrati li jkopru l-s-sustanzi niġġiesa ⇨ u l-istandards tal-kwalità tal-arja ⇦ kollha kkonċernati.

~~2~~. L-Istati Membri għandhom, safejn ikun fattibbli, jiżguraw il-konsistenza tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja tagħhom ma' pjanijiet oħra ⇨ li għandhom impatt sinifikanti fuq il-kwalità tal-arja, inkluż dawk⇦ meħtieġa skont id-Direttiva ~~2001/80/KE~~ 2010/75/UE tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill [78], id-Direttivi (UE) 2016/2284~~,~~ ~~2001/81/KE~~ ~~jew~~ ⌦ u ⌫ 2002/49/KE ⇨ u skont leġiżlazzjoni dwar il-klima, l-enerġija, it-trasport u l-agrikultura ⇦ .

⇩ ġdid

6. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-pubbliku, f'konformità mad-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[79], u lill-awtoritajiet kompetenti, li, minħabba r-responsabbiltajiet tagħhom fil-qasam tat-tniġġis tal-arja u l-kwalità tal-arja, x'aktarx li jkunu kkonċernati mill-implimentazzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, dwar abbozzi ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u kwalunkwe aġġornament sinifikanti tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja qabel ma jiġu ffinalizzati.

Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet ikkonċernati li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għas-sitwazzjoni ta' qbiż jiġu mistiedna jipproponu miżuri li jkunu kapaċi jieħdu biex jgħinu biex jintemmu l-qabżiet u li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, bħall-organizzazzjonijiet ambjentali, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbli, korpi rilevanti oħra tal-kura tas-saħħa u l-federazzjonijiet industrijali rilevanti jitħallew jieħdu sehem f'dawk il-konsultazzjonijiet.

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

7. ~~Dawk il-pjanijiet~~ ⌦ Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja ⌫ għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni ⇨ fi żmien xahrejn mill-adozzjoni tagħhom ⇦ ~~mingħajr dewmien, iżda mhux aktar tard minn sentejn wara l-aħħar ta' dik is-sena fejn tkun ġiet osservata l-ewwel qabża~~.

Artikolu 20~~2~~24

Pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir

1. Fejn, f'żona ~~jew agglomerazzjoni~~ partikolari, ikun hemm ir-riskju li l-livell ta' sustanzi niġġiesa jaqbeż wieħed jew aktar mil-livelli limitu ta' allert speċifikati fit-Taqsima 4 tal-Anness I~~XII~~, l-Istati Membri għandhom ifasslu pjanijiet ta' azzjoni ⌦ għal perjodu qasir ⌫ li jindikaw il-miżuri ⇨ ta' emerġenza ⇦ li għandhom jittieħdu għal perjodu qasir sabiex jitnaqqas ir-riskju jew il-perjodu ta' tali qabża. ~~Fejn dan ir-riskju japplika għal wieħed jew aktar mill-valuri ta' limitu jew il-valuri mmirati stabbiliti fl-Annessi VII, XI u XIV, l-Istati Membri jistgħu, fejn ikun il-każ, ifasslu tali pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir.~~

Madankollu, meta jkun hemm periklu li l-livell limitu ta' allert fir-rigward tal-ożonu kif speċifikat fit-Taqsima B tal-Anness XII jinqabeż, l-Istati Membri ~~għandhom ifasslu biss~~ ⇨ jistgħu ma jfasslux ⇦ tali pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir ta' żmien meta ~~fil-fehma tagħhom ikun~~ ⇨ ma jkunx ⇦ hemm potenzjal sinifikanti, b'kont meħud tal-kundizzjonijiet nazzjonali ġeografiċi, meteoroloġiċi u ekonomiċi, li jitnaqqas ir-riskju, il-perjodu jew il-

[78] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis), (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

[79] Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17).

gravità ta' din il-qabża. ~~Meta jfasslu tali pjan ta' azzjoni għal perjodu qasir, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tad-Deċiżjoni 2004/279/KE.~~

2. ⌦ Huma u jfasslu ⌫~~I~~l-pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir kif jissemmew fil-paragrafu 1 ⌦ l-Istati Membri ⌫ jistgħu, skont il-każ individwali, jipprovdu miżuri ta' kontroll u, fejn meħtieġ, jissospendu ⇨ temporanjament ⇦attivitajiet li jikkontribwixxu għar-riskju li jinqabżu l-valuri ta' limitu jew il-valuri fil-mira jew il-livell limitu ta' allert rispettivi. ~~Dawn~~ ⇨ Skont is-sehem tas-sorsi tat-tniġġis ewlenin għall-qabżiet li għandhom jiġu indirizzati, dawn ⇦il-pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu qasir ~~jistgħu jinkludu~~ ⇨ għandhom jikkunsidraw li jinkludu ⇦ miżuri fir-rigward ⇨ tat-trasport ⇦ ~~tat-traffiku tal-vetturi bil-magni~~, xogħlijiet ta' kostruzzjoni, ~~vapuri max-xatt, u l-użu ta' impjanti jew prodotti~~ ⇨ istallazzjonijiet ⇦ industrijali u ⇨ l-użu ta' prodotti u ⇦ t-tisħin domestiku. Fil-qafas ta' dawn il-pjanijiet ⇨ għandhom ⇦ ~~jistgħu~~ jiġu kkunsidrati wkoll azzjonijiet speċifiċi favur il-protezzjoni tal-popolazzjoni sensittiva u gruppi ⇨ vulnerabbli ⇦, inklużi t-tfal.

⇩ ġdid

3. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-pubbliku f'konformità mad-Direttiva 2003/35/KE u lill-awtoritajiet kompetenti, li, minħabba r-responsabbiltajiet tagħhom fil-qasam tat-tniġġis tal-arja u l-kwalità tal-arja, x'aktarx li jkunu kkonċernati mill-implimentazzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal perjodu qasir, dwar abbozzi ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal perjodu qasir u kwalunkwe aġġornament sinifikanti tagħhom qabel ma jiġu ffinalizzati.

🡻 2008/50
⇨ ġdid

~~4~~3. Fejn l-Istati Membri jkunu fasslu programm ta' azzjoni għal perjodu qasir, huma għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għad-dispożizzjoni ta' organizzazzjonijiet adatti bħalma huma l-organizzazzjonijiet tal-ambjent, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' ~~gruppi~~ popolazzjonijiet sensittivi u gruppi ⇨ vulnerabbli ⇦~~tal-popolazzjoni~~ entitajiet oħra rilevanti għall-protezzjoni tas-saħħa u l-federazzjonijiet industrijali rilevanti kemm ir-riżultati tal-istħarriġ tagħhom dwar il-fattibbiltà u l-kontenut ta' pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi għal perjodu qasir kif ukoll l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet.

⇩ ġdid

5. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn mill-adozzjoni tagħhom.

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

~~4. Għall-ewwel darba sal- 11 ta' Ġunju 2010, u f'intervalli regolari minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippubblika eżempji tal-aħjar prattika għat-tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni għall-perjodu qasir, inklużi eżempji tal-aqwa prattiki fil-protezzjoni ta' gruppi sensittivi tal-popolazzjoni, inklużi t-tfal.~~

Artikolu 21~~25~~

It-tniġġis transkonfinali tal-arja

1. Fejn ⇨ it-trasport transkonfinali tat-tniġġis tal-arja minn Stat Membru wieħed jew ieħor jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-qabża ta' ⇦kwalunkwe ~~limitu ta' allert~~, valur ta' limitu ~~jew~~ valur fil-mira ⌦ għall-ożonu,⌫ ~~flimkien ma' kwalunkwe marġni tat-tolleranza rilevanti~~ ⇨ obbligu tat-tnaqqis tal-esponiment medju jew ⇦ ⌦ limitu ta' allert ⌫ ~~jew objettiv għal perjodu fit-tul jinqabżu minħabba trasport transkonfinali sinifikanti tat-tniġġis jew il-prekursuri tagħhom,~~ ⇨ fi Stat Membru ieħor, dan tal-aħħar għandu jinnotifika lill-Istati Membri li minnhom oriġina t-tniġġis u lill-Kummissjoni bih. ⇦

L~~i~~-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw ⇨ biex jidentifikaw is-sorsi tat-tniġġis tal-arja u l-miżuri li għandhom jittieħdu biex jindirizzaw dawk is-sorsi, ⇦ u~~, fejn ikun il-każ,~~ ifasslu attivitajiet b'mod konġunt, bħalma huma t-tħejjija ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja konġunti jew koordinati skont l-Artikolu 19~~23~~ sabiex ikunu eliminati l-qabżiet ~~permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri adegwati jew proporzjonati~~.

⇩ ġdid

L-Istati Membri għandhom iwieġbu lil xulxin fil-ħin, u mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jkunu ġew notifikati minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-ewwel subparagrafu.

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

2. Il-Kummissjoni għandha tiġi ⇨ infurmata u ⇦ mistiedna sabiex tkun preżenti u tassisti fi kwalunkwe kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ⌦ ta' dan l-Artikolu ⌫ . Fejn ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha, meta tieħu kont tar-rapporti stabbiliti skont l-Artikolu 11~~9~~ tad-Direttiva (UE) 2016/2284 ~~2001/81/KE~~ tikkunsidra jekk għandhiex tittieħed azzjoni ulterjuri fil-livell tal-~~Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet prekursuri responsabbli għat-tniġġis transkonfinali.

3. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun ikun il-każ skont l-Artikolu 20~~24~~, iħejju u jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni, b'mod konġunt u għal perjodu qasir, li jkopru żoni ġirien fi Stati Membri oħra. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li żoni ġirien fi Stati Membri oħra ~~li żviluppaw pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu fit-tul~~, jirċievu l-informazzjoni adegwata kollha ⇨ dwar dawn il-pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir mingħajr dewmien bla bżonn ⇦ .

4. Fejn il-livell limitu ta' informazzjoni jew il-livelli limitu ta' allert jinqabżu f'żoni ~~jew agglomerazzjonijiet~~ qrib il-fruntieri nazzjonali, l-informazzjoni ⌦ dwar dawn il-qabżiet ⌫għandha tingħata mill-aktar fis lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri ġirien konċernati. Din l-informazzjoni għandha titqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

5. Meta jfasslu l-pjanijiet previsti fil-paragrafi 1 u 3 u meta jgħarrfu lill-pubbliku kif jissemma fil-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun il-każ, jagħmlu sforz sabiex ifittxu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, u partikolarment mal-pajjiżi kandidati.

KAPITOLU V

INFORMAZZJONI U RAPPURTAR

Artikolu 22~~26~~

Informazzjoni pubblika

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kif ukoll organizzazzjonijiet adatti bħal organizzazzjonijiet tal-ambjent, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' popolazzjonijiet sensittivi ⇨ u gruppi vulnerabbli ⇦ u korpi oħra rilevanti għall-kura tas-saħħa u l-federazzjonijiet industrijali rilevanti jkunu mgħarrfa, b'mod adegwat u fil-ħin, dwar dan li ġej:

(l) il-kwalità tal-arja ~~fl-ambjent~~ ~~skont~~ f'konformità mal-Anness IX, il-punti 1 u 3~~XVI~~;

🡻 2008/50
⇨ ġdid

(m) kwalunkwe deċiżjoni ta' posponiment skont l-Artikolu 18~~22(1)~~;

~~(è) kwalunkwe eżenzjoni skont l-Artikolu 22(2);~~

(n) ~~(d)~~ pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja kif previsti fl-Artikolu ~~22(1)~~ ~~u~~ 19;~~23~~ ~~u programmi msemmija fl-Artikolu 17(2).~~

⇩ ġdid

(o) pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir kif prevista fl-Artikolu 20;

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

(p) ~~2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku r-rapporti annwali kollha dwar sustanzi li jniġġsu li huma koperti minn din id-Direttiva.~~

~~Dawk ir-rapporti għandhom jiġbru fil-qosor il-livelli li jaqbżu l-valuri ta' limitu, il-valuri mmirati, l-għanijiet għal perjodu twil ta' żmien, il-limiti ta' informazzjoni u l-limiti ta' allert, għall-perjodi medji rilevanti. Dik l-informazzjoni għandha tingħaqad ma' valutazzjoni fil-qosor ta'~~ l-effetti ~~ta' dawk il-qabżiet~~ ⇨ tal-qbiż tal-valuri limitu, tal-valuri fil-mira għall-ożonu, tal-obbligi għat-tnaqqis tal-esponiment medju, tal-livelli limitu ta' informazzjoni u tal-livelli limitu ta' allert f'valutazzjoni sommarju ⇦ ; ⇨ il-valutazzjoni sommarju ⇦ ~~rapporti~~ ⇨ għandha tinkludi ⇦ ~~jistgħu~~, fejn ikun il-każ, iktar informazzjoni u valutazzjonijiet għall-protezzjoni tal-foresti kif ukoll informazzjoni dwar sustanzi niġġiesa ~~oħra~~ ⇨ koperti mill-Artikolu 10 u l-Anness VII. ⇦ ~~li għall-monitoraġġ tagħhom hemm dispożizzjonijiet speċifikati f'din id-Direttiva, bħal, fost oħrajn, is-sustanzi prekursuri tal-ożonu magħżula li mhumiex regolati kif elenkati fit-Taqsima B tal-Anness X.~~

⇩ ġdid

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu indiċi għall-kwalità tal-arja li jkopri d-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$) u l-ożonu, u jagħmluh disponibbli permezz ta' sors pubbliku li jagħti aġġornamenti kull siegħa. L-indiċi tal-kwalità tal-arja għandu jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tad-WHO u jibni fuq l-indiċijiet tal-kwalità tal-arja fuq skala Ewropea pprovduti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

3. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-pubbliku rigward l-awtorità jew il-korp kompetenti maħtur għall-kompiti msemmija fl-Artikolu 5~~3~~.

4. L-informazzjoni ⇨ msemmija f'dan l-Artikolu ⇦ għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni ⌦ tal-pubbliku ⌫ bla ħlas ~~bi kwalunkwe~~ b'mezzi ~~mezz~~ aċċessibbli tal-medja ⇨ u kanali tal-komunikazzjoni ⇦, ~~inklużi l-Internet jew kull mezz adegwat ieħor ta' telekommunikazzjoni, u għandu jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet stipulati~~ ⌦ f'konformità mad- ⌫~~fid-~~Direttiva 2007/2/KE [80] ⇨ u mad-Direttiva (UE) 2019/1024[81] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⇦ .

🡻 2004/107

~~*Artikolu 7*~~

~~**L-informazzjoni pubblika**~~

~~1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni ċara u komprensibbli tkun aċċessibbli u titqiegħed regolarment għad-disposizzjoni tal-pubbliku kif ukoll ta' organizzazzjonijiet approprjati, bħal organizzazzjonijiet ambjentali, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' kategoriji vulnerabbli tal-popolazzjoni u korpi oħra rilevanti għall-kura tas-saħħa, dwar il-konċentrazzjoni fl-arja ambjentali ta' arseniku, kadmju, merkurju, nikil u benżo(a)piren u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi kif ukoll dwar ir-rati ta' depożizzjoni tal-arseniku, il-merkurju, in-nikil u l-benżo(a)piren u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi l-oħra msemmija fl-Artikolu 4(8).~~

~~2. L-informazzjoni għandha tindika wkoll kwalunkwe qbiż tal-valuri ta' mira għall-arseniku, l-kadmju, n-nikil u l-benżo(a)piren stabbiliti fl-Anness I. L-informazzjoni għandha tagħti r-raġunijiet għal dan il-qbiż u tindika ż-żoni li għalihom tapplika. Għandha tipprovdi wkoll stima qasira fir-rigward tal-valur ta' mira u informazzjoni xierqa dwar l-effetti fuq is-saħħa u l-impatt fuq l-ambjent.~~

~~Informazzjoni dwar kwalunkwe miżura meħuda skont l-Artikolu 3 għandha titqiegħed għad-disposizzjoni tal-organizzazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.~~

~~3. L-informazzjoni għandha tingħata permezz, per eżempju, tal-Internet, tal-istampa, u media oħra faċilment aċċessibbli.~~

[80] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

[81] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

~~*Artikolu 5*~~

~~**It-Trasmissjoni ta' informazzjoni u r-rappurtar**~~

~~1. Fir-rigward taż-żoni u l-agglomerazzjonijiet fejn jinqabeż xi wieħed mill-valuri ta' mira stabbiliti fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jgħaddu l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:~~

~~(a) il-listi taż-żoni u l-agglomerazzjonijiet ikkonċernati,~~

~~(b) iż-żoni tal-qbiż,~~

~~(c) il-valuri ta' konċentrazzjoni stmati,~~

~~(d) ir-raġunijiet għall-qbiż, u b'mod partikolari kwalunkwe sorsi li jikkontribwixxu għal dan l-qbiż,~~

~~(e) il-popolazzjoni esposta għal tali qbiż.~~

~~L-Istati Membri għandhom ukoll jirrapportaw dwar id-data kollha li tkun ġiet stmata skont l-Artikolu 4, sakemm ma tkunx diġà ġiet irrapportata taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/101/KE tas-27 ta' Jannar 1997 li tistabbilixxi skambju ta' informazzjoni u data reċiproka min-networks u stazzjonijiet individwali li jkejlu t-tniġġiż tal-arja tal-ambjent fl-Istati Membri[82].~~

~~L-informazzjoni għandha tiġi trasmessa għal kull sena kalendarja, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara, u għall-ewwel darba għas-sena kalendarja ta' wara l-5 ta' Frar 1997.~~

~~2. B'żieda mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom ukoll jirrapportaw dwar kwalunkwe miżura li tittieħed skont l-Artikolu 3.~~

~~3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni kollha sottomessa skont il-paragrafu 1 tkun disponibbli fil-pront lill-pubbliku bil-mezzi xierqa, bħall-Internet, l-istampa u media oħra faċilment aċċessibbli.~~

↓ 219/2009 Art. 1 u Anness .3(8)

~~4. Il-Kummissjoni għandha tadotta, skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 6(2), kwalunkwe arranġament dettaljat biex tingħadda l-informazzjoni li hija mitluba taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.~~

↓ 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 23~~27~~

Trażmissjoni tal-informazzjoni u r-rappurtar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja ambjentali titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni fil-perjodu ta' żmien meħtieġ ⇨ f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, u irrispettivament mill-konformità mal-objettivi tal-kwalità tad-*data* stipulati fl-Anness V⇦ ~~kif determinat mill-miżuri ta' implimentazzjoni msemmijin fl-Artikolu 28(2)~~.

---

82 ~~ĠU L 35, tal-5.2.1997, p. 14. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/752/KE (ĠU L 282, 26.10.2001, p. 69).~~

2. ~~Fi kwalunkwe każ, g~~Għall-għan speċifiku li tiġi valutata l-konformità mal-valuri ta' limitu ⇨, il-valuri fil-mira għall-ożonu, l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju ⇦ ~~u l-livelli kritiċi u l-ksib ta' valuri mmirati~~, ~~tali~~ ⌦ l-⌫ informazzjoni ⇨ msemmija fil-paragrafu 1 ⇦għandha tiġi magħmula disponibbli għall-Kummissjoni, mhux aktar tard minn ⇨ erba' ⇦ ~~disa'~~ xhur wara l-aħħar ta' kull sena, u għandha tinkludi:

(a) il-bidliet li saru f'dik is-sena għal-lista u d-delimitazzjoni ta' żoni ~~u agglomerazzjonijiet~~ stabbiliti taħt l-Artikolu 64~~.~~⇨ jew kwalunkwe unità territorjali NUTS 1 ⇦ ;

(b) il-lista ta' żoni ~~u agglomerazzjonijiet~~ ⇨ u l-unitajiet territorjali NUTS 1 u l-livelli ta' sustanzi niġġiesa vvalutati. Għal żoni ⇦ li fihom il-livelli ta' sustanzi niġġiesa wieħed jew aktar ikunu ogħla mill-valuri ta' limitu ~~flimkien mal-marġni ta' tolleranza fejn applikabbli jew ogħla mill-valuri mmirati~~ jew livelli kritiċi ⇨ , kif ukoll għall-unitajiet territorjali NUTS 1 fejn il-livelli ta' wieħed jew iktar mis-sustanza niġġiesa jkunu ogħla mill-valuri fil-mira jew mill-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju: ⇦ ~~; u għal dawn iż-żoni u agglomerazzjonijiet~~:

(i) ~~il-livelli valutati u, jekk rilevanti,~~ id-dati u l-perjodi meta tali livelli ġew osservati;

(ii) safejn ikun il-każ, valutazzjoni dwar kontributi minn sorsi naturali u mir-risospensjoni ta' partikoli wara t-tqegħid tar-ramel ⌦ fix-xitwa ⌫ jew tal-melħ fit-toroq fix-xitwa lil-livelli valutati, kif dikjarat lill-Kummissjoni taħt l-Artikoli 16 u 17~~20 u 21~~.

~~3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għal informazzjoni miġbura mill-bidu tat-tieni sena kalendarja wara d-dħul fis-seħħ tal-miżuri ta' implimentazzjoni msemmijin fl-Artikolu 28(2).~~

3. L-Istati Membri għandhom ~~jibagħtu~~ ~~wkoll~~ ⌦ jirrappurtaw ⌫ lill-Kummissjoni ⇨ f'konformità mal-paragrafu 1 ⇦~~,~~ ~~fuq bażi provviżorja,~~ informazzjoni dwar il-livelli reġistrati u l-perjodi li matulhom inqabeż il-livell limitu ta' allert jew il-livell limitu ta' nformazzjoni.

⇩ ġdid

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni elenkata fil-Punt D tal-Anness IV lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur minn meta jintalbu jagħmlu dan.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta, kif xieraq, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, miżuri biex:

(a) tiddetermina l-informazzjoni li għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri skont dan l-Artikolu kif ukoll l-iskedi ta' żmien li fihom tali informazzjoni għandha tiġi kkomunikata.

(b) tidentifika l-modi ta' simplifikazzjoni tal-mod kif tiġi rrappurtata d-*data* u l-iskambju reċiproku ta' informazzjoni u *data* minn networks u punti ta' kampjunar individwali li jkejlu t-tniġġis tal-arja ambjentali fl-Istati Membri.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 26(2).

KAPITOLU VI

ATTI DELEGATI U TA' IMPLIMENTAZZJONI

↓ 2008/50 (adattat)

Artikolu 24~~28~~

~~Miżuri ta' implimentazzjoni~~ ⌦ Emendi lill-Annessi ⌫

⇩ ġdid

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25 li jemenda l-Annessi II sa IX sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali, l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, u l-informazzjoni pubblika.

↓ 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

~~Il-miżuri mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-Annessi I sa VI, l-Annessi VIII sa X u l-Anness XV, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 29(3).~~

Madankollu, l-emendi jista' ma jkollhomx l-effett li jimmodifikaw direttament jew indirettament dan li ġej:

(a) il-valuri ta' limitu, ⇨ il-valuri fil-mira għall-ożonu ⇦ ⌦ u l-objettiv fuq żmien twil ⌫ ~~il-miri ta' tnaqqis tal-esponiment~~, il-livelli kritiċi, ~~il-valuri mmirati~~, il-limiti ~~ta' informazzjoni jew~~ ta' allert ⌦ u ta' informazzjoni ⌫ ⇨ , l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju u l-objettivi għall-konċentrazzjoni tal-esponiment medju ⇦ ~~jew l-objettivi għal perjodu fit-tul~~ speċifikati fl-Anness ~~I~~VII ~~u l-Annessi XI sa XIV;~~

(b) id-dati għal konformità ma' kwalunkwe parametru msemmi fil-punt (a).

~~2. Il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 29(2), tiddetermina l-informazzjoni li għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri skont l-Artikolu 27 kif ukoll il-perjodi ta' żmien li fihom tali informazzjoni għandha tiġi kkomunikata.~~

~~Il-Kummissjoni għandha wkoll tidentifika modi għas-simplifikazzjoni tal-metodu ta' rappurtar tad-data u tal-iskambju reċiproku tal-informazzjoni u d-data min-networks u l-istazzjonijiet individwali li jkejlu t-tniġġiġ tal-arja tal-ambjent fl-Istati Membri, skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 29(2).~~

~~3. Il-Kummissjoni għandha tfassal linji gwida għall-ftehim dwar l-istabbiliment ta' stazzjonijiet tal-kejl komuni kif imsemmi fl-Artikolu 6(5).~~

~~4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika gwida dwar il-prova ta' ekwivalenza msemmija fit-Taqsima B tal-Anness VI.~~

⇩ ġdid

Artikolu 25

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 24 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 24 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Att delegat adottat skont l-Artikolu 24 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 26~~29~~

⌦ Proċedura ta' ⌫ Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn ~~kumitat~~, "il-Kumitat dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali". ⇨ Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. ⇦

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, ~~għandhom japplikaw~~ ⇨ għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 182/2011 ⇦ ~~l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE~~, ~~filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha~~.

~~Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.~~

~~3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.~~

↓ 2004/107

~~*Artikolu 6*~~

~~**Il-kumitat**~~

~~1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-kumitat stabbilit mill-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 96/62/KE.~~

~~2. Fejn hemm referenza għal dan l-Artikolu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw b'qies għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.~~

~~Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.~~

↓ 219/2009 Art. 1 u Anness .3(8)

~~3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.~~

⇩ ġdid

KAPITOLU VII

AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA, KUMPENS U PENALI

Artikolu 27

Aċċess għall-ġustizzja

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet kollha dwar il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja msemmija fl-Artikolu 19 u l-pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir imsemmija fl-Artikolu 20, tal-Istat Membru dment li tkun issodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-membri tal-pubbliku mifhuma bħala persuna waħda jew iktar fiżika jew ġuridika, u, f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom, ikollhom interess suffiċjenti;

(b) fejn il-liġi applikabbli tal-Istat Membru teħtieġ dan bħala prekundizzjoni, il-membri tal-pubbliku jsostnu l-indebboliment ta' dritt.

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw x'jikkostitwixxi interess suffiċjenti u tfixkil ta' dritt b'mod konsistenti mal-objettiv li l-pubbliku kkonċernat jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja.

L-interess ta' kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li hija membru tal-pubbliku kkonċernat għandu jitqies suffiċjenti għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, il-punt (a). Dawn l-

organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li huma kapaċi li jiġu indeboliti għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, il-punt (b).

2. Li jkollu locus standi biex jipparteċipa fil-proċedura ta' rieżami ma għandux ikun jiddependi fuq ir-rwol li kellu l-membru tal-pubbliku kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-Artikolu 19 jew 20.

3. Il-proċedura ta' rieżami għandha tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u mhux għalja b'mod projbittiv, u għandha tipprovdi għal mekkaniżmi ta' rimedju adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni kif xieraq.

4. L-Artikolu ma jżommx lill-Istati Membri milli jirrikjedu proċedura ta' reviżjoni preliminari quddiem awtorità amministrattiva u ma jaffettwax ir-rekwiżit tal-eżawriment tal-proċeduri tar-reviżjoni amministrattiva qabel ir-rikors għall-proċeduri ta' rieżami ġudizzjarju, meta jeżisti dan ir-rekwiżit skont id-dritt nazzjonali.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni prattika tkun magħmula disponibbli għall-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' rieżami amministrattivi u ġudizzjarji msemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 28

Kumpens għal ħsara lis-saħħa tal-bniedem

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jsofru ħsara lis-saħħa tal-bniedem ikkawżata minn ksur tal-Artikoli 19 (1) sa 19 (4), 20 (1) u 20 (2), 21 (1) it-tieni subparagrafu u 21 (3) ta' din id-Direttiva mill-awtoritajiet kompetenti jkunu intitolati għal kumpens f'konformità ma' dan l-Artikolu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont id-dritt nazzjonali jitħallew jirrappreżentaw lill-persuni fiżiċi msemmija fil-paragrafu 1 u jressqu azzjonijiet kollettivi għal kumpens. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10 fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva (UE) 2020/1828 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal tali azzjonijiet kollettivi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li talba għal kumpens għal ksur tkun tista' tiġi segwita darba biss minn persuna fiżika msemmija fil-paragrafu 1 u mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jirrappreżentaw lill-persuna msemmija fil-paragrafu 2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli biex jiżguraw li l-individwi affettwati ma jirċevux kumpens aktar minn darba għall-istess kawża ta' azzjoni kontra l-istess awtorità kompetenti.

4. Meta talba għal kumpens tkun appoġġata minn evidenza li turi li l-ksur imsemmi fil-paragrafu 1 huwa l-aktar spjegazzjoni plawżibbli għall-okkorrenza tad-dannu ta' dik il-persuna, għandha tiġi preżunta r-rabta kawżali bejn il-ksur u l-okkorrenza tad-dannu.

L-awtorità pubblika konvenuta għandha tkun tista' tirribatti din il-preżunzjoni. B'mod partikolari, il-konvenut għandu jkollu d-dritt li jikkontesta r-rilevanza tal-evidenza li tkun qagħdet fuqha l-persuna fiżika u l-plawżibbiltà tal-ispjegazzjoni mressqa.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli u l-proċeduri nazzjonali relatati mat-talbiet għal kumpens, inkluż fejn jidħol l-oneru tal-provi, jitfasslu u jiġu applikati b'tali mod li ma jagħmlux impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt għal kumpens għal dannu kkawżat minn ksur skont il-paragrafu 1.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-perjodi ta' preskrizzjoni biex jitressqu azzjonijiet għal kumpens imsemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux inqas minn ħames snin. Tali perjodi ma għandhomx jibdew qabel ma l-ksur ikun waqaf u l-persuna li titlob il-kumpens tkun taf, jew raġonevolment tista' tkun mistennija li tkun taf li hija ġarrbet dannu minn ksur kif imsemmi fil-paragrafu 1.

↓ 2004/107 (adattat)

~~*Artikolu 9*~~

~~**Il-pieni**~~

~~L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li huma implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.~~

↓ 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 29~~30~~

Pieni

⇨ 1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[83], ⇦ ~~L~~l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur ⇨ minn persuni fiżiċi u ġuridiċi, ⇦ tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom ⌦ jiżguraw li dawk ir-regoli ⌫ ~~jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex jiżguraw li dawn~~ jiġu implimentati. Il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ⇨ L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed b'dawk ir-regoli u bi kwalunkwe emenda tagħhom. ⇦

⇩ ġdid

2. Il-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu multi proporzjonati għall-fatturat tal-persuna ġuridika jew għall-introjtu tal-persuna fiżika li tkun wettqet il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiġi kkalkolat b'tali mod li jiġi żgurat li effettivament iċaħħad lill-persuna responsabbli għall-ksur mill-benefiċċji ekonomiċi derivati minn dak il-ksur. Fil-każ ta' ksur imwettaq minn persuna ġuridika, tali multi għandhom ikunu proporzjonati mal-fatturat annwali tal-persuna ġuridika fl-Istat Membru kkonċernat, filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, l-ispeċifiċitajiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali msemmija fil-paragrafu 1 iqisu kif xieraq dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin, kif applikabbli:

(a) in-natura, il-gravità, il-firxa u d-durata tal-ksur;

---

[83] Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

(b) il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur;

(c) il-popolazzjoni, inklużi popolazzjoni sensittiva u grupp vulnerabbli, jew l-ambjent affettwat mill-ksur, b'kont meħud tal-objettiv li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent;

(d) il-karattru repetittiv jew singulari tal-ksur;

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

KAPITOLU VI<u>II</u>

~~KUMITAT~~ DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

Artikolu <u>30</u>~~31~~

Tħassir u dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Id-Direttivi ~~96/62/KE, 1999/30/KE, 2000/69/KE u 2002/3/KE~~ ⌦ 2004/107/KE u 2008/50/KE, kif emendati bid-Direttivi elenkati fil-Parti A tal-Anness X, huma ⌫ ~~jiġu għandhom b'dan~~ imħassra b'effett ⌦ minn ⌫ ⇨ [daħħal id-data jum wieħed wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni] ⇦ ~~mill-11 ta' Ġunju 2010~~, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri dwar il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni ⌦ fid-dritt nazzjonali ⌫ ~~jew l-applikazzjoni~~ ta' ~~dawn id-~~ ⌦ tad- ⌫Direttivi ⌦ stipulati fil-Parti B tal-Anness X ⌫ ..

~~Madankollu, mill-11 ta' Ġunju 2008, għandu japplika dan li ġej:~~

~~(a) fid-Direttiva 96/62/KE, paragrafu 1 tal-Artikolu 12 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:~~

~~"1. L-arranġamenti dettaljati għat-trażmissjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi provduta skont l-Artikolu 11 għandhom ikunu adottati skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 3;"~~

~~(b) fid-Direttiva 1999/30/KE, Artikolu 7(7), nota tal-qiegħ 1 f'punt I tal-Anness VIII u punt VI tal-Anness IX għandhom jiġu mħassra;~~

~~(c) fid-Direttiva 2000/69/KE, Artikolu 5(7) u punt III fl-Anness VII għandhom jiġu mħassra;~~

~~(d) fid-Direttiva 2002/3/KE, Artikolu 9(5) u punt II fl-Anness VIII għandhom jiġu mħassra.~~

~~2. Minkejja l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Artikoli li ġejjin għandhom jibqgħu fis-seħħ:~~

~~(a) l-Artikolu 5 tad-Direttiva 96/62/KE sal-31 ta' Diċembru 2010;~~

~~(b) l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 96/62/KE u l-Artikolu 10(1), (2) u (3) tad-Direttiva 2002/3/KE sa l-aħħar tat-tieni sena kalendarja wara d-dħul fis-seħħ tal-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 28(2) ta' din id-Direttiva;~~

~~(c) l-Artikolu 9(3) u (4) tad-Direttiva 1999/30/KE sal-31 ta' Diċembru 2009.~~

<u>2</u>~~3~~. Ir-referenzi ~~magħmula~~ għad-Direttivi mħassra għandhom ikunu interpretati ~~bħala magħmula~~ ⌦ bħala referenzi ⌫ għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw ~~skont it-tabella~~ ⌦ f'konformità mat-tabella ⌫tal-korrelazzjonijiet li tinsab fl-Anness <u>XI</u>~~XVII~~.

~~4. Id-Deċiżjoni 97/101/KE għandha tiġi mħassra b'effett mill-aħħar tat-tieni sena kalendarja wara d-dħul fis-seħħ tal-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 28(2) ta' din id-Direttiva.~~

~~Madankollu, it-tielet, ir-raba' u l-ħames inċiżi tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 97/101/KE għandhom jiġu mħassra b'effett mill-11 ta' Ġunju 2008.~~

↓ 2004/107 (adattat)

~~Artikolu 8~~

~~Ir-rapportar u r-reviżjoni~~

~~1. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 l-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ibbażat fuq:~~

~~(a) l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva,~~

~~(b) partikolarment, ir-riżultati tar-riċerka xjentifika l-aktar reċenti dwar l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem, waqt li jittieħed kont partikolari tal-kategoriji vulnerabbli tal-popolazzjoni u tal-ambjent in ġenerali, tal-esposizzjoni għall-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, u~~

~~(c) (ċ) l-iżviluppi teknoloġiċi nkluż il-progress li sar fil-metodi ta' kejl u li jistma l-konċentrazzjonijiet fl-arja ambjentali ta' dawn is-sustanzi li jniġġsu kif ukoll tad-depożizzjoni tagħhom.~~

~~2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jieħu kont ta':~~

~~(a) l-kwalità attwali tal-arja, t-tendenzi u l-previżjonijiet sa l-2015 u lil hinn;~~

~~(b) il-possibbiltà li jsir iżjed tnaqqis ta' emissjonijiet li jniġġsu mis-sorsi kollha rilevanti, u possibilment il-mertu li jiġu introdotti valuri ta' limitu mmirati għat-tnaqqis tar-riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-sustanzi li jniġġsu elenkati fl-Anness I, waqt li titqies il-fattibbiltà teknika u l-effiċjenza fl-infiq, u kwalunkwe protezzjoni addizzjonali sinifikanti li dan jipprovdi għas-saħħa u għall-ambjent;~~

~~(c) (ċ) ir-relazzjonijiet bejn is-sustanzi li jniġġsu u l-opportunitajiet għal strateġiji konġunti għat-titjib tal-kwalità tal-arja fil-Komunità u għanijiet relatati;~~

~~(d) l-ħtiġiet attwali u futuri sabiex il-pubbliku jiġi nfurmat u sabiex isir l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni;~~

~~(e) l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri, u b'mod partikolari tal-kundizzjonijiet li taħthom il-kejl ġie effettwat kif stipulat fl-Anness III;~~

~~(f) il-benefiċċji ekonomiċi sekondarji għall-ambjent u s-saħħa fit-tnaqqis ta' emissjonijiet tal-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi safejn dawn jistgħu jiġu stmati;~~

~~(g) l-adekwatezza tal-frazzjoni tad-daqs tal-partiċelli użati biex jittieħdu kampjuni minħabba r-rekwiżiti ġenerali tal-kejl ta' materja fil-forma ta' partikolati;~~

~~(h) l-adekwatezza tal-benżo(a)piren bħala indikatur tal-attività karċinoġenika totali tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, waqt li jittieħed kont tal-forom li huma l-iċċa l-kbira gassużi tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi bħall-fluworantene.~~

~~Fid-dawl tal-aħħar żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi l-Kummissjoni għandha wkoll teżamina l-effett tal-arseniku, il-kadmju u n-nikil fuq is-saħħa tal-bniedem bil-ħsieb li tiġi kkwantifikata~~

~~l-karċinoġeniċità ġenotossika tag'hom. Waqt li jittieħed kont tal-miżuri adottati skont l-istrateġija dwar il-merkurju, il-Kummissjoni għandha wkoll tikkunsidra jekk huwiex utli li tittieħed iktar azzjoni fir-rigward tal-merkurju, waqt li jittieħed kont tal-fattibilità teknika u tal-effettività fl-infiq u u ta' kwalunkwe protezzjoni addizzjonali sinifikanti li dan jipprovdi għas-saħħa u għall-ambjent.~~

~~3. Bl-iskop li jintlaħqu livelli ta' konċentrazzjonijiet ambjentali li jnaqqsu aktar l-effetti dannużi fuq is-saħħa tal-bniedem u li jwasslu għal protezzjoni għolja tal-ambjent in ġenerali, b'kont meħud tal-fattibbiltà teknika u l-effettività fl-infiq għal iktar azzjoni, ir-rapport msemmi fil-paragrafu 1 jista' jkun akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposti għal emendi ta' din id-Direttiva, waqt li jittieħed kont partikolarment tar-riżultati miksuba skont il-paragrafu 2. Barra minn hekk il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tirregola d-depożizzjoni ta' arseniku, kadmju, merkurju, nikil u idrokarburi aromatiċi poliċikliċi speċifiċi.~~

↓ 2008/50 (adattat)

~~Artikolu 32~~

~~Reviżjoni~~

~~1. Fl-2013, il-Kummissjoni għandha tirrivedi d-dispożizzjonijiet relatati ma' $PM_{2,5}$ u, skont kif ikun il-każ, sustanzi oħra ta' tniġġis u għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.~~

~~Fir-rigward tal-$PM_{2.5}$, ir-reviżjoni għandha ssir bil-ħsieb li tistabbilixxi obbligu ta' tnaqqis tal-esponiment nazzjonali sabiex tissostitwixxi l-mira nazzjonali għat-tnaqqis tal-esponiment u biex tirrevedi l-obbligu tal-konċentrazzjoni tal-esponiment stabbilit fl-Artikolu 15, b'kont meħud, inter alia, tal-elementi li ġejjin:~~

~~- l-informazzjoni xjentifika l-aktar reċenti mid-WHO u organizzazzjonijiet rilevanti oħra,~~

~~- sitwazzjonijiet tal-kwalità tal-arja u u tal-potenzjali għat-tnaqqis fl-Istati Membri,~~

~~- ir-reviżjoni tad-Direttiva 2001/81/KE,~~

~~- il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri Komunitarji għat-tnaqqis tas-sustanzi li jniġġsu tal-arja.~~

~~2. Il-Kummissjoni għandha tqis il-fattibilità li tadotta valur ta' limitu iżjed ambizzjuż ta' $PM_{2.5}$, għandha tirrevedi l-valur ta' limitu indikattiv tat-tieni stadju għall-$PM_{2,5}$ u tikkunsidra jekk tikkonfermax jew tibdilx dak il-valur.~~

~~3. Bħala parti mir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha tipprepara wkoll rapport dwar l-esperjenza u n-neċessità tal-monitoraġġ tal-PM10 u l-$PM_{2.5}$, b'kont meħud tal-progress tekniku f'sistemi ta' kejl awtomatiċi. Fejn ikun il-każ, għandhom jiġu proposti metodi ġodda ta' referenza għall-kejl tal-PM_{10} u l-$PM_{2.5}$.~~

↓ 2004/107

~~Artikolu 10~~

~~L-implimentazzjoni~~

~~1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa~~

~~mhux aktar tard minn 15 ta' Frar 1997. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.~~

~~Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, huma għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jkunu pubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif tali referenza għandha ssir.~~

~~2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali, li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.~~

🡻 2008/50 (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 31~~33~~

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ~~ma' din id-Direttiva~~ ⌦ mal-Artikoli 1, 2 u 3, l-Artikolu 4, il-punti (2), (13), (14), (16), (18), (19), (21), (22), il-punti (24) sa (30), il-punti (36), (37), (38) u (39), l-Artikoli 5 sa 12, l-Artikolu 13(1), (2), (3), (6) u (7), l-Artikolu 15, l-Artikolu 16(1) u (2), l-Artikoli 17 sa 21, l-Artikolu 22(1), (2) u (4), l-Artikoli 23 sa 29 u l-Annessi I sa IX ⌫ ⇨ sa mhux iktar tard minn [daħħal id-data: sentejn wara d-dħul fis-seħħ] ⇦~~qabel il- 11 ta' Ġunju 2010~~.

Fejn l-Istati Membri jadottaw ~~dawn~~ il-miżuri ⌦ msemmija f'dan il-paragrafu ⌫ , dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment. ⌦ Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li r-referenzi fil-liġijiet, fir-regolamenti u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttivi mħassra minn din id-Direttiva għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni. ⌫ ~~Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.~~

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi ~~tad-dispożizzjonijiet~~ ⌦ tal-miżuri ⌫ prinċipali tad-dritt nazzjonali, li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikoli 32~~34~~

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ ⌦ fl-għoxrin ⌫ ~~fil-~~ jum ⌦ wara dak ⌫ tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta l-Unjoni Ewropea*.

⇩ ġdid

L-Artikolu 4(1), (3) sa (12), l-Artikolu 4(15), (17), (20), (23) u (31) sa (35), l-Artikolu 13(4) u (5), l-Artikoli 14, 16 (3), 22 (3) għandhom japplikaw minn [il-jum wara d-data fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 31(1)].

↓ 2008/50

Artikoli 33~~35~~

Destinatarji

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*